

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 359/2011**

tat-12 ta' April 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

(ĠU L 100, 14.4.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1002/2011 tal-10 ta' Ottubru 2011	L 267	1	12.10.2011
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 264/2012 tat-23 ta' Marzu 2012	L 87	26	24.3.2012
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012	L 352	15	21.12.2012
► <u>M4</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 206/2013 tal-11 ta' Marzu 2013	L 68	9	12.3.2013
► <u>M5</u>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013	L 158	1	10.6.2013
► <u>M6</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 371/2014 tal-10 ta' April 2014	L 109	9	12.4.2014
► <u>M7</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/548 tas-7 ta' April 2015	L 92	1	8.4.2015
► <u>M8</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/556 tal-11 ta' April 2016	L 96	3	12.4.2016
► <u>M9</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/685 tal-11 ta' April 2017	L 99	10	12.4.2017
► <u>M10</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/565 tat-12 ta' April 2018	L 95	1	13.4.2018
► <u>M11</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/560 tat-8 ta' April 2019	L 98	1	9.4.2019
► <u>M12</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1163 tal-5 ta' Lulju 2019	L 182	33	8.7.2019
► <u>M13</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/510 tas-7 ta' April 2020	L 113	1	8.4.2020
► <u>M14</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/584 tat-12.4.2021	L 124 I	1	12.4.2021
► <u>M15</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/587 tat-12 ta' April 2021	L 125	1	13.4.2021
► <u>M16</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/592 tal-11 ta' April 2022	L 114	37	12.4.2022
► <u>M17</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/595 tal-11 ta' April 2022	L 114	60	12.4.2022
► <u>M18</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1955 tas-17 ta' Ottubru 2022	L 269 I	1	17.10.2022

► <u>M19</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2230 tal-14 ta' Novembru 2022	L 293 I	13	14.11.2022
► <u>M20</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2231 tal-14 ta' Novembru 2022	L 293 I	16	14.11.2022
► <u>M21</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2428 tat-12 ta' Diċembru 2022	L 318 I	1	12.12.2022
► <u>M22</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/152 tat-23 ta' Jannar 2023	L 20 I	1	23.1.2023
► <u>M23</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/379 tal-20 ta' Frar 2023	L 51 I	13	20.2.2023
► <u>M24</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/645 tal-20 ta' Marzu 2023	L 80 I	1	20.3.2023

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 294, 10.10.2014, p. 56 (359/2011)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 231, 17.7.2020, p. 17 (2020/510)



REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 359/2011

tat-12 ta' April 2011

**dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi
fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “fondi” tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, inklużi iżda mhux limitati għal:
- (i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flus, kambjali, money orders (ordni tal-flus) u strumenti oħra ta' pagament;
 - (ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;
 - (iii) titoli ta' sigurtà u titoli ta' dejn innegożjati pubblikament u privatament, inklużi titoli ta' fondi u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli ta' sigurtà, bonds, noti, warrants, obbligazzjonijiet u kuntratti derivati;
 - (iv) imgħax, dividendi jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew iġġenerat minnhom;
 - (v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, performance bonds jew impenji finanzjarji oħra;
 - (vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;
 - (vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;
- (b) “iffriżar ta' fondi” tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi fi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, l-ammont, il-lok, id-dritt tal-proprjetà, il-pussess, il-karattru, id-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' portafoll;
- (c) “riżorsi ekonomiċi” tfisser assi ta' kull xorta, kemm jekk tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;
- (d) “iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi” tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi fi kwalunkwe mod, li jinkludu, iżda mhumiex limitat għal, bejgħ, kiri jew ipoteki tagħhom;
- (e) “territorju tal-Unjoni” tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

▼ **M2***Artikolu 1a*► **M3** 1. ◀ Għandu jiġi pprojbit:

- (a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, dirett jew indirett, ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;
- (b) li jkunu pprovduti, direttament jew indirettament, assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;
- (c) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti, jew għal kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;
- (d) il-parteċipazzjoni, konxja u b'intenzjoni, f'attivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a),(b) u (c).

▼ **M3**

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III sakemm dan ikun maħsub biss għall-użu protettiv tal-persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-Iran, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija jew ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1(b) u (c) relatati ma' tali tagħmir.

▼ **M2***Artikolu 1b*

1. Huwa pprojbit li wieħed ibiġħ, iforni, jittrasferixxi jew jesporta, b'mod dirett jew b'mod indirett, tagħmir, teknoloġija jew softwer identifikata fl-Anness IV, kemm jekk joriġina jew le mill-Unjoni, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran, sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru relevanti, kif identifikat fis-siti tal-internet imsemmija fl-Anness II, ma tkunx tat awtorizzazzjoni minn qabel.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif identifikati fis-siti tal-internet imsemmija fl-Anness II, ma għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 jekk dawn ikollhom raġunijiet validi biex jiddeterminaw li t-tagħmir, it-teknoloġija jew is-softwer inkwistjoni se jintużaw għas-sorveljanza jew għall-interċettazzjoni, mill-gvern Iranjan, korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji jew kwalunkwe persuna jew entità li topera jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, tal-komunikazzjoni tat-telefon jew tal-internet fl-Iran.

▼M2

3. L-Anness IV għandu jinkludi tagħmir, teknoloġija jew softwer li jistgħu jintużaw għas-sorveljanza jew għall-interċettazzjoni tal-komunikazzjoni tal-internet jew tat-telefon.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri oħrajn u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu, fi żmien erba' ġimgħat wara l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 1c

1. Għandu jiġi pprojbit:

- (a) il-provvediment, b'mod dirett jew b'mod indirett, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija relatati mat-tagħmir, mat-teknoloġija jew mas-softwer identifikati fl-Anness IV, jew relatati mal-provvediment, mal-manifattura, maż-żamma u mal-użu tat-tagħmir u t-teknoloġija identifikati fl-Anness IV jew mal-provvediment, mal-installazzjoni, mal-operat jew mal-aġġornar ta' kwalunkwe softwer identifikati fl-Anness IV, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;
- (b) il-provvediment, b'mod dirett jew b'mod indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatata mat-tagħmir, it-teknoloġija u s-softwer identifikati fl-Anness IV, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;
- (c) il-provvediment ta' kwalunkwe servizzi ta' sorveljanza jew ta' interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni jew tal-internet ta' kwalunkwe tip lil, jew għall-benefiċċju dirett jew indirett ta', l-gvern tal-Iran, korpi pubbliċi, korporazzjonijiet jew aġenziji tiegħu jew kwalunkwe persuna jew entità li jkunu qed joperaw f'isimhom jew taħt id-direzjoni tagħhom; kif ukoll
- (d) il-parteciċipazzjoni, b'mod konxju u b'mod intenzjonat, fi kwalunkwe attività li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) (b) jew (c) ta' hawn fuq;

sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, kif identifikata fis-siti tal-internet imsemmija fl-Anness II, ma tkunx tat awtorizzazzjoni minn qabel, fuq il-bażi kif stabbilit fl-Artikolu 1b(2).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(c), “servizzi ta' sorveljanza jew ta' interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni jew tal-internet” tfisser dawk is-servizzi li jipprovdu, b'mod partikolari bl-użu ta' tagħmir, teknoloġija jew softwer kif identifikat fl-Anness IV, aċċess għal u twassil tad-dejta assoċjata ma' telekomunikazzjoni dieħla jew ħierġa u dejta assoċjata mat-telefonati għall-finijiet tal-estrazzjoni, id-dekodifikar, ir-reġstrar, l-ipproċessar, l-analiżi u l-ħżin tagħha jew kwalunkwe attività relatata oħra.

▼B*Artikolu 2*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew li huma proprjetà tagħhom jew miżmuma jew kontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom isiru disponibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness I, jew għall-benefiċċju tagħhom direttament jew indirettament.

▼B

3. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, b'mod dirett jew indirett, l-evitar tal-miżuri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandha tiġi pprojbata.

Artikolu 3

1. L-Anness I għandu jikkonsisti minn lista ta' persuni li, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala responsabbli tal-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, u persuni, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

2. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-inklużjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati fil-lista.

3. L-Anness I għandu jinkludi wkoll, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi kkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kif elenkati fl-Anness II jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilhom li huma adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

- (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness I, u l-membri tal-familja dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka immobiljari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż magħmula li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;
- (c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' miżati jew il-ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li f'dan il-każ li l-Istat Membru jkun innotifika bir-raġunijiet li jikkunsidra li għalihom għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma s-suġġett ta' garanzija ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 2 ikunu ġew elenkati fl-Anness I, jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni ser jintużaw esklussivament sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet iggarantiti b'din il-garanzija jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li għandhom tali pretendenzjonijiet;
- (c) il-garanzija jew is-sentenza mhumiex għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u
- (d) ir-rikonoxximent li l-garanzija jew is-sentenza ma jmorrux kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 6

1. L-Artikolu 2(2) m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew
- (b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmijin fl-Artikolu 2 jkunu ġew elenkati fl-Anness I,

dment li kwalunkwe imgħax, qligħ u pagamenti oħrjan ikunu ffriżati skont l-Artikolu 2(1).

2. L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, dment li kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar transazzjoni bħal din mingħajr dewmien.

Artikolu 7

B'deroga mill-Artikolu 2, u dment li pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness I ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż, jew obbligu li nholq mill-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernat, qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp kienu

▼B

nnominati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kondizzjonijiet li huma jqisu adatti, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li:
 - (i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw għal pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u
 - (ii) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 2(2); u
- (b) l-Istat Membru kkonċernat, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni.

Artikolu 8

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li jsiru disponibbli fondi jew riżorsi ekonomiċi, magħmul in bona fede fuq il-bażi li tali azzjoni hi konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandux joħloq responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplementawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma bħala riżultat ta' negliġenza.

2. Il-projbizzjoni mniżżla fl-Artikolu 2(2) m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' kwalunkwe tip min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi li poġġew għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

Artikolu 9

1. Bla ħsara għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom:

- (a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma residenti jew fejn jinsabu bħalissa, kif indikati fil-websajts elenkati fl-AnnessII, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-Istati Membri, lill-Kummissjoni; u
- (b) jikkoperaw ma' dik l-awtorità kompetenti f'kull verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew tiġi rċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew irċevuta.

Artikolu 10

L-Istati Membri u l-Kummissjoni u għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin bil-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti konnessa

▼B

ma' dan ir-Regolament li hija għad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 12

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2(1), huwa għandu jemenda l-Anness I kif adatt.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elekar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp ikkonċernat kif adatt.

4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi rieżaminata f'intervalli regolari u tal-inqas kull 12-il xahar.

Artikolu 13

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penaltajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet iprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u diss-ważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 14

F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 15

Dan ir-Regolament għandu japplika:

- (a) fit-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;
- (b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

▼B

- (c) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadina ta' Stat Membru;
- (d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;
- (e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, b'mod sħiħ jew parzjalment, ġewwa l-Unjoni.

Artikolu 16

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **B**

ANNEX I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)

Persuni

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼ M16	1. AHMADI-MOQADDAM Esmail	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 1961 Sess: raġel	Direttur tal-Università u l-Istitut tar-Riċerka tad-Difiża Nazzjonali Superjuri mill-20 ta' Settembru 2021. Eks Konsulent Għoli għall-Affarijiet ta' Sigurtà tal-Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati. Kap tal-Pulizija Nazzjonali tal-Iran mill-2005 sa kmieni fl-2015. Kap tal-Pulizija Ċibernetika Iranjana (elenkata mill-UE) minn Jannar 2011 sa kmieni fl-2015 ukoll. Il-forzi taħt il-kmand tiegħu wettqu attakki brutali fuq protesti paċifiċi, u attakk vjolenti mal-lejl fuq id-dormitorji tal-Università ta' Tehran fil-15 ta' Ġunju 2009. Eks kap tal-Kwartieri Ġenerali tal-Iran b'appoġġ għall-Poplu Jemenita.	12.4.2011
▼ M13	2. ALLAHKARAM Hossein	Post tat-twelid: Najafabad (Iran) Data tat-twelid: 1945 Sess: raġel	Kap tal-Kunsill tal-Koordinazzjoni tal-Ansar-e Hezbollah u eks ġeneral fl-IRGC. Huwa kofundatur tal-Ansar-e Hezbollah. Din il-forza paramilitari kienet responsabbli għal vjolenza estrema waqt repressjoni kontra studenti u universitajiet fl-1999, l-2002 u l-2009. Huwa jżomm ir-rwol għoli tiegħu f'organizzazzjoni li lesta twettaq ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-pubbliku, fosthom bit-tħeġġiġ tal-aggressjoni fuq in-nisa għall-għażla ta' ħwejjeġ tagħhom.	12.4.2011
	3. ARAGHI (ERAGHI) Abdollah	Sess: raġel Titlu: Brigadier Ġenerali	Brigadier Ġenerali fl-IRGC. Kap tad-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati. Eks Viċi Kap tal-Forzi tal-Art tal-IRGC. Huwa kellu responsabbiltà diretta u personali għar-repressjoni tal-protesti matul is-sajf kollu tal-2009.	12.4.2011
▼ M15	4. FAZLI Ali	Sess: raġel Titlu: Brigadier Ġeneral	Eks Kap tal-Kulleġġ tal-Kadetti Imam Hossein (2018-Ġunju 2020). Eks viċi Kmandant tal-Basij (2009-2018), Kap tal-Korp Seyyed al-Shohada tal-IRGC, Provinċja ta' Tehran (sa Frar 2010). Il-Korp Seyyed al-Shohada huwa inkarigat mis-sigurtà fil-provinċja ta' Tehran u kellu rwol prinċipali fir-repressjoni brutali ta' dimostranti fl-2009.	12.4.2011
▼ M8	—			
▼ M13	6. JAFARI Mohammad-Ali (magħruf ukoll bħala "Aziz Jafari")	Post tat-twelid: Yazd (Iran) Data tat-twelid: 1.9.1957 Sess: raġel	Direttur tal-Bażi Soċjali u Kulturali Hazrat-e Baqiatollah. Eks Kmandant tal-IRGC (Settembru 2007-April 2019). L-IRGC u l-Bażi ta' Sarollah taħt il-kmand tal-Ġeneral Mohammad-Ali (Aziz) Jafari kellhom rwol prinċipali fl-indhli illegali tal-Elezzjonijiet Presidenzjali tal-2009, bl-arrest u ż-żamma ta' attivisti politiċi, kif ukoll bil-konfrontazzjonijiet kontra persuni li ħadu sehem fi protesti fit-toroq.	12.4.2011

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	KHALILI Ali	Sess: raġel	Ġeneral tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), fi rwol għoli fil-Bażi ta' Sarollah. Huwa ffirmat ittra li ntbagħtet lill-Ministeru tas-Saħħa fis-26 ta' Ġunju 2009 li tipprojbixxi l-preżentazzjoni ta' dokumenti jew rekords mediċi lil persuni li ndarbu jew li ddaħħlu l-isptar matul avvenimenti li seħħew wara l-elezzjonijiet.	12.4.2011

▼ **M15**

8.	MOTLAGH Bahram Hosseini	Sess: raġel	Membru tal-persunal tal-ġhalliema tal-Università Imam Hossein (Gwardjani tar-Rivoluzzjoni). Eks Kap tal-Kmand tal-Armata u tal-Kulleġġ tal-Persunal Ġenerali (DAFOOS). Eks Kap tal-Korp Seyyed al-Shohada tal-IRGC, Provinċja ta' Tehran. Il-Korp Seyyed al-Shohada kellu rwol prinċipali fl-organizzazzjoni tar-repressjoni tal-protesti fl-2009.	12.4.2011
----	-------------------------	-------------	--	-----------

▼ **M13**

9.	NAQDI Mohammad-Reza	Post tat-twelid: Najaf (Iraq) – Data tat-twelid: Madwar 1952 Sess: raġel Titlu: Brigadier Ġenerali	Viċi Koordinatur tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Eks viċi Kap tal-IRGC għall-affarijiet kulturali u soċjali. Eks Kmandant tal-Basij (2009-2016). Bħala kmandant tal-Forzi tal-Basij tal-IRGC, Naqdi kien responsabbli għal, jew kompliċi fl-abbużi tal-Basij li seħħew tard fl-2009, inkluż għar-reazzjoni vjolenti għall-protesti ta' Jum l-Ashura f'Diċembru 2009, li wasslet għall-mewt ta' madwar 15-il persuna u l-arrest ta' mijiet ta' persuni li pprotestaw. Qabel il-ħatra tiegħu bħala kmandant tal-Basij f'Ottubru 2009, Naqdi kien il-kap tal-Unità tal-Intelligence tal-Basij responsabbli għall-interrogazzjoni ta' dawk li ġew arrestati matul ir-repressjoni li seħħet wara l-elezzjonijiet.	12.4.2011
----	---------------------	---	---	-----------

10.	RADAN Ahmad-Reza	Post tat-twelid: Isfahan (Iran) – Data tat-twelid: 1963 Sess: raġel	Kap taċ-Ċentru għall-Istudji Strateġiċi tal-Forza tal-Infurzar tal-Liġi Iranjana, korp marbut mal-Pulizija Nazzjonali. Viċi Kap tal-Pulizija Nazzjonali tal-Iran sa Ġunju 2014. Bħala Viċi Kap tal-Pulizija Nazzjonali mill-2008, Radan kien responsabbli għal swat, qtil u arresti u detenzjonijiet arbitrarji ta' dimostrandanti, imwettqa mill-forzi tal-pulizija. Attwalment kmandant tal-IRGC responsabbli mit-taħriġ ta' forzi Iraqini għal "kontra t-terroriżmu".	12.4.2011
-----	------------------	---	--	-----------

▼ **M15**

11.	RAJABZADEH Azizollah	Sess: raġel	Kmandant tal-Kwartieri Ġenerali tal-Ordni Urbana mill-2014. Eks Kap tal-Organizzazzjoni ta' Mitigazzjoni tad-Diżastri ta' Tehran (2010-2013). Bħala Kap tal-Pulizija ta' Tehran sa Jannar 2010, kien responsabbli mill-attakki vjolenti tal-pulizija fuq dimostrandanti u studenti. Bħala Kmandant tal-Forzi ta' Infurzar tal-Liġi fi Greater Tehran, kien l-akkużat bl-ogħla kariga fil-każ tal-abbużi fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Kahrizak f'Diċembru 2009.	12.4.2011
-----	----------------------	-------------	---	-----------

▼ **M13**

12.	SAJEDI-NIA Hossein	Sess: raġel	Viċi Kmandant tal-Operazzjonijiet tal-Pulizija. Eks Kap tal-Pulizija ta' Tehran, eks Viċi Kap tal-Pulizija Nazzjonali tal-Iran responsabbli għall-Operazzjonijiet tal-Pulizija. Huwa inkarigat mill-Ministeru għall-Intern bil-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet ta' repressjoni fil-belt kapitali Iranjana.	12.4.2011
-----	--------------------	-------------	---	-----------

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	TAEB Hossein	Post tat-twelid: Tehran (Iran) – Data tat-twelid: 1963 Sess: raġel	Kap tal-organizzazzjoni tal-intelligence tal-IRGC minn Ottubru 2009. Ir-responsabbiltajiet tiegħu ġew estiżi f'Mejju 2019 bil-fużjoni tal-Uffiċċju tal-Viċi tal-Intelligence Strateġika tal-IRGC u l-Organizzazzjoni tal-Intelligence tal-IRGC. Kmandant tal-Basij sa Ottubru 2009. Forzi taħt il-kmand tiegħu ħadu sehem fi swat tal-massa, qtil, detenzjonijiet u torturi ta' persuni li pprotestaw b'mod paċifiku.	12.4.2011
14.	SHARIATI Seyed Hassan	Sess: raġel	Konsulent u Membru tat-28 Taqsima tal-Qorti Suprema. Kap tal-Ġudikatura ta' Mashhad sa Settembru 2014. Proċessi taħt is-superviżjoni tiegħu tmexxew b'mod sommarju u f'sessjonijiet magħluqa, mingħajr konformità mad-drittijiet bażiċi tal-akkużati, u kienu bbażati fuq stqarrijiet li ġew akkwistati bl-użu ta' pressjoni u tortura. Peress li nħarġu sentenzi ta' eżekuzzjoni bil-massa, inħarġu pjeni tal-mewt mingħajr osservanza tajba ta' proċeduri ta' smigħ ġust.	12.4.2011
▼ M15				
15.	DORRI-NADJA-FABADI Ghorban-Ali	Post tat-twelid: Najafabad (Iran) Data tat-twelid: 3.12.1950 Sess: raġel	Membru tal-Assemblea tal-Esperti u rappreżentant tal-Mexxej Suprem fil-Provinċja ta' Markazi (Ċentrali) u Kap tal-Qorti Amministrattiva Suprema. Prosekutur Ġenerali tal-Iran sa Settembru 2009, kif ukoll eks Ministru għall-Intelligence matul il-Presidenza ta' Khatami. Bħala Prosekutur Ġenerali tal-Iran, huwa ordna u ssorvelja l-proċessi spetaklu b'segwitu għall-ewwel protesti ta' wara l-elezzjonijiet, fejn l-akkużati kienu miċħuda d-drittijiet tagħhom, u avukat.	12.4.2011
—				
▼ M13				
17.	SOLTANI Hodjatoleslam Seyed Mohammad	Sess: raġel	Kap tal-Organizzazzjoni għall-Propaganda Iżlamika fil-provinċja ta' Khorasan-Razavi. Imħallef, Qorti Rivoluzzjonarja ta' Mashhad sal-2013. Proċessi taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu tmexxew b'mod sommarju u f'sessjonijiet magħluqa, mingħajr konformità mad-drittijiet bażiċi tal-akkużati. Peress li nħarġu sentenzi ta' eżekuzzjoni bil-massa, inħarġu pjeni tal-mewt mingħajr osservanza tajba ta' proċeduri ta' smigħ ġust.	12.4.2011
18.	HEYDARIFAR Ali-Akbar	Sess: raġel	Eks imħallef, Qorti Rivoluzzjonarja ta' Tehran. Huwa ħa sehem fil-proċessi ta' persuni li pprotestaw. Huwa ġie interrogat mill-ġudikatura dwar abbużi ta' Kahrizak. Huwa kien strumentali fil-ħruġ ta' ordnijiet ta' detenzjoni biex detenuti jintbagħtu fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Kahrizak fl-2009. F'Novembru 2014, ir-rwol tiegħu fl-imwiet ta' detenuti ġie rikonoxxut uffiċjalment mill-awtoritajiet Iranjani.	12.4.2011

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
--	------	-------------------------------	------------	------------------

▼ **M15**

19.	JAFARI- DOLA-TABADI Abbas	Post tat-twelid: Yazd (Iran) Data tat-twelid: 1953 Sess: raġel	Konsulent għall-Qorti Dixxiplinari Suprema tal-Imħallfin sa mid-29 ta' April 2019. Eks Prosekutur Ġenerali ta' Tehran (Awwissu 2009-April 2019). L-uffiċċju ta' Dolatabadi akkuża numru kbir ta' persuni li pprotestaw, inklużi individwi li ħadu sehem fil-protesti ta' Jum l-Ashura f'Diċembru 2009. Huwa ordna l-għeluq tal-uffiċċju ta' Karroubi f'Settembru 2009 u l-arrest ta' diversi politiċi riformisti, u pprojbixxa żewġ partiti politiċi riformisti f'Ġunju 2010. L-uffiċċju tiegħu akkuża lil persuni li pprotestaw b'"Muha-rebeh", jew mibegħda kontra Alla, li ġgħorr il-piena tal-mewt, u ċaħad proċess dovut lil dawk li kienu qed jiffaċċjaw il-piena tal-mewt. L-uffiċċju tiegħu fittex u arresta wkoll riformisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, u membri tal-media, bħala parti minn repressjoni wiesgħa tal-oppożizzjoni politika. F'Ottubru 2018 huwa ħabbar lill-media li l-erba' attivisti ambjentali Iranjani li ġew arrestati kellhom jiġu akkużati bi "trawwim tal-korruzzjoni fid-dinja", akkuża li ġgħorr il-piena tal-mewt.	12.4.2011
-----	---------------------------	--	---	-----------

▼ **M16**

20.	MOGHISSEH Mohammad (magħruf ukoll bħala NASSERIAN)	Sess: raġel	Imħallef fil-Qorti Suprema minn Novembru 2020. Eks kap tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Tehran, fergħa 28. Meqjus ukoll responsabbli għall-kundanni ta' membri tal-komunità Bahai. Itratta wkoll kawżi ta' wara l-elezzjoni. Ta' sentenzi ta' priġunerija fit-tul matul proċessi inguġti ta' attivisti u ġurnalisti soċjali u politiċi, u diversi pjeni tal-mewt għal persuni li pprotestaw u attivisti soċjali u politiċi.	12.4.2011
21.	MOHSENI-EJEI Gholam-Hossein	Post tat-twelid: Ejiyeh (Iran) Data tat-twelid: madwar 1956 Sess: raġel	Prim Imħallef minn Lulju 2021. Membru tal-Kunsill ta' Espedjenza. Prosekutur Ġenerali tal-Iran minn Settembru 2009 sal-2014. Eks Viċi Kap tal-Ġudikatura (2014 sa Lulju 2021) u kelliem għall-Ġudikatura (2010-2019). Ministru tal-Intelligence mill-2005 sal-2009. Waqt li kien Ministru għall-Intelligence matul l-elezzjoni tal-2009, aġenti tal-intelligence taħt il-kmand tiegħu kienu responsabbli għad-detenzjoni u t-tortura ta' u l-akkwist ta' stqarrijiet foloz taħt pressjoni mingħand, mijiet ta' attivisti, ġurnalisti, dissidenti u politiċi riformisti. Barra minn hekk, figuri politiċi kienu mġiegħla jagħmlu stqarrijiet foloz taħt interrogazzjoni insopportabbli li kienu jinkludu tortura, abbuż, rikatti, u t-theddid ta' membri tal-familja.	12.4.2011
22.	MORTAZAVI Said (magħruf ukoll bħala MORTAZAVI Saeed)	Post tat-twelid: Meybod, Yazd (Iran) Data tat-twelid: 1967 Sess: raġel	Kap tas-Sistema ta' Protezzjoni Soċjali mill-2011 sal-2013. Prosekutur Ġenerali ta' Tehran sa Awwissu 2009. Bħala Prosekutur Ġenerali ta' Tehran, huwa kien ħareġ ordni ġenerali għad-detenzjoni ta' mijiet ta' attivisti, ġurnalisti u studenti. F'Janjar 2010, investigazzjoni parlamentari sabitu direttament responsabbli għad-detenzjoni ta' tliet ħabsin li sussegwentement mietu fil-ħabs. Huwa ġie sospiż mill-kariga f'Awwissu 2010 wara investigazzjoni mill-ġudikatura Iranjana dwar ir-rwol tiegħu fl-imwiet tat-tliet irġiel miżmuma fuq l-ordnijiet tiegħu wara l-elezzjoni.	12.4.2011

▼ **M16**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			F'Novembru 2014, ir-rwol tiegħu fl-imwiet ta' detenuti ġie rikonoxxut uffiċjalment mill-awtoritajiet Iranjani. Ġie liberat minn Qorti Iranjana fid-19 ta' Awwissu 2015, fuq akkużi marbuta mat-tortura u l-imwiet ta' tliet gúvintur fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Kahrizak fl-2009. Ikkundannat għall-ħabs fl-2017 u rilaxxat f'Settembru 2019. F'Awwissu 2021, il-Qorti Suprema tal-Iran ħarġet sentenza b'appoġġ sħiħ għal Said Mortazavi, fejn qalbet is-sentenza preċedenti tiegħu ta' sentejn ħabs.	

▼ **M13**

23.	PIR-ABASSI Abbas	Sess: raġel	Maġistrat ta' Awla kriminali. Eks Imħallef, Qorti Rivoluzzjonarja ta' Tehran, fergħa 26. Kien inkarigat minn każijiet ta' wara l-elezzjoni, ħareġ sentenzi ta' priġunerija fit-tul matul proċessi inġusti kontra attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u diversi sentenzi kapitali lil dimostranti.	12.4.2011
24.	MORTAZAVI Amir	Sess: raġel	Viċi kap tal-Unità għall-Affarijiet Soċjali u l-Prevenzjoni tal-Kriminalità fil-ġudikatura fil-provinċja ta' Khorasan-Razavi. Viċi Prosekutur ta' Mashhad sa mill-inqas 2015. Proċessi taħt il-prosekuzzjoni tiegħu tmexxew b'mod sommarju u f'sessjonijiet magħluqa, mingħajr konformità mad-drittijiet bażiċi tal-akkużati. Peress li nħarġu sentenzi ta' eżekuzzjoni bil-massa, inħarġu pjeni tal-mewt mingħajr osservanza tajba ta' proċeduri ta' smiġ ġust.	12.4.2011

▼ **M16**

25.	SALAVATI Abdolghassem	Sess: raġel	Imħallef tal-Qorti Speċjali għar-Reati Finanzjarji, fergħa 4 mill-2019. Imħallef, Kap tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Tehran, fergħa 15. Imħallef fit-Tribunal ta' Tehran. Inkarigat mill-kawżi ta' wara l-elezzjoni, huwa kien l-Imħallef li ppresieda l-proċessi spettaklu fis-sajf 2009, huwa kkundanna għall-mewt żewġ monarkisti li deheru fil-proċessi spettaklu. Huwa kkundanna aktar minn mitt priġunier politiku, attivisti għad-drittijiet tal-bniedem, u dimostranti għal sentenzi ta' priġunerija fit-tul. Fl-2018, ir-rapporti wrew li kompli jagħti sentenzi simili mingħajr l-osservanza xierqa tal-proċeduri ta' smiġ ġust.	12.4.2011
-----	-----------------------	-------------	--	-----------

▼ **M13**

26.	SHARIFI Malek Adjar (magħruf ukoll bħala: SHARIFI Malek Ajdar)	Sess: raġel	Imħallef fil-Qorti Suprema, kap tat-43 taqsima. Eks Kap tal-Ġudikatura tal-Lvant tal-Azerbajġan. Kien responsabbli għall-proċess ta' Sakineh Mohammadi-Ashtiani.	12.4.2011
-----	--	-------------	--	-----------

▼ **M16**

--	--	--	--	--

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
--	------	-------------------------------	------------	------------------

▼ **M16**

28.	YASAGHI Ali-Akbar	Sess: raġel	Imhalef fil-Qorti Suprema, kap tat-13-il taqsima. Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Setade Dieh. Prim Imhalef, Qorti Rivoluzzjonarji ta' Mashhad (2001-2011). Proċessi taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu tmexxew b'mod sommarju u f'sessjonijiet magħluqa, mingħajr konformità mad-drittijiet bażiċi tal-akkużati. Peress li nħarġu sentenzi ta' eżekuzzjoni bil-massa (sa 550 bejn is-sajf tal-2009 u s-sajf tal-2011), il-pieni tal-mewt inħarġu mingħajr l-osservanza xierqa tal-proċeduri ta' smiġh ġust.	12.4.2011
-----	-------------------	-------------	--	-----------

▼ **M13**

29.	BOZORGNIA Mostafa	Sess: raġel	Kap tas-Sala 350 fil-Ħabs ta' Evin. F'diversi okkażjonijiet uża vjolenza sproporzjonata fuq il-priġunieri.	12.4.2011
-----	-------------------	-------------	--	-----------

▼ **M16**

30.	ESMAILI Gholam-Hossein (magħruf ukoll bħala ESMAILI Gholam Hossein)	Sess: raġel	Kap tal-Persunal tal-President Iranjan Raisi minn Awwiissu 2021. Kelliem għall-ġudikatura minn April 2019 sa Lulju 2021. Eks Kap tal-Ġudikatura ta' Tehran. Eks Kap tal-Organizzazzjoni tal-Ħabsijiet tal-Iran. F'din il-kariga, huwa kien kompliċi fid-detenzjoni massiva ta' persuni li pprotestaw għal raġunijiet politiċi u għall-ħabi ta' abbużi mwettqa fis-sistema ta' priġunerija.	12.4.2011
-----	---	-------------	--	-----------

▼ **M13**

31.	SEDAQAT (magħruf ukoll bħala Sedaghat) Farajollah	Sess: raġel	Assistent Segretarju tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Ħabs f'Tehran. Kap tal-ħabs ta' Evin, Tehran sa Ottubru 2010 fejn matul dan iż-żmien wettaq torturi. Huwa kien gwardjan, u hedded u għamel pressjoni fuq il-priġunieri bosta drabi.	12.4.2011
-----	---	-------------	--	-----------

32.	ZANJIREI Mohammad-Ali	Sess: raġel	Bħala Konsulent għoli għall-Kap, u Viċi Kap tal-Organizzazzjoni tal-Ħabsijiet tal-Iran, responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-priġunieri. Amministra sistema li fiha l-priġunieri baww minn abbuż, tortura u trattament inuman/degradanti u tqiegħdu f'kondizzjonijiet ta' għajxien ħżiena ħafna.	12.4.2011
-----	-----------------------	-------------	---	-----------

▼ **M16**

33.	ABBASZADEH-MESHKINI, Mahmoud	Sess: raġel	Membru tal-Parlament (minn Frar 2020) u Speaker tal-Kumitat tal-Parlament għas-Sigurtà Nazzjonali u l-Affarijiet Barranin. Eks Konsulent għall-Kunsill Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Iran (sal-2019). Eks segretarju tal-Kunsill Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem. Eks gvernatur tal-Provinċja ta' Ilam. Eks Direttur Politiku tal-Ministeru għall-Intern. Bħala Kap tal-Kumitat tal-Artikolu 10 tal-Liġi dwar Attivitajiet ta' Partiti u Gruppi Politiċi, huwa kien jieħu ħsieb l-awtorizzazzjoni ta' dimostrazzjonijiet u avvenimenti pubbliċi oħra u r-reġistrazzjoni ta' partiti politiċi. FI-2010, huwa ssospenda l-attivitajiet ta' żewġ partiti politiċi riformisti marbuta ma' Mousavi – il-Front Iżlamiku għall-Parteċipazzjoni tal-Iran u l-Organizzazzjoni ta' Mujahedeen għar-Rivoluzzjoni Iżlamika. Mill-2009 'l quddiem, irriġjuta b'mod konsistenti u kontinwu l-laqgħat	10.10.2011
-----	------------------------------	-------------	--	------------

▼ **M16**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>kollha mhux governattivi, u b'hekk każhad dritt kostituzzjonali għall-protesta u wassal għal ħafna arresti ta' dimostranti paċifiċi bi ksur tad-dritt għal-libertà ta' assemblea.</p> <p>Fl-2009 huwa każhad ukoll l-oppożizzjoni minn permess għal ċerimonja biex tibki t-telfa tan-nies maqtula fi protesti matul l-elezzjonijiet Prezidenzjali.</p>	

▼ **M15**

34.	AKBARSHAHI Ali-Reza	Sess: raġel	<p>Eks Direttur Ġenerali tal-Kwartieri Ġenerali għall-Kontroll tad-Drogi tal-Iran (magħruf ukoll bħala: Kwartieri Ġenerali Kontra n-Narkotiċi). Eks Kmandant tal-Pulizija ta' Tehran. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-forza tal-pulizija kienet responsabbli għall-użu ta' forza extraġudizzjarja fuq persuni suspettati waqt l-arrest u d-detenzjoni ta' qabel il-proċess. Il-pulizija ta' Tehran kienet implikata wkoll fi tfitxijiet f'dormitorji universitarji f'Tehran f'Ġunju 2009, meta skont kummissjoni Majlis Iranjana, aktar minn 100 student indarbu mill-pulizija u l-Basiji. Sal-2018, kap tal-pulizija ferrovjarja.</p>	10.10.2011
-----	---------------------	-------------	--	------------

▼ **M16**

35.	AKHARIAN Hassan	Sess: raġel	<p>Kap tas-Sala 5 u inkarigat mir-reklużjoni fil-Ħabs ta' Rajae Shahr elenkat mill-UE mill-2015; kien Gwardjan tas-Sala 1 tal-ħabs ta' Rajae Shahr, Karadj sa Lulju 2010. Diversi eks-detenuiti ddenunzjaw l-użu tiegħu ta' tortura, kif ukoll ordnijiet li ta biex il-priġunieri ma jirċevux għaj-nuna medika. Skont traskrizzjoni ta' detenuit irrapportat fil-ħabs ta' Rajae Shahr, il-gwardjani sawtuh bil-qawwa, u Akharian kien jaf b'dak kollu li kien qed jgħri. Hemm ukoll mill-inqas każ wieħed irrapportat tat-ttrattament ħażin u l-mewt ta' detenuit, Mohsen Beikvand, taħt il-gwardja ta' Akharian. Beikvand miet f'Settembru 2010. Priġunieri oħra jiddikjaraw b'mod kredibbli li nqatel fuq struzzjonijiet ta' Hassan Akharian.</p>	10.10.2011
36.	AVAEE Seyyed Ali-Reza (magħruf ukoll bħala: AVAEE Seyyed Alireza, AVAIE Alireza)	Post tat-twelid: Dezful (Iran) Data tat-twelid: 20.5.1956 Sess: raġel	<p>Ministru għall-Ġustizzja sal-25 ta' Awwissu 2021. Eks Direttur tal-uffiċċju ta' investigazzjonijiet speċjali. Sa Lulju 2016 Viċi Ministru għall-Intern u l-Kap tar-Reġistru pubbliku. Konsulent għall-Qorti Dixxiplinari għall-Imħallfin sa minn April 2014. Eks President tal-Ġudikatura ta' Tehran. Bħala President tal-Ġudikatura ta' Tehran, kien responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, arresti arbitrarji, każdiet tad-drittijiet tal-priġunieri u għadd kbir ta' eżekuzzjonijiet.</p>	10.10.2011

▼ M13

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
37.	BANESHI Jaber	Sess: raġel	Kap tal-Ferġha 22 tal-Qorti tal-Appell ta' Shiraz minn Novembru 2011. Prosekutur ta' Shiraz sa Ottubru 2011. Prosekutur matul il-każ tal-ibbum-bardjar ta' Shiraz fl-2008, li ntuża mir-reġim biex jagħtu l-piena tal-mewt lil persuni oħra bla konnessjoni. Huwa għamel akkużi li jgħorru l-piena tal-mewt u pieni severi oħra fuq minoranzi, b'tali mod li jikkostitwixxu, fost l-oħrajn, ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom għal proċess ġust u l-libertà minn detenzjoni arbitrarja.	10.10.2011

▼ M16

—				
---	--	--	--	--

▼ M15

39.	GANJI Mostafa Barzegar	Sess: raġel	Direttur Ġenerali tas-Sorveljanza tal-Ispezzjoni u l-Evalwazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Qrati minn Ġunju 2020. Eks Prosekutur Ġenerali ta' Qom (2008-2017), u eks Kap tad-Direttorat Ġenerali għall-ħabsijiet. Huwa kien responsabbli għad-detenzjoni u l-maltrattament arbitrarji ta' bosta offensuri f'Qom. Huwa kien kompliċi fi ksur serju tad-dritt għal proċess dovut, u kkontribwixxa għal użu eċċessiv u dejjem jiżded tal-piena tal-mewt u għal żieda qawwija fl-eżekuzzjonijiet fl-2009/2010.	10.10.2011
-----	------------------------	-------------	--	------------

40.	ĦABIBI Mohammad Reza	Sess: raġel	Prim Imhalef ta' Isfahan. Eks Avukat Ġenerali ta' Isfahan. Eks Kap tal-uffiċċju tal-Ministeru għall-Ġustizzja f'Yazd. Eks Viċi Prosekutur ta' Isfahan. Komplċi fi proċedimenti li jċaħħdu l-imputati minn proċess ġust – bħal Abdollah Fathi, li ngħata l-mewt f'Mejju 2011 wara li d-dritt li jinstema' u kwistjonijiet ta' saħħa mentali tiegħu ġew injorati minn Habibi matul il-proċess tiegħu f'Marzu 2010. Għaldaqstant huwa kien komplċi fi ksur gravi tad-dritt għal proċess debitu li jkkontribwixxi għaż-żieda qawwija fl-eżekuzzjonijiet fl-2011.	10.10.2011
-----	----------------------	-------------	--	------------

▼ M16

—				
---	--	--	--	--

▼ M7

—				
---	--	--	--	--

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
43.	JAVANI Yadollah	Sess: raġel	Viċi kmandant tal-IRGC għall-affarijiet politiċi. Għamel diversi tentattivi biex jidher il-libertà tal-espressjoni u d-diskors ħieles permezz tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu b'apponi għall-arrest u l-kastig tad-dimostranti u dawk li ma jaqblux. Wieħed mill-ewwel uffiċjali għolja li fl-2009 talbu għall-arrest ta' Moussavi, Karroubi u Khatami. Appoġġa l-użu ta' tekniki li jiksru d-drittijiet għal proċess ġust fosthom konfessjonijiet pubbliċi u ħareġ il-kontenut tal-interrogazzjonijiet qabel il-proċess. Il-provi jindikaw ukoll li approva l-użu tal-vjolenza fuq dimostranti u bħala membru integrali tal-IRGC x'aktarx li kien jaf bl-użu ta' tekniki ħorox ta' interrogazzjoni għal konfessjonijiet sfurzati.	10.10.2011

▼ **M15**

44.	JAZAYERI Massoud	Sess: raġel Titlu: Brigadier Ġeneral	Konsulent kulturali għall-Kap Konġunt tal-Persunal tal-Forzi Armati tal-Iran minn April 2018. Fi ħdan il-persunal militari konġunt tal-Forzi Armati tal-Iran, il-Brigadier Ġenerali Massaud Jazayeri kien id-Deputat Kap tal-Persunal għall-affarijiet kulturali u tal-media (magħruf wkoll bħala l-Kwartieri Ġenerali tal-Pubbliċità tad-Difiża tal-Istat). Huwa kkollabora b'mod attiv fir-repressjoni tal-protesti tal-2009 bħala Viċi Kap tal-Persunal. Huwa wissa f'intervista f'Kayhan li ħafna dimostranti ġewwa u barra l-Iran ġew identifikati u ser jiġu trattati fil-mument opportun. Huwa talab pubblikament għat-trażżin ta' kanali tal-mezzi tax-xandir barranin u tal-oppożizzjoni Iranjana. Fl-2010, huwa talab lill-gvern jgħaddi liġijiet aktar iebesin kontra l-Iranjani li jikkooperaw ma' sorsi tal-mezzi tax-xandir barranin.	10.10.2011
-----	---------------------	---	--	------------

45.	JOKAR Mohammad Saleh	Post tat-twelid: Yazd (Iran) Data tat-twelid: 1957 Sess: raġel	Membru tal-Parlament għall-Provinċja ta' Yazd. Eks Deputat għall-Affarijiet Parlamentari tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni. Mill-2011 sal-2016 deputat parlamentari għall-Provinċja ta' Yazd u Membru tal-Kumitat Parlamentari għas-Sigurtà Nazzjonali u l-Politika Barranija. Eks Kmandant tal-Forzi tal-Istudanti ta' Basij. F'dan ir-rwol huwa kien involut b'mod attiv fit-trażżin tal-protesti u l-indottrinazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġh bil-ħsieb li jkompli bit-trażżin tal-libertà tal-espressjoni u ta' min ma jaqbilx. Bħala Membru tal-Kumitat Parlamentari għas-Sigurtà Nazzjonali u l-Politika Barranija huwa appoġġa pubblikament it-trażżin tal-oppożizzjoni għall-gvern.	10.10.2011
-----	----------------------------	--	--	------------

▼ **M16**

46.	KAMALIAN Behrouz (magħruf ukoll bħala: Hackers Brain, Behrooz_Ice)	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 1983 Sess: raġel	Kap taċ-čibergrupp "Ashiyaneh" b'rabta mar-reġim Iranjan. Is-Sigurtà Diġitali "Ashiyaneh", imwaqqfa minn Behrouz Kamalian hija responsabbli għal attackki ċibernetiċi intensivi kemm fuq opponenti u riformisti domestiċi kif ukoll istituzzjonijiet barranin. Il-ħidma tal-organizzazzjoni "Ashiyaneh" ta' Kamalian assistiet lir-reġim fir-repressjoni tal-oppożizzjoni, li kienet tinvolvi ħafna istanzi ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-2009. Kemm Kamalian kif ukoll iċ-čibergrupp "Ashiyaneh" komplew bl-attivajiet tagħhom mill-inqas sa Diċembri 2021.	10.10.2011
-----	--	--	---	------------

▼ **M16**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
47.	KHALILOL-LAHI Moussa (magħruf ukoll bħala: KHALI-LOLLAHI Mousa, ELAHI Mousa Khalil)	Post tat-twelid: Tabriz (Iran) Data tat-twelid: 1963 Sess: raġel	Prim Imħallef tal-provinċja tal-Azerbajġan tal-Lvant. Eks Prosekutur ta' Tabriz mill-2010 sal-2019. Huwa kien involut fil-każ ta' Sakineh Mohammadi-Ashtani u huwa kompliċi fi ksur serju tad-dritt għal proċess dovut.	10.10.2011

▼ **M15**

48.	MAHSOULI Sadeq (magħruf ukoll bħala: MAHSULI, Sadeq)	Post tat-twelid: Oroumieh (Iran) Data tat-twelid: 1959/1960 Sess: raġel	Viċi Segretarju Ġenerali tal-Front Paydari (Front tal-Istabbiltà Iżlamika). Eks Konsulent tal-Eks President Mahmoud Ahmadinejad, eks membru tal-Kunsill ta' Espedjenza u eks Viċi Kap tal-Front ta' Perseveranza. Ministru għall-Protezzjoni Soċjali u s-Sigurtà Soċjali bejn l-2009 u l-2011. Ministru għall-Intern sa Awwissu 2009. Bħala Ministru għall-Intern, Mahsouli kellu awtorità fuq il-forzi tal-pulizija, l-aġenti tas-sigurtà tal-ministeru għall-intern, u l-aġenti pajżana kollha. Il-forzi taħt it-tmexxija tiegħu kienu responsabbli mill-attakki fuq id-dormitorji tal-Università ta' Tehran fl-14 ta' Ġunju 2009 u t-tortura tal-istudenti fil-kantina tal-Ministeru (il-livell ta' taħt l-art magħruf nru 4). Dimostranti oħrajn ġew abbużati b'mod sever fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Kahrizak, li kien operat mill-pulizija taħt il-kontroll ta' Mahsouli.	10.10.2011
-----	--	---	---	------------

▼ **M13**

49.	MALEKI Mojtaba	Sess: raġel	Viċi kap tal-Ministeru għall-Ġustizzja fil-provinċja ta' Razavi Khorasan. Eks prosekutur ta' Kermanshah. Kellu rwol fl-għadd kbir ta' pjeni tal-mewt li qed jinġhataw fl-Iran, inkluż il-prosekuzzjoni tal-każijiet ta' seba' priġunieri misjuba ħatja ta' traffikar ta' drogi li kienu mgħallqa fl-istess ġurnata fit-3 ta' Jannar 2010 fil-ħabs ċentrali ta' Kermanshah.	10.10.2011
50.	OMIDI Mehrdad (magħruf ukoll bħala: Reza; OMIDI Reza)	Sess: raġel	Kap tat-taqsim VI tal-pulizija, dipartiment tal-investigazzjoni. Eks Kap tas-Servizzi tal-Intelligence fi ħdan il-Pulizija Iranjana. Eks Kap tat-Taqsim Kriminalità bil-Kompjuter tal-Pulizija Iranjana. Kien responsabbli għal eluf ta' investigazzjonijiet u akkużi ta' riformisti u avversarji politiċi li jużaw l-Internet. Għaldaqstant huwa kien responsabbli għal ksur gravi ta' drittijiet tal-bniedem bir-repressjoni ta' persuni li jtkellmu biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluż il-libertà tal-espressjoni matul u wara l-Moviment Aħdar tal-2009.	10.10.2011
51.	SALARKIA Mahmoud	Sess: raġel Eks direttur tal-Klabb tal-Futbol ta' Tehran "Persepolis"	Eks Kap tal-Kummissjoni tal-Petrol u tat-Trasport tal-Belt ta' Tehran. Viċi Prosekutur Ġenerali ta' Tehran għall-Affarijiet tal-Ħabs matul ir-repressjoni tal-2009. Bħala Viċi Prosekutur Ġenerali ta' Tehran għall-Affarijiet tal-Ħabs huwa kien direttament responsabbli għal ħafna mill-mandati għall-arrest kontra dimostranti u attivisti innoċenti u paċifiċi. Ħafna rapporti minn difensuri tad-drittijiet tal-bniedem juru li kważi dawk kollha arrestati kienu, fuq struzzjonijiet tiegħu, miżmuma f'iżolament mingħajr aċċess għall-avukat jew il-familji	10.10.2011

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			tagħhom, u mingħajr akkuża, għal tul ta' żmien li jvarja, spiss f'kondizzjonijiet li jammontaw għal għajbien sfurzati. Il-familji tagħhom ħafna drabi ma ġewx avżati bl-arrest. Attwalment jaħdem bħala avukat.	
52.	KHODAEI SOURI Hojatollah	Post tat-twelid: Selseleh (Iran) — Data tat-twelid: 1964 Sess: raġel	Membru tal-Kumitat għas-Sigurtà Nazzjonali u l-Politika Barranija. Deputat parlamentari għall-Provinċja ta' Lorestan. Membru tal-Kummissjoni Parlamentari għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà. Kap tal-ħabs ta' Evin sal-2012. It-tortura kienet prattika komuni fil-ħabs ta' Evin meta Souri kien il-kap tiegħu. Fis-Sala 209, inżammu bosta attivisti għall-attivitatiet paċifiċi tagħhom f'oppożizzjoni għall-partit fil-gvern.	10.10.2011
▼ M16				
53.	TALA Hossein (magħruf ukoll bħala: TALA Hosseyn)	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 1969 Sess: raġel	Sindku ta' Eslamshahr sal-2020. Eks MP Iranjan. Eks Gvernatur Ġenerali (Farmandar) tal-Provinċja ta' Tehran sa Settembru 2010, kien responsabbli għall-intervent tal-forzi tal-pulizija u għalhekk għar-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet. F'Diċembru 2010 huwa rċieva premju għar-rwol tiegħu fir-repressjoni ta' wara l-elezzjoni.	10.10.2011
▼ M15				
54.	TAMADDON Morteza (magħruf ukoll bħala: TAMADON Morteza)	Post tat-twelid: Shahr Kord-Isfahan (Iran) Data tat-twelid: 1959 Sess: raġel	Eks Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà Pubblika provinċjali ta' Tehran. Eks Gvernatur Ġenerali tal-IRGC tal-Provinċja ta' Tehran. Fil-kapaċità tiegħu bħala gvernatur u kap tal-Kunsill tas-Sigurtà Pubblika provinċjali ta' Tehran, kellu r-responsabbiltà ġenerali għall-attivitatiet kollha ta' repressjoni li saru mill-IRGC fil-Provinċja ta' Tehran, inkluż ir-repressjoni ta' protesti politiċi minn Ġunju 2009. Attwalment membru tal-bord fl-Università għat-Teknoloġija f'Khajeh Nasireddin Tusi.	10.10.2011
▼ M16				
55.	ZEBHI Hossein	Sess: raġel	L-ewwel Viċi Konsulent għall-Ġudikatura u Mhallel tal-Qorti Suprema (Kap tal-Ferġha 41 tal-Qorti Suprema, li jittratta b'mod partikolari reati ta' sigurtà u drogi). Deputat għall-Prosekutur Ġenerali tal-Iran (2007-2015). F'dan ir-rwol, kien responsabbli mill-każijiet ġudizzjarji li tressqu wara l-protesti ta' wara l-elezzjoni fl-2009 li twettqu bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-rwol ukoll, huwa appoġġa l-kastigi eċċessivi għal reati ta' drogi.	10.10.2011
56.	BAHRAMI Mohammad-Kazem	Sess: raġel	Kap tal-qorti tal-ġustizzja amministrattiva sa April 2021. Huwa kien kompliċi fir-repressjoni ta' dimostranti paċifiċi fl-2009 bħala kap tal-ferġha ġudizzjarja tal-forzi armati.	10.10.2011
▼ M13				
57.	HAJMOHAMMADI Aziz (magħruf ukoll bħala Aziz Hajmohammadi, Noorollah Azizmohammadi)	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 1948 Sess: raġel	Imhallel fil-Qorti Kriminali fil-Provinċja ta' Tehran. Matul il-ħidma tiegħu għall-ġudikatura sa mill-1971, huwa kien involut f'diversi kawżi ta' proċess kontra d-dimostranti, b'mod partikolari dik ta' Abdol-Reza Ghanbari, għalliem arrestat f'Janar 2010 u kkundannat għall-mewt għall-attivitatiet politiċi tiegħu.	10.10.2011

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
58.	BAGHERI Mohammad-Bagher	Sess: raġel	Imhalled fil-Qorti Suprema minn Diċembru 2015. Eks viċi president tal-amministrazzjoni ġudizzjarja tal-provinċja tan-Nofsinhar ta' Khorasan, responsabbli għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Minbarra li rrikonoxxa, f'Ġunju 2011, 140 eżekuzzjoni għal reati li jgħorru l-piena tal-mewt bejn Marzu 2010 u Marzu 2011, huwa rrapportat li twestqu madwar 100 eżekuzzjoni oħra fl-istess perijodu u fl-istess provinċja ta' Khorasan tan-Nofsinhar, mingħajr ma ġew avżati l-familji jew l-avukati. Għaldaqstant huwa kompliċi fi ksur gravi tad-dritt għal proċess debitu, li jikkontribwixxi għal għadd kbir ta' pjeni tal-mewt.	10.10.2011
59.	BAKHTIARI Seyyed Morteza	Post tat-twelid: Mashhad (Iran) Data tat-twelid: 1952 Sess: raġel	President tal-Fondazzjoni għall-Għajjuna Imam Khomeini (minn Lulju 2019). Eks viċi kustodju tas-Santwarju ta' Imam Reza. Eks Uffiċjal tat-Tribunal Klerikali Speċjali. Eks Ministru għall-Ġustizzja mill-2009 sal-2013. Matul il-mandat tiegħu bħala Ministru għall-Ġustizzja, il-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet fl-Iran waqgħu sew taħt l-istandards internazzjonali aċċettati, u kien hemm trattament ħażin estensiv ta' priġunieri. Barra minn hekk, kellu rwol ewlieni fit-theddid u l-intimidazzjoni tad-dijaspora Iranjana billi ħabbar l-istabbiliment ta' qorti speċjali biex tittratta speċifikament Iranjani li jgħixu barra l-pajjiż. Issorvelja wkoll żieda qawwija fin-numru ta' eżekuzzjonijiet fl-Iran, inkluż eżekuzzjonijiet sigrieti mhux imħabbra mill-gvern, u eżekuzzjonijiet għal reati marbuta mad-drogi.	10.10.2011
▼ M16				
60.	HOSSEINI Dr Mohammad (magħruf ukoll bħala: HOSSEYNI Dr Seyyed Mohammad; Seyed, Sayyed u Sayyid)	Post tat-twelid: Rafsanjan, Kerman (Iran) Data tat-twelid: 23.7.1961 Sess: raġel	Viċi President għall-affarijiet parlamentari taħt il-President Raisi minn Awwissu 2021. Eks konsulent tal-President Mahmoud Ahmadinejad u kelliem għall-fazzjoni politika estremista YEKTA. Ministru għall-Kultura u l-Gwida Iżlamika (2009-2013). Eks IRGC, kompliċi fir-repressjoni tal-ġurnalisti.	10.10.2011
▼ M13				
61.	MOSLEHI Heydar (magħruf ukoll bħala: MOSLEHI Heidar; MOSLEHI Haidar)	Post tat-twelid: Isfahan (Iran) Data tat-twelid: 1956 Sess: raġel	Rappreżentant tal-Bureau Ideoloġiku-Politiku tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati tal-Iran (mill-2018). Eks konsulent tal-Ġurisprudenza Suprema tal-IRGC. Kap tal-organizzazzjoni għal pubblikazzjonijiet dwar ir-rwol tal-kleru fi gwerra. Eks Ministru tal-Intelligence (2009-2013). Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Ministeru għall-Intelligence kompli l-prassi ta' detenzjoni arbitrara u persekuzzjoni estensiva ta' dimostrandti u dissidenti. Il-Ministeru għall-Intelligence jmexxi s-Sala 209 tal-Ħabs ta' Evin, fejn ħafna attivisti qed jinżammu minħabba l-attivitajiet paċifiċi tagħhom ta' oppożizzjoni għall-gvern. Interrogaturi mill-Ministeru għall-Intelligence ssoġġettaw lill-priġunieri fis-Sala 209 għal swat u abbużi mentali u sesswali.	10.10.2011

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
--	------	-------------------------------	------------	------------------

▼ **M16**

62.	ZARGHAMI Ezzatollah	Post tat-twelid: Dezful (Iran) Data tat-twelid: 22.7.1959 Sess: raġel	Ministru tal-Kultura, l-Artiġġjanat u t-Turiżmu mill-25 ta' Awwissu 2021. Membru tal-Kunsill Suprem għaċ-Ċiberspazju u tal-Kunsill għar-Rivoluzzjoni Kulturali mill-2014. Eks Kap tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) sa Novembru 2014. Taħt it-tmexxija tiegħu fl-IRIB, kien responsabbli għad-deċiżjonijiet kollha ta' programmazzjoni. L-IRIB xandar konfessjonijiet furzati ta' detenuti u serje ta' proċessi spetaklu f'Awwissu 2009 u f'Diċembru 2011. Dawn jikkos-titwixxu ksur ċar tad-dispożizzjonijiet internazzjo-nali dwar proċess legali ġust u d-dritt għal proċess dovut.	23.3.2012
-----	---------------------	---	---	-----------

▼ **M15**

63.	TAGHIPOUR Reza	Post tat-twelid: Maragheh (Iran) Data tat-twelid: 1957 Sess: raġel	Membru tal-11-il Parlament Iranjan (kostitwenza ta' Tehran). Membru tal-Kunsill Suprem għaċ-Ċiberspazju. Eks membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Tehran. Eks Ministru għall-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (2009-2012). Bħala Ministru għall-Infommazzjoni, kien wieħed mill-ogħla uffiċjali inkarigati miċ-ċensura u l-kontroll tal-attivitatijiet fuq l-Internet u kif ukoll ta' kull tip ta' komunikazzjoni (b'mod partikolari telefowns ċellulari). Matul l-interrogazzjonijiet ta' detenuti politiċi, l-interrogaturi jużaw id-data, l-emails u l-komunikazzjonijiet personali tad-dete-nuti. F'diversi okkażjonijiet wara l-elezzjoni presi-denzjali tal-2009 u matul id-dimostrazzjonijiet fit-toroq, il-linji tat-telefowns ċellulari u s-servizzi tal-sms ġew imblukkati, il-kanali tat-TV bis-satel-lita ġew iġġammjati u l-Internet ġie sospiż lokal-ment jew mill-inqas tnaqqsitlu r-rapidità.	23.3.2012
-----	----------------	--	---	-----------

▼ **M16**

64.	KAZEMI Toraj	Sess: raġel	Kap tad-diviżjoni ta' Greater Tehran tal-Pulizija Ċibernetika ddeżinjata mill-UE sa Ġunju 2020. F'din il-kapaċità, nieda kampanja għar-reklutaġġ ta' hackers tal-gvern sabiex jikkontrolla aħjar l-infommazzjoni fuq l-Internet u jattakka siti "perikolużi".	23.3.2012
-----	--------------	-------------	---	-----------

65.	LARIJANI Sadeq	Post tat-twelid: Najaf (Iraq) Data tat-twelid: 1960 jew Awwissu 1961 Sess: raġel	Kap tal-Kunsill ta' Espedjenza mid-29 ta' Diċembru 2018. Eks membru tal-Kunsill tal-Gwardjani (sa Settembru 2021). Eks Kap tal-Ġudikatura (2009-2019). Il-Kap tal-Ġudikatura huwa mitlub li jagħti l-kunsens tiegħu għal u jirre-ġistra kull kastig għal qisas (tpattija), hodoud (reat kontra Alla) u ta'zirat (reati kontra l-istat). Dan jinkludi sentenzi li jġibu magħhom il-piena tal-mewt, is-swat u l-amputazzjoni. F'dan ir-rigward, hu personalment awtorizza bosta sentenzi ta' piena tal-mewt, bi ksur tal-istandards internazzjonali, inkluż bi tħaġġir, eżekuzzjonijiet bit-tgħalliq, eżekuzzjonijiet ta' minuri, u eżekuzzjonijiet pubbliċi bħal dawk fejn il-priġunieri kienu mgħallqa mill-pontijiet quddiem folol ta' eluf ta' nies. Għalhekk, huwa kkontribwixxa għal għadd kbir ta' eżekuzzjonijiet. Huwa ppermetta wkoll sentenzi ta' kastigi korporali bħal amputazzjonijiet u t-taqtir tal-aċidu fl-għajnejn tal-ikkundannati. Minn meta Sadeq Larijani ħa l-kariga, l-arresti	23.3.2012
-----	----------------	--	---	-----------

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			arbitrarji ta' priġunieri politiċi, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-minoranzi żdiedu konsiderevolment. Sadeq Larijani huwa responsabbli wkoll mill-fallimenti sistemiċi fil-proċess ġudizzjarju Iranjan fir-rigward tad-dritt għal proċess ġust.	

▼ **M15**

66.	MIRHEJAZI Ali	Sess: raġel	Parti miċ-ċirku intern tal-Mexxej Suprem, wieħed minn dawk responsabbli mit-tfassil tat-trażżin tal-protesti, li ilha tiġi implimentata mill-2009, u assoċjat ma' dawk responsabbli sabiex joħonqu l-protesti. Huwa kien responsabbli wkoll għall-ippjanar tat-trażżin tal-inkwiet pubbliku f'Diċembru 2017/ 2018 u Novembru 2019.	23.3.2012
-----	---------------	-------------	---	-----------

67.	SAEEDI Ali	Sess: raġel	Kap tal-uffiċċju tal-ideoloġija politika tal-Mexxej Suprem. Eks rappreżentant tal-Mexxej Suprem għall-Pasdaran (1995-2020) wara li żvolġa l-karriera kollha tiegħu fl-istituzzjoni militari, eżattament fis-Servizzi tal-Infommazzjoni tal-Pasdaran. Permezz ta' din il-funzjoni uffiċjali huwa kien ċ-ċinga ta' trażmissjoni indispensabbli bejn l-ordnijiet ġejjin mill-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem u l-apparat ta' repressjoni tal-Pasdaran.	23.3.2012
-----	------------	-------------	--	-----------

▼ **M13**

68.	RAMIN Mohammad-Ali	Post tat-twelid: Dezful (Iran) Data tat-twelid: 1954 Sess: raġel	Segretarju Ġenerali tad-dinja tal-World Holocaust Foundation, stabbilita fil-Konferenza Internazzjonali biex Tirrevedi l-Viżjoni Globali tal-Olokaust fl-2006, li Ramin kien responsabbli biex jorganizza f'isem il-Gvern Iranjan. Responsabbli ewlieni miċ-ċensura bħala Viċi Ministru responsabbli mill-Istampa sa Diċembru 2013, direttament responsabbli mill-għeluq ta' bosta fergħat tal-istampa riformaturi (Etemad, Etemad-e Melli, Shargh, eċċ), mill-għeluq tal-Union Indipendenti tal-Istampa, u mill-intimidazzjoni jew l-arrest tal-ġurnalisti.	23.3.2012
-----	--------------------	--	--	-----------

▼ **M16**

69.	MORTAZAVI Seyyed Solat	Post tat-twelid: Farsan, Tchar Mahal-o-Bakhtiari (Nofsinhar) - (Iran) Data tat-twelid: 1967 Sess: raġel	Mill-5 ta' Settembru 2021, Viċi President għall-Affarijiet Eżekuttivi tal-Iran u Kap tal-Uffiċċju Presidenzjali. Kap tal-fergħa tal-proprietà immobbli tal-Fondazzjoni Mostazafan, li kienet immexxija direttament mill-Mexxej Suprem Khamenei mis-16 ta' Settembru 2019 sa Settembru 2021. Sa Novembru 2019, Direttur tal-fergħa ta' Tehran tal-Fondazzjoni Astan Qods Razavi. Eks sindku tat-tieni l-akbar belt tal-Iran, Mashhad, fejn regolarment jitwettqu eżekuzzjonijiet pubbliċi. Eks Viċi Ministru għall-Intern għall-Affarijiet Politiċi, maħtur fl-2009. F'dik il-kapaċità, kien responsabbli biex imexxi r-repressjoni ta' persuni li tkellmu biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom, inkluż il-libertà tal-espressjoni. Aktar tard maħtur bħala Kap tal-Kumitat Elettorali Iranjan għall-elezzjonijiet parlamentari fl-2012 u għall-elezzjonijiet presidenzjali fl-2013.	23.3.2012
-----	------------------------	---	---	-----------

▼ M13

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
▼ <u>M7</u>				
▼ <u>M8</u>				
▼ <u>M7</u>				
▼ <u>M15</u>	73. FARHADI Ali	Sess: raġel	Viċi Kap tal-Ispettor tal-Affarijiet Legali u l-Ispazzjoni Pubblika tal-Ministeru għall-Ġustizzja ta' Tehran. Eks prosekutur ta' Karaj. Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż prosekuzzjonijiet fejn ingħatat il-piena tal-mewt. Kien hemm għadd kbir ta' eżekuzzjonijiet fir-reġjun ta' Karaj matul il-mandat tiegħu bħala prosekutur.	23.3.2012
▼ <u>M16</u>	74. REZVANMA-NESH Ali	Sess: raġel	Viċi Prosekutur fil-provinċja ta' Karaj, reġjun ta' Alborz fil-perjodu 2010-2016. Responsabbli mill-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-involvement fl-eżekuzzjoni ta' persuna minorenni.	23.3.2012
▼ <u>M13</u>	75. RAMEZANI Gholamhossein	Sess: raġel	Mill-2011 Kap tal-Intelligence tal-Ministeru għad-Difża; minn Novembru 2009 sa Marzu 2011: Kmandant tal-Intelligence tal-Pasdaran; minn Marzu 2008 sa Novembru 2009: Viċi Kmandant tal-Intelligence tal-Pasdaran; minn April 2006 sa Marzu 2008: Kap tal-Protezzjoni u l-Intelligence tal-Pasdaran. Involut fit-trażżin tal-libertà tal-espressjoni, inkluż bl-assoċjazzjoni ma' daww responsabbli għall-arresti ta' bloggers/ġurnalisti fl-2004, u rrapportat li kellu rwol fit-trażżin ta' protesti ta' wara l-elezzjoni fl-2009.	23.3.2012
	76. SADEGHI Mohamed	Sess: raġel	Kurunell u Deputat tal-intelligence teknika u ċibernetika tal-IRGC u responsabbli għaċ-ċentru ta' analiżi u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fi ħdan il-Pasdaran. Responsabbli għall-arresti u t-tortura ta' bloggers/ġurnalisti.	23.3.2012

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
77.	JAFARI Reza	Data tat-twelid: 1967 Sess: raġel	Konsulent għall-Qorti Dixxiplinari għall-Imħallfin sa minn April 2012. Membru tal-“Kumitat għad-Determinazzjoni tal-Kontenut Kriminali fuq il-Web”, korp responsabbli miċ-ċensura tas-siti web u tal-mezzi ta’ komunikazzjoni soċjali. Eks Kap tal-prosekuzzjoni speċjali taċ-ċiberkriminalità bejn l-2007 u l-2012. Kien responsabbli għar-repressjoni tal-libertà ta’ espressjoni, inkluż permezz tal-arrest, id-detenzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ bloggers u ġurnalisti. Persuni arrestati fuq suspett ta’ ċiberkriminalità kienu maltrattati u soġġetti għal proċess ġudizzjarju inġust.	23.3.2012
78.	RESHTE-AHMADI Bahram	Sess: raġel	Imħallef ta’ qorti ordinarja tat-Tramuntana ta’ Tehran. Eks Superviżur tal-Uffiċċju għall-Prosekuzzjoni Pubblika f’Tehran. Viċi Kap tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Ħabs tal-Provinċja ta’ Tehran. Eks Viċi Prosekutur f’Tehran sal-2013. Huwa mexxa ċ-ċentru tal-prosekuzzjoni ta’ Ran Evin. Kien responsabbli miċ-ċaħda ta’ drittijiet, inkluż drittijiet ta’ żjara u drittijiet oħrajn tal-riġunieri, ta’ difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u riġunieri politiċi oħrajn.	23.3.2012

▼ **M16**

79.	RASHIDI AGHDAM, Ali Ashraf	Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Saħħa, Korrezzjoni u Edukazzjoni tal-Ħabsijiet ta’ Tehran. Eks kap tal-Ħabs ta’ Evin (2012-2015). Matul il-kariga tiegħu, il-kundizzjonijiet fil-ħabs iddeterjoraw u r-rapporti għamli riferiment għal trattament ħażin intensifikat tal-riġunieri. F’Ottubru 2012, disa’ riġunieri nisa għamli strajk tal-ġuħ bi protesta kontra l-ksur tad-drittijiet tagħhom u t-trattament vjolenti mill-wardjani tal-ħabs.	12.3.2013
80.	KIASATI Morteza	Sess: raġel	Imħallef tal-fergħa 54 tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta’ Tehran u tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta’ Ahwaz, Fergħa 4; ikkundanna għall-mewt erba’ riġunieri politiċi Għarab, Taha Heidarian, Abbas Heidarian, Abd al-Rahman Heidarian (tlett aħwa) u Ali Sharifi. Dawn ġew arrestati, ittorturati u mgħallqa mingħajr proċess korrett. Sar riferiment għal dawn il-każijiet u n-nuqqas ta’ proċess korrett frapport tat-13 ta’ Settembru 2012 mir-Relatur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, ir-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-Iran tat-22 ta’ Awwissu 2012.	12.3.2013

▼ **M13**

81.	MOUSSAVI Seyed Mohammad Bagher	Sess: raġel	Imħallef tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta’ Ahwaz, il-Fergħa 2, li impona l-kundanna tal-mewt fuq ħames Għarab minn Ahwaz, Mohammad Ali Amouri, Hashem Sha’bani Amouri, Hadi Rashedi, Seyed Jaber Alboshoka, Seyed Mokhtar Alboshoka, fis-17 ta’ Marzu 2012 għal “attivitajiet kontra s-sigurtà nazzjonali” u “mibegħda kontra Alla”. Il-kundanni ġew aċċettati mill-Qorti Suprema tal-Iran fid-9 ta’ Jannar 2013. Il-ħamsa li huma ġew arrestati mingħajr ma ġew mixlija għal aktar minn sena, ġew ittorturati u kkundannati mingħajr proċess korrett.	12.3.2013
-----	--------------------------------	-------------	--	-----------

▼ **M15**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
82.	SARAFRAZ, Mohammad (Dr.) (magħruf ukoll bħala: Ħaj-agma Sarafraz)	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: madwar 1963 Post ta' residenza: Tehran Sess: raġel	Eks membru tal-Kunsill Suprem ta' Ċiberspazju. Eks President tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) (2014-2016). Eks Kap ta' IRIB World Service u Press TV, responsabbli mid-deċiżjonijiet kollha ta' programmazzjoni. Assoċjat mill-qrib mal-amministrazzjoni tas-sigurtà tal-istat. Taħt it-tmexxija tiegħu, Press TV, flimkien ma' IRIB, ħadem mas-servizzi tas-sigurtà u l-prosekuturi Iranjani biex ixandar konfessjonijiet furzati mid-detenu, inkluż dawg tal-ġurnalista u l-produttur tal-films Iranjan-Kanadiż Maziar Bahari, fil-programm ta' kull ġimgħa Iran Today. Ir-regolatur indipendenti tax-xandir OFCOM ta multa lil Press TV fir-Renju Unit ta' GBP 100 000 talli xandar il-konfessjoni ta' Bahari fl-2011, li għet iffilmjata fil-ħabs waqt li Bahari kien mhedded. Sarafraz huwa għalhekk assoċjat mal-ksur tad-dritt ta' proċess korrett u smigħ ġust.	12.3.2013

▼ **M16**

83.	JAFARI Asadollah	Sess: raġel	Bħalissa Avukat Ġenerali f'Isfahan. F'din il-pożizzjoni, ordna reazzjonijiet vjolenti kontra d-dimoztranti li hargħu fit-toroq f'Novembru 2021 biex jipprotestaw kontra l-iskarsezzi tal-ilma. Skont xi rapporti, Jafari ħabbar il-formazzjoni ta' ufficiju speċjali biex jinvestiga d-dimoztranti arrestati. Bħala l-eks Prosekutur tal-Provinċja ta' Mazandaran, Jafari rakkomanda l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt f'kawżi mmexxija minnu, li rriżulta f'ħafna eżekuzzjonijiet fosthom eżekuzzjonijiet pubbliċi, u f'ċirkostanzi fejn l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt tmur kontra d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, fosthom billi kien sproporzjonat u l-kastig eċċessiv. Jafari kien ukoll responsabbli għall-arresti illegali u l-ksur tad-drittijiet tad-detenu ta' Baha'i mill-arrest inizjali saż-żamma tagħhom f'iżolament fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni tal-Intelligence.	12.3.2013
-----	------------------	-------------	---	-----------

▼ **M15**

84.	EMADI, Hamid Reza (magħruf ukoll bħala: Hamidreza Emadi)	Post tat-twelid: Hamedan (Iran) Data tat-twelid: madwar 1973 Post tar-residenza: Tehran Post tax-xogħol: Press TV HQ, Tehran Sess: raġel	Direttur ta' Press TV Newsroom. Eks Produttur Għoli ta' Press TV. Responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir tal-konfessjonijiet furzati tad-detenu, inkluż il-ġurnalista, l-attivisti politiċi u persuni li jagħmlu parti mill-minoranzi Kurdi u Għarab, il-ksur ta' drittijiet internazzjonali rikonoxxuti għal smigħ ġust u proċess korrett. Ir-regolatur indipendenti tax-xandir OFCOM ta multa lil Press TV fir-Renju Unit ta' GBP 100 000 talli xandar il-konfessjoni furzata mill-ġurnalista u produttur tal-films Iranjan-Kanadiż Maziar Bahari fl-2011, li għet iffilmjata fil-ħabs waqt li Bahari kien mhedded. L-NGOs irrapportaw aktar eżempji ta' konfessjonijiet furzati fuq it-TV minn Press TV. Emadi għalhekk huwa assoċjat mal-ksur tad-dritt għal proċess korrett u smigħ ġust.	12.3.2013
-----	--	--	--	-----------

▼ **M13**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
85.	HAMLBAR Rahim	Sess: raġel	Imhalef tal-Ferġha 1 tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Tabriz. Responsabbli mill-kundanni serji kontra minoranzi etniċi Azeri u attivisti tad-drittijiet tal-ħaddiema, li akkużahom bi spjunaġġ, atti kontra s-sigurtà nazzjonali, propaganda kontra r-reġim Iranjan u insulti kontra l-mexxej tal-Iran. Każ bi profil għoli kien jinvolvi 20 ħaddiem voluntier ta' għajnuna wara terremot (wara terremot fl-Iran f'Awwissu 2012) li tahom kundanni ta' ħabs għat-tentattivi tagħhom li jassistu lill-vittmi tat-terremot. Il-qorti sabet lill-ħaddiema ħatja minn "kollaborazzjoni f'assemblea u kollużjoni biex isiru reati kontra s-sigurtà nazzjonali."	12.3.2013

▼ **M15**

86.	MUSAVI- TABAR, Seyyed Reza	Post tat-twelid: Jahrom (Iran) Data tat-twelid: 1964 Sess: raġel	Eks kap tal-Prosekuzzjoni Rivoluzzjonarja ta' Shiraz. Responsabbli mill-arresti illegali u t-trattament ħażin ta' attivisti politiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, persuni Baha'i u prigionieri tat-twemmin, li ġew molestati, ittorurati, interrogati u rrifjutati aċċess għal avukati u proċess korrett. Musavi-Tabar iffirma ordnijiet ġudizzjarji fil-famuż Ċentru ta' Detenzjoni Nru 100 (ħabs għall-irġiel), inkluża ordni biex tinżamm prigioniera mara Baha'i Raha Sabet għal tliet snin f'iżolament.	12.3.2013
-----	----------------------------------	--	--	-----------

87.	KHORAMA- BADI Abdolsamad	Sess: raġel	Viċi Direttur għas-Sorveljanza Ġudizzjarja (mit-13 ta' Ottubru 2018). Eks Kap tal-"Kummissjoni għad-Determinazzjoni tal-Istanzi tal-Kontenut Kriminali", organizzazzjoni governattiva inkarigata miċ-ċensura online u l-kriminalità ċibernetika. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Kummissjoni ddefiniet il-"kriminalità ċibernetika" permezz ta' għadd ta' kategoriji vagi li jikkriminalizzaw il-ħolqien u l-pubblikazzjoni ta' kontenut meqjus bħala mhux adatt mir-reġim. Kien responsabbli mir-repressjoni u l-ibblukkar ta' diversi siti elettroniċi tal-oppożizzjoni, gazzetti elettroniċi, blogs, siti elettroniċi ta' NGOs tad-drittijiet tal-bniedem u ta' Google u Gmail minn Settembru 2012. Hu u l-Kummissjoni kkontribwew attivament għall-mewt f'detenzjoni tal-blogger Sattar Beheshti f'Novembru 2012. B'hekk il-Kummissjoni li kien qed imexxi hija direttament responsabbli għall-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari bil-projbizzjoni u l-iffiltrar tas-siti elettroniċi għall-pubbliku ġenerali, u okkażjonalment bid-diżattivazzjoni għalkollox tal-aċċess għall-Internet.	12.3.2013
-----	--------------------------------	-------------	---	-----------

▼ **M14**

88.	SOLEIMANI Gholamreza	Post tat-twelid: Farsan (Iran) Data tat-twelid: 1343 (Kalendarju Hijri Iranjan), 1964 jew 1965 (kalendarju Gregorjan)	Gholamreza Soleimani huwa l-Kap tal-Organizzazzjoni Basij. L-Organizzazzjoni Basij użat forza letali biex trażżan il-protesti ta' Novembru 2019 fl-Iran, u kkawżat imwiet u korrimenti ta' dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra f'ħafna bliet madwar il-pajjiż. Bħala Kap tal-Organizzazzjoni Basij, Gholamreza Soleimani jgħorr ir-responsabbiltà għat-trażżin vjolenti tal-protesti u għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.4.2021
-----	-------------------------	--	---	-----------

▼ M14

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
		Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni Basij tal-Korpi tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)		
89.	SALAMI Hossein (magħruf ukoll bħala: SALAMI Hussain)	Post tat-twelid: Vaneshan, Golpayegan (Iran) Data tat-twelid: 1339 (Kalendarju Hijri Iranjan), 1960 jew 1961 (kalendarju Gregorjan) Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Korpi tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Grad: Maġġur General	Hossein Salami ilu l-Kap Kmandant tal-IRGC minn April 2019, li jinkludi l-milizzja Basij, u huwa membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali. Il-forzi regolari tal-IRGC u l-milizzja Basij użaw forza letali biex irażżnu l-protesti ta' Novembru 2019 fl-Iran, u kkawżaw imwiet u korrimenti ta' dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra f'ħafna bliet madwar il-pajjiż. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali, Hossein Salami ħa sehem fis-sessjonijiet li rriżultaw fl-ordnijiet biex tintuża forza letali sabiex jitrażżnu l-protesti ta' Novembru 2019. Hossein Salami għalhekk iġorr ir-responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.4.2021
90.	KARAMI Hassan	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Kmandant tal-Unitajiet Speċjali tal-forza tal-pulizija Iranjana	Hassan Karami huwa l-Kmandant tal-Unitajiet Speċjali tal-forza tal-pulizija Iranjana. L-Unitajiet Speċjali użaw forza letali biex irażżnu l-protesti ta' Novembru 2019 fl-Iran, u kkawżaw imwiet u korrimenti ta' dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra f'ħafna bliet madwar il-pajjiż. Bħala l-Kmandant tal-Unitajiet Speċjali li kkawżaw imwiet u korrimenti lil dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra, Hassan Karami jgħorr ir-responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.4.2021
91.	PAKPOUR Mohammad (magħruf ukoll bħala: PAKPUR Mohammad)	Post tat-twelid: Arak (Iran) Data tat-twelid: 1340 (Kalendarju Hijri Iranjan), 1961 (kalendarju Gregorjan) Nazzjonalità: Iranjana	Mohammad Pakpour ilu Kap Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC minn Marzu 2010. Il-Forzi tal-Art tal-IRGC użaw forza letali biex irażżnu l-protesti ta' Novembru 2019 fl-Iran, u kkawżaw imwiet u korrimenti ta' dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra f'ħafna bliet madwar il-pajjiż. Bħala Kap Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-IRGC, li użaw forza letali kontra dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra, Mohammad Pakpour iġorr ir-responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.4.2021

▼ M14

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Sess: raġel Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-Korpi tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) Grad: Brigadier Ġeneral		
92.	ASHTARI Hossein	Post tat-twelid: Isfahan (magħruf ukoll bħala: Esfahan, Ispahan) Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Kap Kmandant tal-forza tal-pulizija Iranjana	Hossein Ashtari ilu l-Kap Kmandant tal-forza tal-pulizija Iranjana minn Marzu 2015 u huwa membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali. Il-forza tal-pulizija tinkludi l-Unitajiet Emdad u l-Unitajiet Speċjali. Il-forza tal-pulizija ordinarja tal-Iran, l-Unitajiet Emdad u l-Unitajiet Speċjali użaw forza letali biex irażżnu l-protesti ta' Novembru 2019 fl-Iran, u kkawżaw imwiet u korrimenti ta' dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra f'ħafna bliet madwar il-pajjiż. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà Nazzjonali, Hossein Ashtari ħa sehem fis-sessjonijiet li rriżultaw fl-ordnijiet biex tintuża forza letali sabiex jitrażżnu l-protesti ta' Novembru 2019. Hossein Ashtari għalhekk iġorr ir-responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.4.2021
93.	ZIAEI Gholamreza	Sess: raġel Pożizzjoni: eks Direttur tal-Ħabs ta' Evin; eks Direttur ta' ċentri ta' detenzjoni oħrajn	Bejn Lulju 2019 u Ġunju 2020, Gholamreza Ziaei kien id-Direttur tal-Ħabs ta' Evin fejn il-kundizzjonijiet diġà ħorox għad-detenuti komplew jidde-terjoraw matul il-mandat tiegħu. Priġunieri nisa kienu mċaħħda mill-kuntatt telefoniku ma' wliedhom. Il-priġunieri politiċi kienu mċaħħda miż-żjarat ta' kull ġingħa minn qraba, li kienu permessi biss kull xahrejn. Matul il-protesti tal-2009, Ziaei kien responsabbli għaċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Kahrizak fejn mill-inqas ħames detenuti, li kienu ġew arrestati b'konnessjoni mal-protesti tal-massa fit-toroq ta' Tehran tal-2009, mietu wara li ġew ittorturati. Mill-2017 sal-2019, qabel ma ħa l-inkarigu tal-Ħabs ta' Evin f'Tehran, Ziaei kien id-direttur tal-Ħabs Rajaee Shahr f'Karaj, fil-Punent ta' Tehran, fejn kien hemm bosta protesti minn priġunieri politiċi kontra l-abbuż u l-kundizzjonijiet tal-għajxien inumani.	12.4.2021
94.	SHAHVAR-POUR Hassan	Post tat-twelid: Safi Abad, fin-nofsinar ta' Dezful, Khuzestan (Iran) Sess: raġel	Bħala l-Kmandant tal-IRGC f'Khuzestan mill-2009, Hassan Shahvarpour huwa responsabbli għall-kmand tal-forzi, li użaw mitraljatriċijiet kontra dimostranti u persuni ċivili oħra fil-belt ta' Mahshahr matul il-protesti ta' Novembru 2019. Taħt il-kmand tiegħu, 148 persuna nqatlu mill-IRGC permezz ta' mitraljatriċijiet tqal minn vetturi blindati li dawwru dimostranti li kienu qed jaħarbu, mistohbja fi bwar fil-qrib.	12.4.2021

▼ **M14**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		<p>Numru tal-passaport: 2001624001 (numru tal-ID nazzjonali)</p> <p>Pożizzjoni: Kmandant tal-Korpi Vali Asr tal-Provinċja ta' Khuzestan tal-Korpi tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)</p> <p>Grad: Brigadier General</p>		

▼ **M16**

95.	VASEGHI Leyla (magħrufa wkoll bħala VASEQI Layla, VASEGHI Leila, VASEGHI Layla)	<p>Post tat-twelid: Sari, Provinċja ta' Mazandaran (Iran)</p> <p>Data tat-twelid: 1352 (Kalendarju Hijri Iranjan), 1972 jew 1973 (kalendarju Gregorjan)</p> <p>Sess: mara</p> <p>Pożizzjoni: Eks gvernatur ta' Shahr-e Qods u Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Belt</p>	Bħala gvernatur ta' Shahr-e Qods u Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Belt minn Settembru 2019 sa Novembru 2021, Leyla Vaseghi ordnat lill-pulizija u lil forzi armati oħra biex jużaw forza letali matul il-protesti ta' Novembru 2019, li kkawżat imwiet u korrimenti ta' dimostranti mhux armati u persuni ċivili oħra. Bħala l-gvernatur ta' Shahr-e Qods u Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Belt, Leyla Vaseghi ġgħorr ir-responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.4.2021
-----	---	--	---	-----------

▼ **M18**

96.	ROSTAMI CHESHMEH GACHI Mohammed (magħruf ukoll bħala ROSTAMI, Mohammad) محمد گچی چشمه رستمی (magħruf ukoll bħala محمد رستمی)	<p>Post tat-twelid: Kermanshah (Iran)</p> <p>Data tat-twelid: 1976 jew 1977</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-identità nazzjonali: 111936 (Iran)</p> <p>Nru ta' identifikazzjoni: 13821 (Iran)</p> <p>Pożizzjoni: Kap tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran</p>	<p>Mohammad Rostami Cheshmeh Gachi huwa l-kap tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran. Kien il-kap tal-Pulizija tas-Sigurtà Pubblika ta' Kermanshah mill-bidu tal-2014 sal-bidu tal-2019 u okkupa pożizzjonijiet għolja fil-pulizija tal-intelligence Iranjana.</p> <p>Il-Pulizija tal-Moralità hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran u hija unità tal-pulizija speċjali li tinforza regoli stretti dwar l-ilbies għan-nisa, inkluż l-ilbies obbligatorju ta' velu. Il-Pulizija tal-Moralità użat forza illegali kontra n-nisa talli ma kkonformawx mal-liġijiet Iranjani dwar il-ħiġab, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, wettqet arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u użat vjolenza eċċessiva u tortura.</p>	17.10.2022
-----	--	--	---	------------

▼ M18

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Pulizija tal-Moralità arrestat arbitrarjament lil Mahsa Amini ta' 22 sena f'Tehran, allegatament talli libset ħiġab b'mod mhux xieraq. Sussegwentement ittieħdet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija għet imsawta brutalment u għet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar u għall-mewt tagħha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imgħiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijiex limitata għal dak l-inċident u għet iddokumentata b'mod wiesa'.</p> <p>Bħala kap tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran, Rostami huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-Pulizija tal-Moralità. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
97.	<p>RAHIMI Hossein حسین رحیمی</p>	<p>Post tat-twelid: Dodhak village, Mahalat, Central province (Iran) Data tat-twelid: 1964 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General Pożizzjoni: Kap tal-Forzi tal- Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Tehran</p>	<p>Il-Brigadier General Hossein Rahimi ilu l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Tehran mis-7 ta' Awwissu 2017.</p> <p>Ir-rispons tal-LEF għall-protesti ta' Settembru 2022 f'Tehran kien partikolarment iebes. L-użu eċċessiv ta' vjolenza mil-LEF biex irażżnu lil dawk il-protesti rriżulta fl-imwiet ta' diversi persuni.</p> <p>Bħala kap tal-LEF f'Tehran, Rahimi huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	17.10.2022
98.	<p>ABDI Abbas عبدی عباس</p>	<p>Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Pożizzjoni: Kap tal-Forzi tal- Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Divandarreh</p>	<p>Il-Kurunell Abbas Abdi huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fid-distrett ta' Divandarreh.</p> <p>Ir-rispons tal-LEF għall-protesti ta' Settembru 2022 f'Divandarreh kien partikolarment iebes. L-użu eċċessiv ta' vjolenza mil-LEF biex irażżnu lil dawk il-protesti rriżulta fl-imwiet ta' diversi persuni.</p> <p>Bħala kap tal-LEF f'Divandarreh, Abdi huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	17.10.2022

▼ M18

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
99.	MIRZAEI Ħaj Ahmad (magħruf ukoll bħala MIRZAEI Hajahmad; MIRZAYI Hajj Ahmad) حاج احمد ميرزايي	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 9 ta' Frar 1957 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru ta' identifikazzjoni: 4268935215 (Iran) Grad: Kurunell Pożizzjoni: Kap tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran f' Tehran	Il-Kurunell Ħaj Ahmed Mirzaei ilu l-kap tal-fergħa ta' Tehran tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran mill-2018. Il-Pulizija tal-Moralità hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran u hija unità tal-pulizija speċjali li tinforza regoli stretti dwar l-ilbies għan-nisa, inkluż l-ilbies obbligatorju ta' velu. Il-Pulizija tal-Moralità użat forza illegali kontra n-nisa talli ma kkonformawx mal-liġijiet Iranjani dwar il-ħiġab, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, wettqet arresti u detenzjonijiet arbitrari, u użat vjolenza eċċessiva u tortura. Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Pulizija tal-Moralità arrestat arbitrarjament lil Mahsa Amini ta' 22 sena f' Tehran, allegatament talli libset ħiġab b' mod mhux xieraq. Sussegwentement ittieħdet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija għet imsawta brutalment u għet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar u għall-mewt tagħha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imġiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijiex limitata għal dak l-inċident u għet iddokumentata b' mod wiesa'. Bħala kap tal-Pulizija tal-Moralità f' Tehran, Mirzaei huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-Pulizija tal-Moralità f' Tehran, inkluż fil-kwartieri ġenerali tagħha fejn Amini għet imsawta u ttrattata ħażin. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022
100.	ZAREPOUR Issa عیسی زارع پور	Post tat-twelid: Eslamabad-e Għarb, Kermanshah Province (Iran) Data tat-twelid: 1980 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Ministru għat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni	Issa Zarepour ilu l-Ministru għat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Iran mill-25 ta' Awwissu 2021. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa kellu rwol ewlieni fid-deċiżjoni tal-gvern Iranjan li jikser b' mod sistematiku l-libertà tal-opinjoni u l-espressjoni tal-persuni Iranjani billi jimponi restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-Internet matul il-protesti li segwew il-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena fis-16 ta' Settembru 2022. Dik l-azzjoni kompliet tnaqqas l-ispazju diġà limitat ħafna għall-atturi tas-soċjetà ċivili fl-Iran, fosthom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, biex jiġbru informazzjoni oġġettiva u jikkomunikaw kemm bejniethom kif ukoll mad-dinja esterna. Il-blackout tal-Internet kellu konsegwenzi negattivi fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, kemm direttament (jiġifieri l-impatt fuq il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni u d-disponibbiltà ta' informazzjoni oġġettiva), kif ukoll indirettament (jiġifieri ċ-ċans akbar li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem ma jiġix iddokumentat u b'hekk ikun hemm impatt negattiv fuq l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem).	17.10.2022

▼ M18

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Bħala Ministru għat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni, Zarepour huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	
101.	SEPEHR Mohammad-Hossein محمدحسین سپهر	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Kmandant tal-Bażi ta' Taħriġ Ċentrali Iranjana tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati	Mohammad-Hossein Sepehr huwa l-Kmandant tal-Bażi ta' Taħriġ Ċentrali tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati f'Tehran. Huwa membru tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) u l-Forza ta' Reżistenza ta' Basij (organizzazzjoni paramilitari volontarja li topera taħt l-IRGC b'fergħat madwar l-Iran). Sepehr jissorvelja t-taħriġ kontra l-protesti għall-forzi tas-sigurtà Iranjani u jappoġġa linja represiva lejn id-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022
102.	SAFARI Sayd Ali صفری سید علی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Pożizzjoni: Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Saqqez	Il-Kurunell Sayd Ali Safari huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Saqqez. Ir-rispons tal-LEF għall-protesti ta' Settembru 2022 f'Saqqez kien partikolarment iebes. L-użu eċċessiv ta' vjolenza mil-LEF biex irażżnu l-protesti rriżulta fl-imwiet ta' diversi persuni. Bħala kap tal-LEF f'Saqqez, Safari huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022
103.	ADYANI Seyed Alireza (magħruf ukoll bħala ADIANI Hojjat al-Islam Seyyed Alireza) ادیانی سید علیرضا	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Kap tal-uffiċċju ideoloġiku-politiku tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran	Seyed Alireza Adyani huwa l-kap tal-uffiċċju ideoloġiku-politiku tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran. Adyani huwa responsabbli għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-ingaġġ għall-forzi tal-pulizija. Huwa ddikjara li l-LEF jeħtieġ li jkunu "prattiċi" u "effettivi" meta jittrattaw l-avversarji u feraħ lill-Pulizija tal-Moralità talli għamlet xogħolha "b'mod intensiv". Il-LEF użaw brutalità enormi kontra d-dimostranti, inkluż dawk li pprotestaw wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022

▼ M18

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
104.	AZADI Ali آزادی علی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: It-Tieni Brigadier General Funzjoni: Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-Kurdistan	It-Tieni Brigadier Ġenerali Ali Azadi ilu l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-Kurdistan mill-2019. Matul ir-repressjoni tal-protesti ta' Settembru 2022, il-forzi taħt il-kmand tiegħu fil-Kurdistan sparaw fuq id-dimostranti u qatlu u darbu diversi persuni. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022
105.	SHALIKAR Mohammed Zaman شالیکار محمد زمان	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Funzjoni: Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Babol, Mazandaran	Il-Kurunell Mohammed Zaman Shalika ilu l-Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Babol, Mazandaran mill-2021. Waqt dimostrarazzjonijiet wara l-mewt ta' Mahsa Amini f'Settembru 2022, il-forzi taħt il-kmand tiegħu sparaw fuq, darbu u qatlu dimostrandanti f'Babol, Mazandaran. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022
106.	HEIDARI Salman حیدری سلمان	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Funzjoni: Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Bukan	Il-Kurunell Salman Heidari huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Bukan. Ir-rispons tal-LEF għall-protesti ta' Settembru 2022 f'Bukan kien partikolarment iebs. L-użu eċċessiv ta' vjolenza mil-LEF biex irażżnu l-protesti rriżulta fil-mewt ta' mill-inqas persuna minorenni waħda u fid-drib ta' diversi persuni. Bħala kap tal-LEF f'Bukan, Heidari huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	17.10.2022

▼ **B**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼ M19	107. VAHIDI Ahmad احمد وحیدی	POB: Shiraz (Iran) Data tat-twelid: 27 ta' Lulju 1958 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Ministru għall-Intern	Ahmad Vahidi ilu l-Ministru għall-Intern Iranjan mill-25 ta' Awwissu 2021. Bħali tali, huwa responsabbli għall-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi Iranjani (LEF). Minn meta beda l-mandat tiegħu, numru bla preċedent ta' uffiċjali militari u ta' sigurtà nħatru gvernaturi provinċjali li għandhom rwoli ewlenin fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kontroll tal-folol mill-forzi speċjali tal-pulizija, il-milizzja Basij u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Ksur sfaċċat u serju tad-drittijiet tal-bniedem mil-LEF, bħall-isparar indiskriminat b'munizzjon attiv fuq dimostranti paċifiċi, inkluż tfal, ġie ddokumentat b'mod wiesa' minn mindu bdew il-protesti dwar il-mewt ta' Mahsa Amini f'nofs Settembru 2022. Aktar minn 70 dimostrant mietu u mijiet sfaw midruba serjament, inkluż tfal. Mill-bidu tad-dimostrazzjonijiet, il-forzi tal-pulizija żammew ukoll b'mod arbitrarju bosta difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti. Vahidi ppromwova wkoll pubblikament approċċ aħrax lejn persuni li jipparteċipaw fid-dimostrazzjonijiet. Huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
▼ M20	108. ABNOUSH Salar سالار آبنوش	Data tat-twelid: 2.5.1962 Post tat-twelid: Hamedan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Viċi Kmandant tal-Forza ta' Reżistenza tal-Basij	Salar Abnoush huwa l-Viċi Kmandant tal-Forza ta' Reżistenza tal-Basij (elenkata fl-UE). Il-Basij hija organizzazzjoni paramilitari volontarja li topera taħt l-IRGC b'fergħat madwar l-Iran. Hija inkarigata milli tidderieġi l-appoġġ popolari għar-reġim Iranjan. Il-Basij hija magħrufa għar-reklutaġġ ta' voluntiera, ħafna minnhom tfal adolexxenti u għal attakki b'mewġ uman matul il-gwerra bejn l-Iran u l-Iraq. Wara l-elezzjonijiet presidenzjali Iranjani kkontestati tal-2009, il-Basij waqqfet brutalment il-protesti u attakkat dormitorji tal-istudenti. Il-Basij għandha żewġ missjonijiet: li ttipprovdi taħriġ militari difensiv biex tippoteġi r-reġim minn invażjoni barranija, u li trażżan l-attività domestika kontra r-reġim permezz tal-vjolenza fit-toroq u l-intimidazzjoni. Il-Basij hija waħda mill-forzi li nġhatat ordni mill-gvern biex twaqqaf il-protesti ta' Settembru/Ottubru 2022. Hija darbet u qatlet diversi dimostranti. Sorsi jindikaw li membri tal-Basij taħt il-kmand ta' Salar Abnoush wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
109.	REZAEI Qasem (magħruf ukoll bħala REZAEI Ghasem) رضایی قاسم	Data tat-twelid: 27.9.1961 Post tat-twelid: Abhar, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: D10005996 (Iran) Kariga: Viċi Kmandant tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF)	Qasem Rezaei huwa l-Viċi Kmandant tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF). Huwa ssorvelja direttament atti ta' vjolenza kontra detenuti, inkluż tortura u swat. Huwa ġġustifika l-azzjonijiet tal-forzi tas-sigurtà wara l-użu letali ta' forza kontra dimostranti Iranjani u ħeġġeġ biex titkompla l-vjolenza kontra d-dimostranti f'Mejju 2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
110.	AMANOLLAHI Manouchehr (magħruf ukoll bħala AMANOLLAHI BAHARVAND Manouchehr) منوچهر امن اللهی	Data tat-twelid: Marzu 1965 jew 1966 Post tat-twelid: Khorramabad, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Kmandant tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) fil-provinċja ta' Chaharmahal u Bakhtiari	Manouchehr Amanollahi huwa l-Kmandant tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi elenkati mill-UE tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) fil-provinċja ta' Chaharmahal u Bakhtiari. Matul il-mandat tiegħu, il-LEF rażżan protesti fl-2021 minħabba nuqqas ta' ilma fil-provinċja, u fl-2022 minħabba r-rażżonar tal-ikel. L-unitajiet tal-LEF taħt il-kmand ta' Amanollahi użaw munizzjon attiv kontra d-dimostranti meta rażżnu l-protesti, li rriżultaw f'diversi mwiet. Bħala konsulent għat-tmexxija tal-LEF, Amanollahi kien involut ukoll fir-rispons tal-LEF għall-protesti nazzjonali f'Novembru 2019, li rriżultaw fil-mewt ta' mijiet ta' dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
111.	HEIDARI Kiyumars (magħruf ukoll bħala HEYDARI Kioumars, HEYDARI Amir Kyomarth) حیدری کیومرث	Data tat-twelid: 1964 Post tat-twelid: Kermanshah, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-Armata Iranjana	Il-Brigadier Ġeneral Kiyumars Heidari huwa l-Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-Armata Iranjana u jirrapporta direttament lill-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Huwa ammetta pubblikament l-involvement tiegħu u tal-forza tiegħu fir-rispons vjolenti għall-protesti ta' Novembru 2019, li wasslu għall-mewt ta' mijiet ta' dimostranti. Il-ksur sfaċċat u gravi tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi, bħall-isparar indiskriminat b'munizzjon attiv fuq dimostranti paċifiċi – fosthom tfal – ġie dokumentat b'mod wiesa' minn mindu bdew il-protesti f'nofs Settembru 2022 wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Aktar minn 70 dimostrant mietu u mijiet indarbu serjament. Il-Forzi tal-Art tal-Armata, li huma taħt il-kontroll ta' Heidari, kienu involuti fit-trażżin tal-protesti u qatlu mill-inqas persuna waħda. Heidari stess iddikjara li l-forzi tiegħu ntużaw biex jaffrontaw il-protesti tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
112.	MAJID Vahid Mohammad Naser وحيد مجيد	Data tat-twelid: 15.8.1964 Post tat-twelid: Isfahan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: 3874409929 (Iran) Kariga: Kap tal-Pulizija Ċibernetika Iranjana	Vahid Mohammad Naser Majid huwa l-kap tal-Pulizija Ċibernetika Iranjana (elenkata fl-UE). Il-Pulizija Ċibernetika Iranjana tinfluwenza u tirrestrinġi l-aċċess għall-Internet fl-Iran u tarresta b'mod arbitrarju lin-nies talli jesprimu kritika online kontra r-reġim Iranjan. Il-Pulizija Ċibernetika hija involuta f'sensiela ta' arresti u prosekuzzjonijiet fil-pajjiż kollu. Tagħti appoġġ lir-reġim Iranjan fir-rispons vjolenti tiegħu għall-protesti fil-pajjiż kollu kontra persuni li jsemmgħu leħinhom biex jiddefendu d-drittijiet leġittimi tagħhom. Fil-kariga tiegħu ta' Kap tal-Pulizija Ċibernetika Iranjana, Vahid Mohammad Naser Majid huwa għalhekk responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
113.	NEJAT Hossein (magħruf ukoll bħala ZIBAYI-NEJAD Mohammad-Hossein) حسين نجات	Data tat-twelid: 1955 Post tat-twelid: Shiraz, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General Kariga: Viċi Kmandant ta' Sarallah (magħruf ukoll bħala Tharullah, Thar-Allah, Tharallah, Tharallollah)	Il-Brigadier General Hossein Nejat ilu l-Viċi Kmandant ta' Sarallah, apparat tas-sigurtà ddedikat ibbażat f'Tehran, konness mal-IRGC, tal-istat Iranjan sa mill-21 ta' Ġunju 2020. Sarallah huwa essenzjali għas-sigurtà ta' Tehran, peress li l-kwartieri ġenerali huma responsabbli għall-protezzjoni tal-kapitali u l-istituzzjonijiet governattivi kontra kull theddida bħal kolpi ta' stat jew protesti kontra l-gvern. It-truppi ta' Sarallah taħt il-kmand dirett ta' Nejat huma inkarigati milli jwaqqfu protesti kontra l-gvern, fosthom it-trażżin vjolenti tal-protesti paċifiki fl-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
114.	MAROUFI Hossein حسين معروفى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: General Kariga: Viċi Kap tal-Mobilizzazzjoni tal-Korp tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iżlamiċi (IRGC) fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-General Sardar Hossein Maroufi huwa l-Viċi Kap tal-Mobilizzazzjoni tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Bħala tali, huwa membru ewlieni tal-IRGC f'din il-provinċja. Il-provinċja ta' Sistan u Baluchestan rat xi wħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż il-forzi tal-IRGC, matul il-mewġa ta' protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali tal-provinċja ta' Zahedan rat "il-Ġimgħa mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li fformat madwar it-talb tal-Ġimgħa. Huwa smat li ġie sparat fuq mill-inqas 70 dimonstrant u dawn ġew maqtula. Minn dakinhar 'l hawn, komplet il-vjolenza kontra l-parteċipanti fi protesti li sehhev aktar 'il quddiem. Sardar Hossein Maroufi huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimosttranti fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan, b'mod partikolari madwar "il-Ġimgħa mdejmija". Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
115.	ABSALAN Parviz آبسالان پرويز	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Ġeneral Kariga: Viċi Kap tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-Ġeneral Parviz Absalan huwa l-Viċi Kap tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. L-IRGC huwa element ċentrali tal-forzi tas-sigurtà Iranjani f'dik il-provinċja, fejn jissejjaħ ukoll l-“Armata ta' Salman”. Il-forzi tas-sigurtà fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan użaw vjolenza brutali kontra dimostranti paċifiki fiċ-ċiklu ta' protesti fil-ħarifa tal-2022, inkluż kontra t-tfal. Bħala Viċi Kap tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan, Parviz Absalan huwa għalhekk responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
116.	SHAFABI Ahmad (magħruf ukoll bħala SHAFAI Ahmad) احمد شافاهی	Data tat-twelid: 21.5.1968 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: kmandant u uffiċjal tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Shafahi huwa kmandant tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan, u huwa responsabbli għar-relazzjonijiet pubbliċi. L-IRGC huwa element ċentrali tal-forzi tas-sigurtà Iranjani f'dik il-provinċja, fejn jissejjaħ ukoll l-“Armata ta' Salman”. Il-forzi tas-sigurtà fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan użaw vjolenza brutali kontra dimostranti paċifiki fiċ-ċiklu ta' protesti fil-ħarifa tal-2022, inkluż kontra t-tfal. Bħala Viċi Kap tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan, Sardar Ahmed Shafahi huwa għaldaqstant responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
117.	KOCHZAEI Ebrahim (magħruf ukoll bħala KOCHZAI Ebrahim, KOUCHAK-ZAEI Ebrahim) کوچزایی ابراهیم	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fil-belt ta' Chabahar fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-Kurunell Ebrahim Kochzaei huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fil-belt ta' Chabahar fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Il-forzi tas-sigurtà fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan, inkluż f'Chabahar, ilhom jużaw vjolenza brutali kontra dimostranti paċifiki fiċ-ċiklu ta' protesti fil-ħarifa tal-2022, inkluż kontra t-tfal. Kochzaei huwa wkoll imsemmi bħala l-awtur tal-istupru ta' tifla ta' 15-il sena f'Settembru 2022, li nżammet taħt detenzjoni mill-pulizija f'Chabahar. Ebrahim Kochzaei għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
118.	TAHERI Ahmad طاهری احمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-Brigadier Ġeneral Ahmed Taheri huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan tal-Iran. Il-forzi tas-sigurtà fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan użaw vjolenza brutali kontra dimostranti paċifiċi fiċ-ċiklu ta' protesti fil-ħarifa tal-2022, inkluż kontra t-tfal. Bħala l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fis-Sistan u l-provinċja ta' Baluchestan, Ahmed Taheri huwa għaldaqstant responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
119.	HOSSEINI Seyed Sadegh سید صادق حسینی	Data tat-twelid: 1963 jew 1964 Post tat-twelid: Dehloran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Ġeneral Kariga: kap tal-IRGC fil-provinċja tal-Kurdistan	Il-Ġeneral Seyed Sadegh Hosseini huwa l-kap tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja tal-Kurdistan. Il-provinċja tal-Kurdistan rat vjolenza ħarxa mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż l-IRGC, kontra l-mewġa ta' protesti tal-2022. Barra minn hekk, l-IRGC juża l-provinċja tal-Kurdistan bħala bażi biex iwettaq operazzjonijiet militari kontra l-Kurdistan Iraqqin, li wasslu għall-mewt ta' aktar minn tnax-il persuna mhux kombattenti. Seyed Sadegh Hosseini huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimostranti fil-provinċja tal-Kurdistan. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
120.	RAJABPOUR Sereng Hossein رجبپور سرنگ حسین	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: kmandant tal-forza Beit al-Maqdis (l-IRGC fil-Kurdistan) fil-belt ta' Sanandaj	Il-Kurunell Sereng Hossein Rajabpour huwa l-kmandant tal-forza Beit al-Maqdis (l-IRGC fil-Kurdistan) fil-belt ta' Sanandaj fil-provinċja tal-Kurdistan. Il-provinċja tal-Kurdistan rat vjolenza ħarxa mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż l-IRGC, kontra l-mewġa ta' protesti tal-2022, speċjalment fil-belt ta' Sanandaj. Sereng Hossein Rajabpour huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti fil-provinċja tal-Kurdistan. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
121.	ASL Gholamhossein Mohammadi اصل غلامحسین محمدی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: kap tal-IRGC fil-provinċja Ardabil	Gholamhossein Mohammadi Asl huwa l-kap tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Ardabil – provinċja b'minoranza etnika Azeri. Il-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż l-IRGC, wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-provinċja ta' Ardabil matul il-protesti tal-2022. Ir-rapporti juru li tifla tal-iskola Iranjana bl-isem ta' Asra Panahi ġiet imsawta għall-mewt mill-forzi tas-sigurtà talli rrifjutat li tkanta l-innu favur ir-reġim. Gholamhossein Mohammadi Asl għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
122.	ABDI Shakar عبدی شکار	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: viċi kap tal-IRGC fil-provinċja ta' Ardabil	Il-Kurunell Shakar Abdi huwa l-viċi kap tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Ardabil – provinċja b'minoranza etnika Azeri. Il-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż l-IRGC, wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-provinċja ta' Ardabil matul il-protesti tal-2022. Ir-rapporti juru li tifla tal-iskola Iranjana bl-isem ta' Asra Panahi ġiet imsawta għall-mewt mill-forzi tas-sigurtà talli rriġjutat li tkanta l-innu favur ir-reġim. Shakar Abdi għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
123.	HASSAN-ZADEH Hasan حسنزاده حسن	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General Kariga: kap tal-IRGC fil-provinċja ta' Tehran	Il-Brigadier Ġeneral Hassan Hassanzadeh huwa l-kap tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran. Il-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż l-IRGC, wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-provinċja ta' Tehran matul il-protesti tal-2022. Hasan Hassanzadeh għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
124.	AGHAEI Morteza Mir (magħruf ukoll bħala MIRA-GHAEI Morteza) آقای مرتضای میر	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: kap tal-Basij fil-belt ta' Sanandaj	Il-Kurunell Morteza Mir Aghaei huwa l-kap tal-Basij fil-belt ta' Sanandaj fil-provinċja tal-Kurdistan. Il-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż l-IRGC u l-Basij tiegħu, wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem f'Sanandaj matul il-protesti tal-2022. Morteza Mir Aghaei għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
125.	MOHAMMADIAN Abbas-Ali محمدیان عباس-علی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja ta' Alborz (Karaj)	Abbas-Ali Mohammadian ilu l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Alborz (Karaj) sa mill-2017. Alborz (Karaj) hija provinċja fejn ilhom iseħħu dimostrazzjonijiet kbar minn Settembru 2022 li ntlagħu bi vjolenza eċċessiva mill-pulizija. Il-forzi tas-sigurtà spiss sparaw direttament fuq dimostranti paċifiċi, u dan wassal għal ħafna mwiet, fosthom tfal. Bħala kap tal-LEF f'Alborz (Karaj), Abbas-Ali Mohammadian huwa għalhekk responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
126.	JAHAN-BAKSHH Rahim جهانبخش رحیم	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja tal-Azerbajġan tal-Punent	Il-Brigadier Ġenerali Rahim Jahanbakhsh hu l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja tal-Azerbajġan tal-Punent. L-Azerbajġan tal-Punent huwa provinċja fejn ilhom iseħħu dimostrazzjonijiet kbar minn Settembru 2022 li ntlagħu bi vjolenza eċċessiva mill-pulizija. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
127.	SHEIKHNEJAD Hassan شیخنژاد حسن	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Urumeħ (magħrufa wkoll bħala Ourou-mieh) fil-kapitali tal-provinċja tal-Ażerbajġan tal-Punent.	Il-Kurunell Hassan Sheikhnejad huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran f'Urumeħ, il-kapitali tal-provinċja tal-Ażerbajġan tal-Punent. F'Urumeħ, il-forzi tas-sigurtà Iranjani wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem matul il-protesti tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
128.	SAADATI Mahmoud سعادتى محمود	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-belt ta' Zahedan fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-Kurunell Mahmoud Saadati huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-belt ta' Zahedan fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. F'Zahedan, il-forzi tas-sigurtà Iranjani wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem matul il-protesti tal-2022. Mahmoud Saadati għalhekk huwa responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
129.	MIRZAI Morteza ميرزای مرتضای	Post tat-twelid: Khorram Abad, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) fil-provinċja ta' Mazandaran.	Il-Brigadier Ġeneral Morteza Mirzai huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja ta' Mazandaran. Fil-provinċja ta' Mazandaran, il-forzi tas-sigurtà Iranjani wettqu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem matul il-protesti tal-2022. Morteza Mirzai għalhekk huwa responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
130.	MALIKI Azizullah عزیزالله ملکى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Ġeneral Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja ta' Gilan	Il-Ġeneral Azizullah Maliki huwa l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) fil-provinċja ta' Gilan. Fl-2022, Azizullah Maliki mexxa r-repressjoni vjolenti kontra l-protesti fil-provinċja ta' Gilan. Huwa semma leħnu fil-mezzi tax-xandir, u ddefenda bil-qawwa r-reazzjoni vjolenti tal-forzi tas-sigurtà kontra l-protesti f'Settembru u Ottubru 2022. Bħala kap tal-LEF fil-provinċja ta' Gilan, Azizullah Maliki huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
131.	MORADI Ali-Reza مرادی علی-رضا	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-belt ta' Sanandaj	Ali-Reza Moradi ilu l-kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-belt ta' Sanandaj fil-provinċja tal-Kurdistan minn Diċembru 2018. F'dik il-kariga, Ali-Reza Moradi jirrapporta lill-istat maġġur tal-forzi armati fl-Iran, direttament taħt l-awtorità tal-Mexxej Suprem tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Moradi kien responsabbli għall-arrest tal-massa ta' dimostranti u ordna l-użu ta' armi letali kontra dimostranti mhux armati matul il-protesti nazzjonali ta' Novembru 2019 f'Sanandaj, li rriżultaw fil-mewt ta' mill-inqas żewġ dimostranti. Il-ksur sfaċċat u gravi tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tal-pulizija f'Sanandaj, bħall-isparar indiskriminat b'munizzjon attiv fuq dimostranti paċifiċi – fosthom tfal, ġie ddokumentat minn mindu bdew il-protesti f'nofs Settembru 2022 wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Moradi ppromwova pubblikament ukoll approċċ aħrax għal persuni li jipparteċipaw fil-protesti. Sa mill-bidu tad-dimostrazzjonijiet tal-2022, il-forzi tal-pulizija ddetenew b'mod arbitrarju bosta difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti. Ali-Reza Moradi għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
132.	RAFIEI Enayatollah رفیعی عنایاتولله	Data tat-twelid: 1970 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kaptan Kariga: kmandant tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini	Il-Kaptan Enayatollah Rafiei huwa membru tal-Pulizija tal-Moralità (elenkata mill-UE), pulizija reliġjuża Iżlamika li hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran. Huwa l-kmandant tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini. Fit-13 ta' Settembru 2022, Rafiei u tliet membri oħra tal-iskwadra tiegħu arrestaw arbitrarjament lil Mahsa Amini tal-età ta' 22 sena f'Tehran, allegatament talli libset il-ħiġab b'mod mhux xieraq. Sussegwentement ittieħdet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija ġiet imsawta brutalment u ġiet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar u għal mewtha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imġiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijjex limitata għal dak l-inċident u ġiet iddokumentata b'mod wiesa'. Bħala kmandant tal-iskwadra, il-Kaptan Enayatollah Rafiei huwa responsabbli għall-mewt ta' Amini u għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
133.	KHOSHNAME-VAND Ali خوشناموند علی	Data tat-twelid: 1995 Post tat-twelid: Khoshnamvand, (Khushnamvand) fid-distrett ta Kouhdasht tal-provinċja ta' Lorestan fl-Iran tal-Punent	Is-Surġent Ali Khoshnamvand huwa membru tal-Pulizija tal-Moralità (elenkata mill-UE), pulizija reliġjuża Iżlamika li hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran. Huwa wieħed mill-uffiċjali tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini.	14.11.2022

▼ M20

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		<p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Grad: Surġent</p> <p>Kariga: Membru tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini</p>	<p>Fit-13 ta' Settembru 2022, Khoshnamvand u tliet membri oħra tal-iskwadra arrestaw arbitrarjament lil Mahsa Amini ta' 22 sena f'Tehran, allegatament talli libset ħiġab b'mod mhux xieraq. Sussegwentement ittieħdet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija ġiet imsawta brutalment u ġiet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar u għal mewtha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imġiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijiex limitata għal dak l-inċident u ġiet iddokumentata b'mod wiesa'.</p> <p>Bħala wieħed mill-uffiċjali li arrestaw lil Amini, is-Surġent Ali Khoshnamvand huwa responsabbli għall-mewt ta' Amini u għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
134.	GHORBAN-HOSSEINI Fatemeħ قربان-حسینی فاطمه	<p>Data tat-twelid: 1995</p> <p>Post tat-twelid: Tehran, Iran</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: mara</p> <p>Kariga: Membru tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini</p>	<p>Fatemeħ Ghorban-Hosseini hija membru tal-Pulizija tal-Moralità (elenkata mill-UE), pulizija reliġjuża Iżlamika li hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran. Hija waħda mill-uffiċjali tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini.</p> <p>Fit-13 ta' Settembru 2022, Ghorban-Hosseini u tliet membri oħra tal-iskwadra arrestaw arbitrarjament lil Mahsa Amini ta' 22 sena f'Tehran, allegatament talli libset ħiġab b'mod mhux xieraq. Sussegwentement ittieħdet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija ġiet imsawta brutalment u ġiet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar u għal mewtha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imġiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijiex limitata għal dak l-inċident u ġiet iddokumentata b'mod wiesa'.</p> <p>Bħala wieħed mill-uffiċjali li arrestaw lil Amini, Fatemeħ Ghorban-Hosseini hija responsabbli għall-mewt ta' Amini u għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	14.11.2022
135.	SAFARI Parastou سفری پرستو	<p>Data tat-twelid: 1986</p> <p>Post tat-twelid: Kermanshah, Iran</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: mara</p> <p>Kariga: Membru tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini</p>	<p>Parastou Safari hija membru tal-Pulizija tal-Moralità (elenkata mill-UE), pulizija reliġjuża Iżlamika li hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran. Hija waħda mill-uffiċjali tal-iskwadra li arrestat lil Mahsa Amini.</p> <p>Fit-13 ta' Settembru 2022, Safari u tliet membri oħra tal-iskwadra arrestaw arbitrarjament lil Mahsa Amini ta' 22 sena f'Tehran, allegatament talli libset ħiġab b'mod mhux xieraq. Sussegwentement ittieħdet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija ġiet imsawta brutalment u ġiet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar u għal mewtha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imġiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijiex limitata għal dak l-inċident u ġiet iddokumentata b'mod wiesa'.</p> <p>Bħala waħda mill-uffiċjali li arrestaw lil Amini, Parastou Safari hija responsabbli għall-mewt ta' Amini u għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	14.11.2022

▼ B

▼ M21

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
136.	JEBELLI Peyman پیمان جبلی	Data tat-twelid: 25.1.1967 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Peyman Jebelli huwa d-Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), li għandha l-fama ħażina ta' leħen ir-reġim. L-IRIB tillimita serjament u ċċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lill-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB hija involuta attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku. Bħala Direttur tal-IRIB, Jebelli huwa responsabbli mill-azzjonijiet tal-IRIB kif ukoll mill-kontenut tal-aħbarijiet. Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022, Jebelli jkompli jaġixxi fil-pożizzjoni tiegħu. Il-ħatra tiegħu bħala direttur tas-sors uffijjali ewlieni tal-aħbarijiet tal-Iran ġiet awtorizzata mill-Mexxej Suprem Ali Khamenei u tindika prossimità ideoloġika mar-reġim. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran	12.12.2022
137.	REZVANI Ali رضوانی علی	Data tat-twelid: 1984 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Reporter u preżentatur tal-aħbarijiet rigward affarijiet politiċi u ta' sigurtà tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Ali Rezvani huwa reporter għall-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) preżentatur tal-aħbarijiet fuq il-programm tal-aħbarijiet ta' kull filgħaxija tat-20:30 tal-IRIB. L-IRIB hija organizzazzjoni tal-media Iranjana kkontrollata mill-istat u inkarigata mit-tixrid ta' informazzjoni mill-gvern. Ix-xandir tal-aħbarijiet ta' kull filgħaxija tat-20:30 tal-IRIB, li jiġi trażmess fuq il-Kanal 2, huwa l-programm ewlieni tal-aħbarijiet u huwa meqjus bħala l-pjattaforma ewlenija tal-IRIB għall-implimentazzjoni tal-aġendi tal-forzi tas-sigurtà, inkluż il-Ministeru għall-Intelligence (MOIS) u l-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). Każijiet dokumentati juru li l-aħbarijiet tat-20:30 ixandru ammissjonijiet ta' ħtija furzati. Fil-kapaċità tiegħu bħala reporter tal-IRIB, Ali Rezvani jieħu sehem f'interrogazzjonijiet li jwasslu għal ammissjonijiet ta' ħtija furzati, b'hekk jinvolvi ruħu direttament u jiffaċilita ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-kapaċità tiegħu bħala preżentatur tal-aħbarijiet tat-20:30, Rezvani jippromwovi l-aġenda tal-forzi tas-sigurtà Iranjani, li tiġġustifika l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bħat-tortura u l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrari. Rezvani jippromwovi wkoll b'mod persistenti l-propaganda kontra persuni li jikkritikaw ir-reġim sabiex jintimidahom u biex jiġġustifika u jħeġġeġ it-trattament ħażin tagħhom, u b'hekk jikser il-libertà tal-espressjoni ħielsa tagħhom. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

▼ M21

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
138.	ZABIHPOUR Ameneh Sadat ذبیح پور آمنه سادات	Data tat-twelid: 7.8.1984 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: mara Kariga: Reporter tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) u kap tal-grupp tal-media barranija bil-lingwa Persjana fl-IRIB Nru tal-passaport: 09324611	Ameneh Sadat Zabihpour hija l-kap tal-grupp tal-media barranija bil-lingwa Persjana fl-IRIB, li għandu l-fama ħażina ta' leħen ir-reġim. L-IRIB jillimita serjament u jċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lill-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB huwa involut attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku. Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022, Zabihpour tkompli taġixxi fil-pożizzjoni tagħha. Hija interrogat lil persuni li jikkritikaw ir-reġim u pproduċiet videos ta' ammissjonijiet ta' ħtija furzati. Għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
139.	KHATAMI Seyyed Ahmad خاتمی سید احمد	Data tat-twelid: 8.5.1960 Post tat-twelid: Semnan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Imam għat-talb ta' nhar ta' Ġimgħa, membru tal-Assemblea ta' Esperti għat-Tmexxija	Seyyed Ahmad Khatami huwa membru reliġjuż estremist u imam influwenti għat-talb ta' nhar ta' Ġimgħa f'Tehran. Khatami huwa wkoll membru tal-Assemblea ta' Esperti għat-Tmexxija, entità Iranjana li hija nnifisha tinsab involuta fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem peress li żammet lura milli tirrispetta d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali. Bħala membru reliġjuż qrib l-awtoritajiet statali u b'udjenza kbira, huwa juża l-pożizzjoni tiegħu biex jattakka verbalment u jxewwex il-vjolenza kontra d-dimostranti. Huwa mhux biss jiddefendi l-azzjonijiet repressivi tal-forzi tas-sigurtà tal-Iran iżda wkoll, f'diversi okkażjonijiet, ħeġġeġ trattament saħansitra aktar iebes tad-dimostranti, inkluż il-piena tal-mewt. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
140.	MIRAHMADI Seyyed Majid مجید سید میراحمدی	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Seyyed Majid Mirahmadi huwa l-Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran, responsabbli mill-monitoraġġ tal-forzi tas-sigurtà u tal-forzi tal-pulizija tal-Iran, atturi li huma involuti fil-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Il-forzi tas-sigurtà u l-forzi tal-pulizija tal-Iran qed irażżnu l-protesti b'mod vjolenti, jisparaw direttament fuq id-dimostranti paċifiċi u jarrestaw b'mod arbitrarju lil persuni b'diżrispett totali għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, Mirahmadi jirreferi għall-protesti bħala rvellijiet li għandhom jintemmu, jikkriminalizza u jhedded lil dawk li jipparteċipaw fi protesti paċifiċi. Huwa personalment qed jaħbi deliberatament il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-forzi taħt l-awtorità tiegħu, pereżempju, billi jgħid li d-dimostranta ta' 16-il sena Nika Shakrami wettqet suwiċidju. Ir-rapporti jindikaw li huwa ferm probabbli li mietet f'idejn il-forzi tas-sigurtà. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

▼ M21

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
141.	MOUSAVI Sayyed Abdolrahim موسوی سید عبدالرحیم	Data tat-twelid: 1959/1960 Post tat-twelid: Qom, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Maġġur General Kariga: Kap kmandant fl-armata Iranjana	Il-Maġġur Ġeneral Sayyed Abdolrahim Mousavi huwa l-Kap kmandant tal-Armata Iranjana. Fil-kapaċità tiegħu jgħorr ir-responsabbiltà għall-involvement tal-Armata Iranjana fir-reazzjoni vjolenti tar-reġim għall-protesti tal-2022. F'diversi okkażjonijiet, Mousavi ddeskriva l-protesti fl-Iran bħala rvellijiet organizzati u ppjanati mill-għedewwa tal-Iran u b'hekk ppreżenta l-protesti bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali. Huwa uża lingwaġġ ta' theddid dirett lejn il-partiċipanti fil-moviment ta' protesta. Huwa faħħar ukoll ir-reazzjoni vjolenti tal-forzi tas-sigurtà Iranjani għad-dimostranti u ddeskriviha bħala mezz effettiv biex jiġu newtralizzati l-għedewwa tal-Iran. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
142.	BORMAHANI Mohsen محسن برمهانی	Data tat-twelid: 24.5.1979 Post tat-twelid: Neishabur, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Nru tal-passaport: A54062245 (Iran), jiskadi fit-12.7.2026 Numru tal-identità nazzjonali: 1063893488 (Iran) Kariga: Viċi Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Mohsen Bormahani huwa l-Viċi Direttur tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB), li jaġixxi bħala leħen ir-reġim. Fil-pożizzjoni tiegħu, Bormahani jgħorr ir-responsabbiltà għall-kontenut tal-IRIB. L-IRIB jillimita serjament u jċaħħad il-fluss liberu tal-informazzjoni lejn il-poplu Iranjan. Barra minn hekk, l-IRIB huwa involut attivament fl-organizzazzjoni u x-xandir ta' "ammissjonijiet ta' ħtija" furzati minn persuni li jikkritikaw ir-reġim, miksuba permezz ta' intimidazzjoni u vjolenza ħarxa. Dawn l-"ammissjonijiet ta' ħtija" ta' spiss jixxandru wara protesti pubbliċi, jew qabel eżekuzzjoni bħala mezz biex jitnaqqsu r-reazzjonijiet mill-pubbliku. Filwaqt li diversi membri tal-persunal tax-xandir statali ta' profil għoli rriżenjaw reċentement u ċaħdu r-reazzjoni vjolenti tar-reġim Iranjan għall-protesti tal-2022 fl-Iran, Bormahani jkompli jaġixxi fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Direttur u f'dikjarazzjonijiet reċenti tiegħu ddefenda r-reġim. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
143.	JOKAR Morteza جوکار مرتضا (magħruf ukoll bħala JOWKAR Morteza)	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: viċi kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan	Il-Kurunell Morteza Jokar huwa l-viċi kap tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran (LEF) fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan. Fil-funzjoni tiegħu, huwa responsabbli li dderieġa r-repressjoni vjolenti tad-dimostranti ċivili fil-provinċji ta' Sistan u Baluchestan wara l-mewt ta' Mahsa Amini f'Settembru 2022. Il-forzi taħt il-kmand tiegħu huma responsabbli li sparaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti waqt il-massakru tat-30 ta' Settembru 2022 f'Zahedan u l-massakru tal-4 ta' Novembru 2022 f'Khash, fejn mietu u ndarbu għexieren ta' persuni. Twettqu wkoll repressionijiet vjolenti oħra ta' protesti f'bliet provinċjali oħra (Saravan, Chabahar, Iranshahr, Rask, Sarbaz u oħrajn) taħt il-kontroll tiegħu matul il-ħarifa tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

▼ M21

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
144.	SOURI Majid سورى مجيد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan	Il-Kurunell Majid Souri huwa l-Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan. Huwa responsabbli mir-repressjoni vjolenti minnaħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022, speċjalment fil-belt ta' Khorramabad fejn inġabru l-persuni biex jibku l-mewt ta' Nika Shakrami, żagħżuġha Iranjana li għebet ftit wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
145.	KARIMI Mohsen كريمى محسن	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General Kariga: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi	Il-Brigadier General Mohsen Karimi huwa l-kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi. Huwa responsabbli mir-repressjoni vjolenti minnaħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022 li wasslet ukoll għall-mewt taż-żagħżuġ ta' 19-il sena Mehrshad Shahidi f'ċentru ta' detenzjoni tal-IRGC f'Arak. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
146.	HEYDARNIA Alireza حيدرنيا عليرضا	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General Kariga: Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Alborz	Il-Brigadier General Alireza Heydarnia huwa l-Kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Alborz. L-IRGC huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti tad-dimostranti, b'mod partikolari fil-belt ta' Karaj, f'Alborz fl-2022. F'dik il-belt, il-forzi tas-sigurtà rażżnu d-dimostranti fl-okkażjoni ta' manifestazzjonijiet f'għieh il-vittmi tal-protesti fl-okkażjoni tal-40 jum mill-mewt tagħhom. Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-forzi tas-sigurtà f'Karaj ħatfu mill-isptar u stupraw ripetutament lil Armita Abbasi, tfajla ta' 20 sena. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
147.	GARSHASBI Amanollah گرشاسبى امانالله	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General Kariga: Viċi Kmandant tal-Korp tal-Gwardji Rivoluzzjonarji Iżlamiċi (IRGC) fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Il-Brigadier General Amanollah Garshasbi huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Il-korp provinċjali ta' "Salaman" jinsab taħt il-kmand tiegħu. Il-provinċja ta' Sistan u Baluchestan raw xi wħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali tal-provinċja ta' Zahedan rat "il-Ġimgħa mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li ffurmat madwar it-talb tal-Ġimgħa. Huwa stmat li sparaw fuq mill-inqas 70 dimostrandant u dawn sfaw maqtula. Minn dakinhar 'l hawn, komplet il-vjolenza kontra l-parteċipanti fi protesti. Garshasbi għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
148.	REYHANI Bahman بهمن ريحاني	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier General	Il-Brigadier General Bahman Reyhani huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Punent tal-Iran, responsabbli mill-provinċja ta' Kermanshah. Il-korp provinċjali ta' "Hazrat Nabi Akram" jinsab taħt il-kmand tiegħu.	12.12.2022

▼ M21

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Kariga: Viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Punent tal-Iran, responsabbli mill-provinċja ta' Kermanshah.	Il-provinċja ta' Kermanshah rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Reyhani huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimostranti fil-provinċja ta' Kermanshah. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	
149.	SHAHSAVARI Habib شهسواری حبیب	Data tat-twelid: 1963/1964 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' "Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan	Il-Brigadier Ġeneral Habib Shahsavari huwa l-kmandant tal-korp tat-truppi tal-art ta' "Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) għall-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan. It-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostranti fil-bliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan fil-Punent tal-Ażerbajġan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Skont l-istimi tal-NGO, l-operazzjonijiet tal-IRGC fil-bliet ta' Mahabad u Bukan qatlu erba' u tnax-il persuna rispettivament. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
150.	ABDOLLAH-POUR Mohammad عبدللاهور محمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Gilan	Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Abdollahpour huwa l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Gilan. Il-provinċja ta' Gilan rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-forzi tal-IRGC taħt il-kmand ta' Abdollahpour, matul il-protesti tal-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
151.	MOSLEMI Siavash مسلمی سیاوش	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Mazandaran	Il-Brigadier Ġeneral Siavash Moslemi ilu l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Mazandaran minn Ġunju 2020. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti u f'dawk l-operazzjonijiet użaw forza sproporzjonata. Bħala kmandant tat-truppi impenjati, Moslemi huwa fost dawk responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
152.	ZULQADR Ahmad ذوالقدر احمد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral	Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Zulqadr ilu l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Seyyed al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran minn Novembru 2020. Huwa wkoll il-viċi kmandant tal-korp tal-IRGC fil-belt ta' Tehran.	12.12.2022

▼ M21

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
		Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Seyyed al-Shohada" tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Tehran	Skont ir-rapporti tal-media, Zulqadr intgħażel għall-kariga tiegħu speċjalment minħabba li huwa espert fir-repressjoni tal-protesti. Fl-2022, ir-repressjoni tad-dimostranti f'Tehran kienet partikularment vjolenti. Bħala kmandant tat-truppi tal-IRGC impenjati f'din il-vjolenza fuq id-dimostranti, huwa għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	
153.	KASHKOULI Morteza كشكولى مرتضى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-korp provinċjali ta' Hazrat Abulfazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan	Il-Brigadier Ġeneral Morteza Kashkouli huwa l-kmandant tal-korp provinċjali ta' Hazrat Abulfazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-provinċja ta' Lorestan. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, twestqu operazzjonijiet fil-belt ta' Khorramabad ta' Lorestan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet u użaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti. Bħala kmandant ta' dawk il-forzi tal-IRGC, Kashkouli huwa fost dawk responsabbli għal dik il-vjolenza. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
154.	BAYAT Isa بيات عيسى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Kurunell Kariga: Kmandant tat-364 brigata tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) (Shahid Nasirzadeh) f'Mahabad, fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan	Il-Kurunell Isa Bayat ilu kmandant tat-364 brigata tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) (Shahid Nasirzadeh) f'Mahabad, fil-provinċja tal-Punent tal-Ażerbajġan, minn Ġunju 2022. Fl-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet militari kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twestqu kontra dimostranti f'Mahabad, bl-użu ta' forza sproporzjonata u wasslu għall-qtil ta' erba' persuni. Bħala kmandant ta' unità tal-IRGC li wettqet dawn l-operazzjonijiet, Bayat huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
155.	ASANLOO Mohammad Taghi آسانلو محمد تقی	Post tat-twelid: Provinċja ta' Zanjan, l-Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Kariga: Kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali Hamzeh Seyyed Al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Majjistral tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Taghi Asanloo huwa l-kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali Hamzeh Seyyed Al-Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) fil-Majjistral tal-Iran, responsabbli għall-provinċja ta' Kordestan u l-Punent tal-Ażerbajġan. Il-kwartieri ġenerali ta' "Hamzeh Seyed Al-Shohada" għandhom il-missjoni speċifika li jwaqqfu l-inkwjet fir-reġjuni Kurdi fil-Majjistral tal-Iran. Fl-2022, taħt il-kmand ta' Asanloo, it-truppi tal-IRGC f'din iż-żona wettqu operazzjonijiet militari kontra d-dimostranti fir-reġjun Kurd tal-Iran. B'mod partikolari, mill-15 ta' Novembru 2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand ta' Asanloo wettqu tali operazzjonijiet kontra dimostranti fil-bliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Skont l-istimi tal-NGO, l-operazzjonijiet tal-IRGC kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi wasslu għall-qtil ta' 42 persuna mill-15 ta' Novembru 2022. Bħala kmandant tat-truppi tal-IRGC fir-reġjun, Asanloo huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti mwettqa mit-truppi tiegħu. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

▼ B

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
156.	SAJJADI Seyed Hamid Hazaveh هزاوه حميد سيد سجادی	Data tat-twelid: 21.3.1969 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Ministru Iranjan għall-Ispport u ż-Żgħażaġħ	Hamid Sajjadi huwa l-Ministru għall-Ispport u ż-Żgħażaġħ tal-Iran. Huwa responsabbli talli tefa' pressjoni fuq atleti tal-Iran biex jibqgħu siekta u talli żammhom milli jsemmgħu leħinhom fuq livell internazzjonali kontra r-repressjoni fl-Iran. Huwa kien personalment involut fil-każ ta' Elnaz Rekabi, atleta Iranjana fit-tixbit li kkompetiet mingħajr il-ħiġab fil-kompetizzjoni f' Seoul tat-tixbit mal-blat fil-Kampjonat Asjatiku fil-ħarifa tal-2022. Wara l-kompetizzjoni tagħha, Rekabi ġiet ingannata biex tidħol fil-bini tal-ambaxxata Iranjana f' Seoul, fejn il-passaport u l-mobile tagħha ġew ikkonfiskati fuq l-ordnijiet tal-awtoritajiet f' Teheran. Mal-wasla tagħha f' Teheran, li x'aktarx kienet furzata, ġiet interrogata minn żewġ istituzzjonijiet politiċi u sportivi tal-Iran u ltaqgħet ma' Sajjadi. F'din il-laqgħa ġiet imġiegħla tagħmel dikjarazzjoni li fiha skużat ruħha talli kkompetiet mingħajr ħiġab u ġiet mhedda bil-konfiska tal-art tal-familja. F'Diċembru 2022, kien ċar li d-dar tal-familja ta' Elnaz Rekabi f' Zanjan kienet twaqqgħet. Hamid Sajjadi huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
157.	GOLPAYE-GANI Seyyed Mohammed Saleh Hashemi گولپایگانی سید محمد صالح هاشمی	Data tat-twelid: 1967 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Kap tal-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil (Headquarters for the Promotion of Virtue and Prevention of Vice) Entitajiet assoċjati: Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil (Headquarters for the Promotion of Virtue and Prevention of Vice), Pulizija tal-Moralità	Seyyed Mohammed Saleh Hashemi Golpayegani ilu l-kap tal-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil (magħruf ukoll bħala l-Office/ Headquarters for the Promotion of Virtue and Prevention of Vice) mill-25 ta' Awwissu 2021. Il-Headquarters For Enjoining Right and Forbidding Evil huwa istituzzjoni tal-gvern li hija responsabbli biex tiddetermina u tinforza mudelli ta' mġiba eċċessivament riġidi fis-soċjeta'. Fl-2022, il-Headquarters For Enjoining Right and Forbidding Evil kienu strumentali fl-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' moralità ġodda u aktar riġidi għan-nisa li jiksru b'mod ċar id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Barra minn hekk, il-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil għandhom rwol ċentrali fl-istabbiliment ta' sorveljanza ta' nisa u rġiel li ma jirrispettawx dawn il-kodiċijiet u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet spiss brutali fil-konfront tagħhom. Sussegwentement, dawn il-kodiċijiet riġidi huma infurzati b'mod brutali mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) (u speċifikament il-Pulizija tal-Moralità tagħhom). Bħala l-kap tal-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil, Seyyed Mohammed Saleh Hashemi Golpayegani huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
158.	ASGARI Hassan حسن عسگری magħruf ukoll bħala ASKARI Hassan حسن عسگری	Post tat-twelid: Bijar, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: gvernatur ta' Sanandaj, provinċja ta' Kurdistan Entitajiet assoċjati: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	Hassan Asgari huwa l-gvernatur tal-belt ta' Sanandaj fil-provinċja ta' Kurdistan fl-Iran u eks Kmandant tal-forzi lokali tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). Bħala l-gvernatur ta' Sanandaj, huwa responsabbli għar-rispons vjolenti u brutali f'dik il-belt għall-protesti li seħħew wara l-mewt taż-żagħżuġha Kurda Mahsa Amini f'Settembru 2022. Meta ġie rrapportat li dimostrandant ta' 16-il sena inqatlet mill-forzi tas-sigurtà f'Sanandaj, Asgari u uffiċjali oħra ddikjaraw li mietet b'doża eċċessiva ta' droga, u li probabbilment kien każ ta' suwiċidju. L-għoti ta' kawżi alternattivi foloz tal-mewt għal dimostrandanti maqtula mill-forzi tas-sigurtà hija tattika komuni użata minn uffiċjali Iranjani biex jevitaw milli jerfgħu r-responsabbiltà għall-abbużi tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
159.	KHIABANI Hossein Modarres مدرس حسین خیابانی	Data tat-twelid: Marzu 1968/1969 Post tat-twelid: Teheran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: eks gvernatur tal-provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Hossein Modarres Khiabani kien il-gvernatur tal-provinċja ta' Sistan- u Baluchestan fl-Iran minn Settembru 2021 sa Diċembru 2022 u kien responsabbli għas-sorveljanza tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran fil-provinċja. Matul it-tmexxija tiegħu bħala gvernatur, il-LEF u forzi oħra tas-sigurtà rażżnu diversi protesti u użaw vjolenza eċċessiva kontra d-dimostrandanti. Hemm firxa ta' provi tal-użu ta' forza sproporzjonata li wasslet għall-qtil ta' mill-inqas 66 persuna fil-belt ta' Zahedan fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan fit-30 ta' Settembru 2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
160.	KOUSHA Esmail Zarei کوشا اسماعیل زارعی magħruf ukoll bħala KOSHA Ismail کشا بسمیل	Data tat-twelid: 1978 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: gvernatur tal-provinċja ta' Kurdistan	Esmail Zarei Kousha huwa l-gvernatur tal-provinċja ta' Kurdistan fl-Iran u responsabbli għas-sorveljanza tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) fil-provinċja. Għaldaqstant, huwa responsabbli għar-rispons brutali u l-użu ta' vjolenza eċċessiva mil-LEF u l-forzi tas-sigurtà għall-protesti li saru f'Kurdistan wara l-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena f'Settembru 2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
161.	KOWSARI Mohammad Esmail اسماعیل محمد کوثری	Data tat-twelid: 3.5.1955 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Funzjoni: membru tal-Parlament Iranjan	Mohammad Esmail Kowsari ilu membru tal-Parlament Iranjan ("MP") mill-2020. Huwa leġislatur estremist u membru tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). Qabel ma sar MP, Kowsari kien il-kmandant tal-kwartieri ġenerali ta' Sarallah tal-IRGC f'Tehran mill-2017 sal-2020. Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa heddedd ripetutament lill-forzi tas-sigurtà b'konsegwenzi f'każ li ma jaqdux dmirijiethom u ma jrażżnux il-protesti. Huwa talab ukoll li tittieħed aktar azzjoni militari kontra protesti paċifiċi. Bħala MP, huwa ħeġġeġ lill-ġudikatura Iranjana biex tagħti l-piena tal-mewt lid-dimostrandanti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekkar
162.	MIRSALIM Mostafa ميرسليم مستقا magħruf ukoll bħala MIR-SALIM Mostafa; MIRSALIM Sayyid Mostafa Agha ميرسليم سيد مستقا آقا	Data tat-twelid: 9.6.1947 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel nru tal-Passaport: Q5956077 (Iran) Funzjoni: membru tal-Parlament Iranjan	Mostafa Mirsalim huwa membru tal-Parlament Iranjan . Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa kien partikolarment voċiferu fl-appoġġ tiegħu favur il-piena tal-mewt għad-dimostranti arrestati, fejn uża l-parlament bħala pjattaforma biex jippromwovi u jitlob b'mod qawwi l-eżekuzzjonijiet tagħhom. Huwa talab li d-dimostranti jingħataw il-mewt f'temp ta' f'tit jiem wara li jiġu arrestati. B'mod frekwenti jattakka wkoll l-istampa ħielsa u huwa favur ir-restrizzjoni tal-media soċjali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
163.	NAGHDALI Mohammad Taghi تقی محمد نقد علی	Data tat-twelid: 6.6.1972 Post tat-twelid: Khomeinishahr-Isfahan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Parlament Iranjan	Mohammad Taghi Naghdali huwa membru tal-Parlament Iranjan u membru tal-kummissjoni legali tal-Parlament. Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa kien partikolarment voċiferu fl-appoġġ tiegħu favur il-piena tal-mewt għad-dimostranti arrestati, fejn uża l-parlament bħala pjattaforma biex jippromwovi u jitlob b'mod qawwi l-eżekuzzjonijiet tagħhom. B'mod frekwenti jattakka wkoll l-istampa ħielsa u huwa involut fl-abbozzar ta' liġijiet biex jiġi ristrett il-fluss ħieles tal-informazzjoni. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
164.	GHAZANFA-RABADI Mousa موسا غضنفرآبادی	Data tat-twelid: 1966 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: membru tal-Parlament Iranjan; kap tal-kummissjoni legali u ġudizzjarja tal-Parlament	Mousa Ghazanfarabadi huwa membru tal-Parlament Iranjan u l-kap tal-kummissjoni legali u ġudizzjarja tal-Parlament. Għaldaqstant, huwa responsabbli għar-rieżami ġudizzjarju u legali ta' pjanijiet ministerjali proposti fil-Parlament, ir-rieżami u l-approvazzjoni ta' pjanijiet relatati mad-dritt kriminali kif ukoll l-investigazzjoni tal-prestazzjoni ta' uffiċjali u maniġers tal-pajjiż minn perspettiva ġudizzjarja u legali. Huwa ma kkundannax il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem tal-uffiċjali Iranjani matul il-protesti tal-2022/2023. Minflok, iddikjara personalment li n-nisa li jiksru r-regoli marbuta mal-ħiġab għandhom jiċċaħħdu mid-drittijiet soċjali u tkellem favur l-użu tal-forza biex dawn jiġu indirizzati. Qiegħed ukoll jaħbi deliberatament ir-reati mwettqa mill-forzi Iranjani billi jiddefendi l-verżjoni tal-avvenimenti rakkontati mill-gvern b'rabta mal-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
165.	NOROOZI Ahmad نوروزی احمد magħruf ukoll bħala NOROUZI Ahmad; NEWROUZI Ahmad; NAWROUZI Ahmad	Data tat-twelid: 1988 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: kap tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) World Service; Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Press TV Entitajiet assoċjati: Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB); Press TV	Ahmad Noroozi huwa l-kap tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) World Service u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Press TV, il-kanal ewlieni favur il-gvern bl-Ingliż li jissorvelja l-istabbilimenti tal-IRIB b'lingwi barranin. L-IRIB hija l-korporazzjoni tal-media mmexxija mill-istat Iranjan u xandret mijiet ta' ammissjonijiet ta' ħtija furzati minn detenuti Iranjani, b'nazzjonalità doppja, u internazzjonali fl-Iran. L-IRIB u s-sussidjarji tiegħu jaġixxu bħala għodda kritika fil-kampanja massiva ta' trażżin u ta' ċensura tal-gvern Iranjan kontra l-poplu tiegħu stess. L-IRIB ipproduċa u reċentement xandar intervisti ta' individwi li ġew furzati jistqarru li l-qraba tagħhom ma nqatlux mill-awtoritajiet Iranjani matul il-protesti fil-pajjiż kollu iżda li mietu minħabba kawżi aċċidentali u mhux relatati. Press TV hija responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir tal-ammissjonijiet ta' ħtija furzati ta' detenuti, fosthom ġurnalisti, attivisti politiċi u persuni li jagħmlu parti mill-minoranzi Kurdi u Għarab, li jiksru d-drittijiet internazzjonali rikonoxxuti għal smiġh ġust u proċess korrett. Fil-kapaċità tiegħu bħala l-kap tal-IRIB u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Press TV, Ahmad Noroozi għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
166.	POURANVARI Youssef یوسف پورانواری magħruf ukoll bħala POURAN-VARI Youssuf	Data tat-twelid: 26.5.1983 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: 0492699836 (Iran) Funzjoni: direttur tal-Programs and Scheduling Department fil-kanal ewlieni b'lingwa barranija tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) Entitajiet assoċjati: Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Youssef Pouranvari huwa d-direttur tal-Programs and Scheduling Department fil-kanal ewlieni b'lingwa barranija tal-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB). Bħala l-konglomerat tal-media mmexxi mill-istat tal-Iran, l-IRIB għandu monopolju fuq is-servizzi tat-televiżjoni u tar-radju fl-Iran u jaqdi rwol ċentrali biex jirrestrinġi l-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u jimpedixxi l-fluss liberu ta' informazzjoni fl-Iran permezz ta' attivitajiet ta' ċensura. L-IRIB jipproduċi, jisponsorja u jxerred propoganda tal-gvern kemm fl-Iran kif ukoll fl-isfera internazzjonali. Barra minn hekk, l-IRIB ixxandar regolarment akkużi foloz u mingħajr bażi kontra ċittadini Iranjani, persuni b'nazzjonalità doppja u barranin, u juża aħbarijiet iffalsifikati biex jagħti informazzjoni ħażina dwar dawk li jitqiesu bħala għedewwa mir-reġim u jinkriminawhom b'mod falz. L-IRIB jikkoopera wkoll b'mod estensiv ma' aġenziji tas-sigurtà u tal-intelligence, fosthom il-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran u l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), biex jikseb u jxerred fost il-pubbliku konfessjonijiet furzati minn ċittadini Iranjani, persuni b'nazzjonalità doppja u detenuti barranin. Testimonjanzi u evidenza oħra jippuntaw lejn l-użu tat-tortura, kemm fiżika kif ukoll psikoloġika; theddid kontra membri tal-familja; u trattament degradanti biex jinkisbu ammissjonijiet ta' ħtija furzati. Sa mill-2009, il-programmi tal-IRIB xandru mijiet ta' ammissjonijiet ta' ħtija furzati kif ukoll kontenut ta' malafama kontra mijiet aktar. L-IRIB juża ammissjonijiet ta' ħtija furzati b'mod partikolari biex ipiŋgi lil persuni b'nazzjonalità doppja u lil barranin bħala spji, jiddemonizza l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, u jilleġittimizza r-repressjoni kontra gruppi ta' minoranzi reliġjużi bħall-komunità Baha'i.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			<p>Fil-kapaċità tiegħu bħala d-direttur tal-Programs and Scheduling Department fil-kanal ewlieni b'lingwa barranija tal-IRIB, Youssef Pouranvari jikkontribwixxi għar-repressjoni ta' dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, studenti jew persuni oħra li jtkellmu favur id-drittijiet leġittimi tagħhom.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
167.	KADEM Ahmad كادم احمد	<p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Grad: Brigadier General</p> <p>Funzjoni: kap tal-kwartieri ġenerali reġjonali ta' Karbala tal-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC)</p>	<p>Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Kadem huwa l-kap tal-Bażi Operattiva (kwartieri ġenerali reġjonali) ta' Karbala tal-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC), li jikkmanda lit-truppi tal-IRGC fil-provinċji ta' Khusestan, Lorestan u Kohgiluyeh u Boyer-Ahmad.</p> <p>Matul il-protesti tal-2022, it-truppi tal-IRGC taħt il-kmand tiegħu wettqu operazzjonijiet kontra dimostranti, b'mod partikolari fir-reġjuni ta' Khusestan u Lorestan, inkluż fil-bliet ta' Khorramabad (Lorestan) u Izeh (Khusestan). It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet u użaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti. Bħala kmandant ġenerali tat-truppi tal-IRGC f'dawn ir-reġjuni, Kadem huwa responsabbli għall-vjolenza fuq id-dimostranti mwettqa minn dawn it-truppi.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023
168.	AZIMI Mohammad Nazar نظر محمد عظیمی, magħruf ukoll bħala AZIMI Mohammadnazar عظیمی موهاماندنزار	<p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Grad: Brigadier General</p> <p>Funzjoni: kmandant tal-kwartieri ġenerali ta' Najaf Al-Ashraf tal-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC)</p>	<p>Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Nazar Azimi huwa l-kmandant tal-kwartieri ġenerali ta' Najaf Al-Ashraf tal-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC), li jikkmanda lit-truppi tal-IRGC fil-provinċji ta' Kermanshah, Hamedan u Ilam.</p> <p>Matul il-protesti tal-2022, il-provinċja ta' Kermanshah rat repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC. Bħala kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali tal-IRGC għat-truppi tal-IRGC involuti f'dan ir-reġjun, huwa responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimostranti fil-provinċja ta' Kermanshah.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023
169.	NILFRUSHAN Abbas Mortaza نیلفروشان عباس مرتاضا magħruf ukoll bħala NILFOROUSHAN Abbas; NILFOROUSHAN DARDASHTI Abbas; NILFOROUSHAN DARDASHTI Abbas; NILFOROUSHAN Abbas; NILFRUSHAN DARDASHTI Abbas Mortaza نیلفروشان درشتی عباس	<p>Data tat-twelid: 23.8.1966</p> <p>Post tat-twelid: Isfahan, Iran</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Nru tal-passaport: P46631463 (Iran)</p> <p>Funzjoni: viċi kmandant għall-operazzjonijiet tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)</p>	<p>Abbas Nilfrushan huwa l-viċi kmandant għall-operazzjonijiet tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u responsabbli għall-Kmand tal-Operazzjonijiet tal-IRGC, waħda mill-organizzazzjonijiet tas-sigurtà direttament inkarigata mit-trażżin tal-protesti.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa ddefinixxa l-moviment ta' protesti ċivili spontanji tal-2022 bħala moviment terroristiku u theddida diretta għas-sigurtà tal-Iran, b'hekk jilleġittimizza r-reazzjoni ħarxa għall-protesti paċifiċi.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
170.	MOEIN Moslem مسلم معين	<p>Data tat-twelid: 22.9.1985</p> <p>Post tat-twelid: Eslamabad, Iran</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Numru tal-identità nazzjonali: 3341588477 (Iran)</p> <p>Indirizz: Part 7, Block 25, Ground Floor, 16th Street, Sarvestan Street, Chaghmirza Phase 2 Shahid Mehrabi, Kermanshah, Iran</p> <p>Funzjoni: kap tal-Basji Resistance Force (Basij) Cyberspace Headquarters</p>	<p>Moslem Moein huwa uffiċjal għoli fil-Basij Resistance Force (Basij), elenkata fil-lista tal-UE li hija organizzazzjoni paramilitari volontarja li topera taħt l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) b'fergħat madwar l-Iran.</p> <p>Il-Basij kellha rwol importanti fir-repressjoni fatali tar-reġim fil-protesti li ilhom jinfirxu mal-pajjiż minn Settembru 2022. Bħala kap tal-Basij Cyberspace Headquarters, Moein jissorvelja l-isforzi għall-kontroll u ċ-ċensura tal-attivitajiet online tal-Iranjani. Tkellem pubblikament dwar il-prijorità tal-Basij li timmonitorja l-użu tal-internet tal-Iranjani. Barra minn hekk, Moein kien favur l-iżvilupp tal-intranet nazzjonali tal-Iran, li permezz tiegħu r-reġim jista' jiskonnettja lill-Iran mill-internet globali. Il-gvern Iranjan ikompli jiffiltra u jimblokka l-fluss liberu tal-informazzjoni fl-Iran.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023
171.	KARAMI Mohammad محمد كرمي	<p>Data tat-twelid: 27.1.1966</p> <p>Post tat-twelid: Iran</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Grad: Brigadier General</p> <p>Nru tal-passaport: K50849392 (Iran), jiskadi t-23.9.2024</p> <p>Funzjoni: Kmandant tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) headquarters Quds għall-provinċja ta' Sistan u Baluchestan u l-provinċja ta' Kerman</p>	<p>Il-Brigadier General Mohammad Karami huwa l-kmandant tal-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) headquarters Quds, li jikkmanda lit-truppi tal-IRGC fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan u l-provinċja ta' Kerman.</p> <p>Il-provinċja ta' Sistan u Baluchestan rat uħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali tal-provinċja ta' Zahedan rat "il-Ġimgħa mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li ffurmat mat-talb tal-Ġimgħa, bl-użu tal-munizzjon attiv. Mill-inqas 70 dimostrant intlaqtu minn tiri u sfaw maqtula. Minn dakinhar 'l hawn, komplet il-vjolenza kontra l-parteċipanti fi protesti li sehheew aktar tard. Bħala kmandant tal-kwartieri ġenerali reġjonali tal-IRGC għat-truppi tal-IRGC involuti f'dan ir-reġjun, Karami huwa responsabbli għall-vjolenza tal-IRGC kontra d-dimostranti fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan, b'mod partikolari waqt il-"Ġimgħa mdejmija".</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
172.	JAVIDAN Ali Akbar جاويدان علی اکبر	Data tat-twelid: 21.3.1967 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: kmandant tal-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) fil-provinċja ta' Kermanshah	Ali Akbar Javidan ilu l-kmandant tal-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) fil-provinċja ta' Kermanshah minn Ġunju 2019. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli talli ordna r-reazzjoni vjolenti tal-LEF għall-protesti tal-2022 f'Kermanshah. Huwa responsabbli wkoll li jiżgura l-implimentazzjoni stretta mil-LEF ta' politiki ta' moralità li jiksru b'mod sever id-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tar-repressjoni attiva tan-nisa li ma jikkonformawx mal-kodiċi tal-velu. Huwa responsabbli wkoll għall-arresti mil-LEF tan-nisa matul il-protesti ta' Lulju 2022. Huwa responsabbli għall-vjolenza, id-diskriminazzjoni, l-imġiba kattiv u degradanti, u għad-detenzjoni arbitrara tan-nisa. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
173.	AZARPENDAR Abbas آزرنپندار عباس	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: CEO ta' Radis Vira Tejarat Co; maniġer regionali fl-Iran għal Tiandy Technologies	Abbas Azarpendar huwa s-CEO ta' Radis Vira Tejarat Co li hija intermedjarja ewlenija fl-Iran li tipprovdi xi wħud mill-aktar tagħmir avvanzat ta' sorveljanza lill-gvern Iranjan. Matul il-protesti li seħħew wara l-mewt ta' Mahsa Amini fil-kustodja tal-pulizija f'nofs Settembru 2022, it-tagħmir ta' Radis Vira Tejarat Co ntuża mill-forzi ta' sigurtà Iranjani, inkluż l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), il-Basij tiegħu u l-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) biex jiġu mrażżna b'mod brutali l-protesti madwar in-nazzjon, li wasslu għat-tortura jew għall-mewt ta' mill-inqas 516-il dimostrant, inkluż mill-inqas 70 tifel jew tifla. Għalhekk, Azarpendar huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
▼ M23				
174.	ESMAEILI Mohammad Mehdi محمد مهدی اسماعیلی	Data tat-twelid: 1975 Post tat-twelid: Kabudarahang, Hamedan, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Ministru għall-Kultura u l-Gwida Iżlamika	Mohammad Mehdi Esmacili huwa l-Ministru għall-Kultura u l-Gwida Iżlamika. Taħt l-awtorità tiegħu, il-Ministeru hedded lill-artisti/mużiċisti li ma jseguw il-linja tal-gvern bi projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u x-xogħol. Hu personalment u pubblikament hedded lill-produtturi tal-films li kienu ppubblikaw dikjarazzjoni fejn talbu lill-forzi tas-sigurtà biex iżommu lura kontra manifestanti paċifiċi b'arrest u projbizzjonijiet tax-xogħol. Għadd importanti ta' artisti u ġurnalisti ġew arrestati fuq akkużi foloz minn meta sar Ministru, filwaqt li hemm indikazzjoni li t-theddid repressiv kien segwit b'atti repressivi. Esmacili jaħdem ukoll biex tkompli titrażżan saħansitra aktar il-libertà tal-espressjoni billi	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entità assoċjata: Ministeru għall-Kultura u l-Gwida Iżlamika; Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	attwalment qed imexxi abbozz ta' liġi fil-Parlament li ser tikkriminalizza l-kondiviżjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li titqies li hija kritika għar-reġim jew kwalunkwe rappurtaġġ li jitqies kritiku għar-reġim. Taħt l-awtorità ta' Mohammad Mehdi Esmacili u bl-approvazzjoni dikjarata tiegħu, bosta artisti, mużiċisti, produttori ta' films u ġurnalisti Iranjani ġew mhedda, arrestati u soġġetti għal proċeduri kriminali fuq akkużi foloz u l-libertà tal-espressjoni tagħhom ġiet ulterjorment imrażżna b'mod sinifikattiv. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	
175.	NOURI Yousef يوسف نوري	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Ilam, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Ministru għall-Edukazzjoni Entitajiet assoċjati: Ministeru għall-Edukazzjoni tal-Iran; Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	Yousef Nouri ilu Ministru għall-Edukazzjoni tal-Iran minn Novembru 2021. Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-edukazzjoni tal-istudenti Iranjani hija kontinwament allinjata mal-opinjoni tal-gvern u t-tagħlim tal-Ayatollah Chamenei. F'Settembru u Ottubru 2022, il-forzi tas-sigurtà deheru jarrestaw studenti tal-iskola Iranjani għal involviment allegat tagħhom fil-protesti kontra l-ħiġab. Bħala Ministru għall-Edukazzjoni, Nouri huwa responsabbli għad-detenzjoni ta' studenti f'faċilitajiet korrettivi. Nouri kkonferma li xi studenti tal-iskola diġà kienu ġew arrestati. Qal li ntbagħtu f'"istituzzjoni psikoloġiċi" li jżommu lill-istudenti biex "jirriformaw u jedukawhom mill-ġdid" sabiex tiġi evitata l-imġiba "antisoċjali". Żied jgħid li l-istudenti setgħu jmorru lura l-iskola biss wara li jiġu "riformati". Minħabba li huwa responsabbli għad-detenzjoni arbitrarja tal-istudenti sabiex ireġġa' lura l-opinjoni kontra l-gvern, Nouri jikser id-dritt bażiku tal-bniedem għall-edukazzjoni li din l-edukazzjoni għandha tiġi diretta għall-iżvilupp sħiħ tal-personalità tal-bniedem u għat-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
176.	KARIMI Farzin فرزین کریمی مزلقان چای (magħruf ukoll bħala KARIMI MAZL-GHANCHAY Farzin)	Data tat-twelid: 7.12.1992 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità: 0440273961 Kariga: Membru tal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran; Ko-fundatur tal-Akkademja Ravin	Farzin Karimi huwa membru tal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran u ko-fundatur tal-Akkademja Ravin elenkata mill-UE, entità li tħarreġ individwi fiċ-ċibersigurtà u l-hacking, u tirrekluta minn fost dawn it-trainees għall-MOIS. Il-MOIS huwa involut sewwa fl-infiltrazzjoni ta' gruppi ta' oppożizzjoni interni, il-monitoraġġ ta' theddid domestiku u dissidenti espatrijati u l-arrest ta' spji u dissidenti allegati. Għalhekk Farzin Karimi jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
177.	MOSTAFAVI Seyed Mojtaba سيد مجتبی مصطفوی (magħruf ukoll bħala MORTA-ZAVI, Mojtaba; MOSTAF, Mojtaba)	Data tat-twelid: 2.4.1987 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Numru tal-identità nazzjonali: Nru. 0080467741 (Iran) Funzjoni: membru tal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran; Ko-fundatur tal-Akkademja Ravin	Seyed Mojtaba Mostafavi huwa membru tal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran u ko-fundatur tal-Akkademja Ravin elenkata mill-UE, entità li tħarreġ individwi fiċ-ċiber-sigurtà u l-hacking, u tirrekluta minn fost dawn it-trainees għall-MOIS. Il-MOIS huwa involut sewwa fl-infiltrazzjoni ta' gruppi ta' oppożizzjoni interni, il-monitoraġġ ta' theddid domestiku u dissidenti espatrijati u l-arrest ta' spji u dissidenti allegati. Għalhekk Seyed Mojtaba Mostafavi jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
178.	ESMAELI Vali ولی اسماعیلی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: kap tal-Kummissjoni Soċjali tal-Parlament	Vali Esmaeli huwa leġiżlatur u estremist, kif ukoll kap tal-Kummissjoni Soċjali tal-Parlament Iranjan. Huwa wieħed mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 fejn faħħru lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil ta' manifestanti u ħeġġew lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tikkundanna lill-manifestanti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Esmaeli sejjaħ lill-manifestanti "aġenti barranin" u ġġustifika l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Bħala membru tal-Parlament Iranjan, Esmaeli appoġġa l-qtil, id-detenzjoni, u t-tortura tan-nies matul il-protesti fil-pajjiż kollu fl-2022. Għalhekk igħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
179.	NADERI Ahmad احمد نادری	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Membru tal-presidju tal-Parlament tal-Iran	Ahmad Naderi huwa leġiżlatur u estremist, kif ukoll membru tal-presidju/bord tad-diretturi tal-Parlament Iranjan. Huwa wieħed mill-227 membru tal-Parlament (MP) li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 fejn faħħru lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil ta' manifestanti u ħeġġew lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tikkundanna lill-manifestanti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Waqf li kien qed jaqra dikjarazzjoni tal-233 MP fis-seduta pubblika tal-Parlament fit-2 ta' Ottubru 2022, huwa faħħar u appoġġa l-prestazzjoni tal-forzi tas-sigurtà u tal-infurzar tal-liġi fis-soppressjoni tal-manifestanti. Bħala membru tal-Parlament Iranjan, Naderi appoġġa l-qtil, id-detenzjoni u t-tortura tan-nies matul il-protesti fil-pajjiż kollu fl-2022. Għalhekk igħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
180.	ELAHIAN Zohreh الهيان زهره	Nazzjonalità: Iranjana Sess: mara Kariga: Membru tal-Kummissjoni tas-Sigurtà Nazzjonali u l-Politika Barranija tal-Parlament tal-Iran	Zohreh Elahian hija leġiżlatur u estremista, kif ukoll membru tal-Kummissjoni tas-Sigurtà Nazzjonali u l-Politika Barranija tal-Parlament Iranjan. Hija waħda mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 fejn faħħru lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil ta' manifestanti u ħeġġew lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tikkundanna lill-manifestanti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Bħala membru tal-Parlament Iranjan, Elahian appoġġat il-qtil, id-detenzjoni u t-tortura tan-nies matul il-protesti fil-pajjiż kollu fl-2022. Għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
181.	FARAHANI Ahmad Amirabadi احمد اميرآبادى فراهانى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Membru tal-presidju tal-Parlament Iranjan	Amirabadi Farahani huwa leġiżlatur u estremist, kif ukoll membru tal-presidju/bord tad-direttori tal-Parlament Iranjan. Huwa wieħed mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 fejn faħħru lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil ta' manifestanti u ħeġġew lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tikkundanna lill-manifestanti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Bħala membru tal-Parlament Iranjan, Farahani appoġġa l-qtil, id-detenzjoni u t-tortura tan-nies matul il-protesti fil-pajjiż kollu fl-2022. Għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
182.	DELKHOSH- ABATARI Seyyed Kazem سيد كاظم دلخوش اباتارى	Post tat-twelid: Someh, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Kelliem tal-Kummissjoni tal-Ġudikatura u Legali tal-Parlament Iranjan	Seyyed Kazem Delkhosh-Abatari huwa l-kelliem tal-Kummissjoni tal-Ġudikatura u Legali tal-Parlament Iranjan. Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa għen fl-iżvilupp ta' pjan għall-prosekuzzjoni ta' ġurnalisti u organizzazzjonijiet tal-media li jipubblikaw aħbarijiet mhux konformi man-narrattiva uffiċjali tar-Repubblika Iżlamika. Ir-repressjoni tal-ġurnalisti fl-Iran ġiet intensifikata sa mill-ewwel jiem tal-protesti tal-2022 peress li s'issa ġew arrestati kważi 70 ġurnalist. Bħala l-kelliem tal-Kummissjoni tal-Ġudikatura u Legali tal-Parlament Iranjan, Delkhosh-Abatari kien involut fis-soppressjoni tal-media u l-ġurnalisti mindu faqqgħu l-protesti madwar l-Iran fl-2022. Għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
183.	JALALI Hossein حسين جلالى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Membru tal-Parlament	Hossein Jalali huwa leġiżlatur u estremist, kif ukoll membru tal-Parlament Iranjan. Huwa wieħed mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw ittra li tfaħħar lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil ta' manifestanti u thegġegħ lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tikkundanna lill-manifestanti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Huwa personalment ikkonferma l-eżistenza tal-ittra rispettiva u tenna mill-ġdid ir-rikjesti li hemm fiha. Bħala membru tal-Parlament Iranjan, Jalali personalment appella għall-eżekuzzjoni tal-manifestanti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
184.	MOUSAVI Seyyed Neża- moldin سيد نظام الدين موسوى (magħruf ukoll bħala MOUSAVI Nezam)	Post tat-twelid: Khorramabad, Iran Sess: raġel Kariga: Kelliem tal-bord tad-diretturi tal-Parlament Iranjan	Seyyed Nezamoldin Mousavi huwa l-kelliem tal-presidium/bord tad-diretturi tal-Parlament Iranjan. Matul il-protesti tal-2022/2023, kellu laqgħa mal-awtoritajiet ġudizzjarji u l-leġiżlaturi bil-għan li titħaffef l-eżekuzzjoni tal-pieni mogħtija lill-manifestanti arrestati. Bħala l-kelliem tal-presidium/bord tad-diretturi tal-Parlament Iranjan, Mousavi hegġegħ lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tħaffef l-eżekuzzjonijiet tal-pieni mogħtija lill-manifestanti, u b'hekk kiser id-dritt ta' proċess ġust tagħhom u għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Mousavi huwa wkoll wieħed mill-227 membru tal-Parlament li ffirmaw dikjarazzjoni fis-6 ta' Novembru 2022 fejn faħħru lill-forzi tas-sigurtà għall-qtil ta' manifestanti u ħeġġew lill-ġudikatura biex tħaffef il-proċessi u tikkundanna lill-manifestanti għall-mewt billi tiddikjarahom "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla". Huwa sejjaħ lill-manifestanti "aġenti barranin" u ġġustifika l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Mousavi appoġġa l-qtil, id-detenzjoni u t-tortura ta' persuni matul il-protesti fil-pajjiż kollu fl-2022. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
185.	NESARI Ħabi- bollah Jan حبيب الله جان نشارى	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: viċi kmandant tat-taħriġ u l-edukazzjoni tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF)	Habibollah Jan Nesari huwa attwalment il-viċi tat-taħriġ u l-edukazzjoni tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) elenkatu mill-UE. Bejn l-2016 u t-30 ta' Diċembru 2019, huwa serva bħala viċi kmandant tal-Unitajiet Speċjali tal-LEF.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Fil-kapaċità tiegħu ta' viċi kmandant, huwa kien responsabbli għas-superviżjoni tal-forzi fl-użu ta' armi letali u mhux letali matul il-protesti fil-pajjiż kollu f'Novembru 2019, li rriżultaw fil-mewt ta' mijiet ta' manifestanti. Huwa nstab ħati ta' delitti kontra l-umanità mit-Tribunal Internazzjonali tal-Poplu dwar l-Atroċitajiet tal-Iran għar-rwol tiegħu fir-repressjoni tal-manifestanti fil-kapaċità tiegħu bħala viċi kmandant. Bħala parti mill-forzi tas-sigurtà, il-forzi tal-pulizija nstabu li fasslu u implimentaw pjan biex iwettqu delitti kontra l-umanità kif ukoll qtil, priġunerija, għajbien furzat, tortura u vjolenza sesswali sabiex irażżnu l-protesti u jaħbu d-delitti mwettqa matul il-protesti f'Novembru 2019.</p> <p>Bħala viċi kmandant, Nesari huwa personalment responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mil-LEF. Il-LEF, li attwalment hu qed iħarreġ, huma parti mir-repressjoni vjolenta kontra l-manifestanti matul il-protesti li qamu f'Settembru 2022, inkluż permezz tal-użu letali ta' forza kontra manifestanti Iranjani.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
186.	BABAEI Hassan حسن بابایی	<p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Kariga: Kap tal-Organizzazzjoni tal-Istat għar-Reġistrazzjoni tal-Atti u l-Proprietajiet.</p>	<p>Hassan Babaei huwa l-Kap tal-Organizzazzjoni tal-Istat għar-Reġistrazzjoni tal-Atti u l-Proprietajiet u uffiċjal għoli fil-ġudikatura Iranjana..</p> <p>F'din il-kariga, Hassan Babaei huwa responsabbli għal bosta każijiet ta' ksur tad-dritt ta' proċess ġust matul il-protesti tal-2022/2023 fl-Iran.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	20.2.2023
187.	GHANNAD Qazi قاض قناد (magħruf ukoll bħala QANAD Qazi)	<p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Kariga: Prosekutur u mħallef tal-Qorti Rivoluzzjonarja</p>	<p>Qazi Ghannad huwa prosekutur u mħallef tal-Qorti Rivoluzzjonarja.</p> <p>Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa kiser id-dritt ta' proċess ġust u kkundanna manifestanti għall-mewt li mbagħad inqatlu mir-reġim Iranjan. Bħala prosekutur, hu ta l-piena tal-mewt fil-kawża ta' Majid Rahnavard fl-2022.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	20.2.2023
188.	MANSOURI Seyed Hadi منصوری هادی سید	<p>Post tat-twelid: Mashhad, Iran</p> <p>Nazzjonalità: Iranjana</p> <p>Sess: raġel</p> <p>Kariga: kap tar-raba' fergħa tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Mashhad</p>	<p>Seyed Hadi Mansouri ilu mħallef u kap tar-raba' fergħa tal-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Mashhad sa minn Diċembru 2017.</p> <p>Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa pparteċipa fil-kampanja ta' pieni tal-mewt li ngħataw kontra manifestanti, u b'hekk kiser ukoll id-dritt tagħhom ta' proċess ġust.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
189.	HOSSEINI Hojjat al-Eslam Hossein حسينى الاسلام حسين حجت	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Kap tal- Ġudikatura għall- provinċja tal- Kurdistan	Hojjat al-Eslam Hossein Hosseini huwa l-Kap tal- Ġudikatura fir-reġjun tal-Kurdistan. Matul il-protesti tal-2022/2023, huwa pparteċipa fir-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-repressjoni ta' manifestanti paċifiċi. Huwa kompliċi fl-impli- mentazzjoni ta' dak il-ksur, inkluż it-tortura, it- trattament krudili u inuman u degradanti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
190.	JABARI Mohammad محمد جبارى	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Prose- kutor tal- provinċja tal- Kurdistan	Mohammad Jabari huwa l-prosekutor għall- provinċja tal-Kurdistan. F'din il-kariga, huwa responsabbli għal diversi każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem sa mill- protesti tal-2019, inkluż għall-pieni tal-mewt u r- repressjoni ta' manifestanti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
191.	MOSTAFA- VINIA Hojjat al- Eslam Ali نيا مصطفى على الاسلام هجت (magħruf ukoll bħala MOSTA- FAVI (Hojjato- leslam) Ali)	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: reliġjuż; Prosekutor Ġene- rali tal-provinċja ta' Sistan u Baluchestan Indirizz: Zahedan	Hojjat-al-Eslam Ali Mostafavinia huwa reliġjuż u l-Kap Prosekutor għall-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Preċedentement huwa serva bħala prosekutor f'Sistan u Baluchestan, kif ukoll fin- Nofsinhar ta' Khorasan. Fil-kapaċità tiegħu, hu kien responsabbli għall- prosekuzzjoni ta' manifestanti li ġew arrestati b'mod arbitrarju matul il-protesti f'Zahedan, li seħħew f'Ottubru 2022 u ġew repressi fid-dem- mill-forzi tal-pulizija u wasslu għal imwiet u korrimenti. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
192.	SHAMSABAD Mehdi آباد شمس مهدى (magħruf ukoll bħala SHAM- SABAD Mahdi)	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Prose- kutor tal- provinċja ta' Sistan u Baluchestan	Mehdi Shamsabad huwa l-prosekutor ta' Zahedan fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem matul il- protesti tal-2022/2023, inkluż pieni tal-mewt u r- repressjoni tad-dimostrazzjonijiet, u l-għoti ta' pieni degradanti inkluż il-piena tal-mewt permezz ta' swat bil-frosta. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad- drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
193.	HARIKANDI Hossein Fazeli هریکندی فاضلی حسین	Post tat-twelid: Babol, Mazan- daran province Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: prose- kutor ġenerali tal-provinċja ta' Alborz	Hossein Fazeli Harikandi huwa l-prosekutur ġenerali tal-provinċja ta' Alborz. F'din il-kariga, huwa responsabbli għall-kundanna ta' diversi mijiet ta' dimostranti għad-delitt ta' "korruzzjoni fid-dinja" matul il-protesti tal-2022/2023, li qegħdithom f'riskju tal-piena tal-mewt. Huwa kkorrobora wkoll it-teżi tal-gvern tal-mewt tas-Sa Sarina Ismailzadeh fl-2022. Hija mietet minħabba vjolenza tal-pulizija. Madankollu, l-istat ħareġ dikjarazzjoni li tgħid li hi kkommettiet suwiċidju u għalhekk ma mitix minħabba r-repressjoni vjolenti tad-dimostrazzjonijiet fil-provinċja ta' Alborz. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
194.	MADADI Hassan حسن مددی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: aġent prosekutur fil- provinċja ta' Alborz	Hassan Madadi ilu aġent prosekutur fil-provinċja ta' Alborz sa mill-inqas l-2020. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal diversi każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dak taċ-ċaħda għad-dritt ta' proċess ġust matul il-protesti tal-2022/2023. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
195.	TAGHANAKI Soghra Khodadadi صغری خدادادی	Data tat-twelid: 27.3.1971 Nazzjonalità: Iranjana Sess: mara Kariga: Direttur tal-Ħabs tan-Nisa ta' Qarchak Numru tal-passa- port: B50799950 (Iran) (individ- wali) Indirizz: Varamin, Tehran, Iran	Soghra Khodadadi Taghanaki hija d-direttur/gwardjana fil-Ħabs tan-Nisa ta' Qarchak. Il-ħabs hu magħruf għall-kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani, inkluż kundizzjonijiet ħżiena tas-saħħa u tal-iġjene, ir-rifjut ta' kura tas-saħħa, nuqqas ta' ikel, l-użu eċċessiv tal-forza kontra l-priġunieri, tortura, attentati vjolenti għall-pudur u eżekuzzjonijiet ekstrapudizzjarji. Il-ħabs ta' Qarchak huwa wieħed mill-postijiet prinċipali fejn qed jinżammu n-nisa arrestati matul il-protesti paċifiċi tal-2022/2023 wara l-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena fil-kustodja tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran. Għalhekk Soghra Khodadadi Taghanaki g'għorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
196.	PASANDIDEH Heidar حیدر پسندیده	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: gwardjan tal-ħabs ta' Sanandaj	Heidar Pasandideh ilu l-gwardjan tal-Ħabs Ċentrali ta' Sanandaj fil-provinċja tal-Kurdistan fl-Iran sa mill-2020. Taħt l-amministrazzjoni tiegħu, il-priġunieri nqatlu b'mod arbitrarju fil-Ħabs Ċentrali ta' Sanandaj. Bħala gwardjan, hu ssorvelja u għalhekk iġorr responsabbiltà għad-detenzjoni u t-tortura tal-priġunieri arrestati matul il-protesti tal-2022/2023 wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Għalhekk huwa jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
197.	PIRI Morteza مرتضى پیری	Data tat-twelid: 5.7.1977 Post tat-twelid: Zabol, Sistan and Baluchestan province, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: gwardjan tal-Ħabs Ċentrali ta' Zahedan Numru tal-identità: 4072307122 Indirizz: Zahedan, Iran	Morteza Piri huwa l-gwardjan tal-Ħabs Ċentrali ta' Zahedan fil-provinċja ta' Sisan u Baluchestan. Il-ħabs hu magħruf għall-kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani, inkluż kundizzjonijiet ħżiena tas-saħħa u tal-iġjene, ir-rifjut ta' kura tas-saħħa, l-użu eċċessiv tal-forza kontra l-primunieri u eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji. Taħt l-amministrazzjoni tiegħu, il-Ħabs ta' Zahedan wettaq bosta eżekuzzjonijiet b'għadd sproporzjonat minnhom immirati kontra l-minoranza Baluchi tal-Iran. Fil-kapaċità tiegħu, huwa involut fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 wara l-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena fil-kustodja tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran. Għalhekk Morteza Piri jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
198.	AZIZI Allah-Karam اللهكرم عزيزی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: kap tal-Ħabs ta' Rajai Shahr Indirizz: Moazzen Blvd, Gohardasht, Karaj City, Alborz Province, Iran Entitajiet assoċjati: Ħabs ta' Rajai Shahr	Allah-Karam Azizi huwa l-kap tal-ħabs elenkat mill-UE ta' Rajae Shahr (magħruf ukoll bħala il-Ħabs ta' Rajai Shahr, Rajaishahr, Raja'i Shahr, Reja'i Shahr, Rajayi Shahr, il-Ħabs ta' Gorhardasht, il-Ħabs ta' Gohar Dasht) fl-Iran. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa responsabbli għat-tweqqif ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, kif ukoll it-trattament ħażin u t-tortura tal-primunieri. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
199.	KHOSRAVI Mohammad Hossein محمد حسين خسروی	Data tat-twelid: 23.9.1974 Post tat-twelid: Birjand, South Khorasan province, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Direttur Ġenerali tal-Ħabsijiet tal-Provinċja ta' Sistan u Baluchestan, Eks Gwardja tal-Ħabs Ċentrali ta' Zahedan Numru tal-identità: 0653027761 Indirizz: Sistan and Baluchestan Province, Iran	Bħala Direttur Ġenerali tal-Ħabsijiet tal-Provinċja ta' Sistan u Baluchestan, Mohammad Hossein Khosravi jissorvelja l-ħabsijiet fil-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Il-ħabsijiet fil-provinċja, inkluż il-Ħabs Ċentrali ta' Zahedan, huma magħrufa għall-kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani, inkluż kundizzjonijiet ħżiena tas-saħħa u tal-iġjene, ir-rifjut ta' kura tas-saħħa, l-użu eċċessiv tal-forza kontra l-primunieri u eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji. Taħt l-amministrazzjoni tiegħu, il-ħabs ta' Zahedan waħdu wettaq bosta eżekuzzjonijiet b'għadd sproporzjonat minnhom immirati kontra l-minoranza Baluchi tal-Iran u kien involut fir-repressjoni tal-protesti tal-2022/2023 wara l-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena fil-kustodja tal-Pulizija tal-Moralità tal-Iran. Għalhekk Mohammad Hossein Khosravi jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
200.	CHEHARMA-ĦALI Ali على چهارمحالی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: direttur ġenerali tal-ħabsijiet ta' Alborz Indirizz: Alvand Building, Below Mader Square, Karaj, Mehravila, Iran	Ali Cheharmahali huwa d-direttur ġenerali tal-ħabsijiet fil-provinċja ta' Alborz u eks Direttur tal-ħabs ta' Evin elenkat mill-UE. Fil-pożizzjoni tiegħu, huwa responsabbli għat-tweqqif ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, inkluż it-tortura jew it-trattament krudili, inuman jew degradanti matul il-protesti tal-2022/2023. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
201.	FADAVI Ali على فدوی	Data tat-twelid: 1961 Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	Ali Fadavi huwa l-viċi kmandant tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). L-IRGC kien involut sew fis-soppressjoni attiva u vjolenti tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran u għalhekk iġorr responsabbiltà għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fir-rwol tiegħu, Fadavi qed imexxi, jiffaċilita u jiskuża ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-IRGC. Għalhekk, Ali Fadavi jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
202.	SHARIF Ramezan شريف رمضان	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Kelliem tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	Ramezan Sharif huwa kelliem tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC). L-IRGC kien involut sew fis-soppressjoni attiva u vjolenti tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran u għalhekk iġorr responsabbiltà għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fir-rwol tiegħu, Sharif qed jostor u jiskuża ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-IRGC. Għalhekk, Ramezan Sharif iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
203.	JOMEIRI Fathollah فتح الله جمیری	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Kap tal-Organizzazzjoni tal-Protezzjoni tal-Intelligence tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)/Unità tas-Sigurtà tal-IRGC	Fathollah Jomeiri huwa l-kap tal-Organizzazzjoni tal-Protezzjoni tal-Intelligence tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC), magħrufa wkoll bħala l-Unità tas-Sigurtà tal-IRGC. Din l-unità hija responsabbli għall-protezzjoni tal-infrastruttura vitali u żoni ewlenin tal-pajjiż, individwi importanti, bħall-VIPs tar-reġim, iżda fuq kolloxx għall-protezzjoni tar-reġim. L-IRGC kien involut sew fis-soppressjoni attiva u vjolenti tal-protesti tal-2022/2023 fl-Iran u għalhekk iġorr responsabbiltà għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fir-rwol tiegħu, Jomeiri qed imexxi, jiffaċilita u jiskuża ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-IRGC.	20.2.2023

▼ M23

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Għalhekk, Fathollah Jomeiri jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	
204.	KAAMFAR Behdad كامفر بهداد	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Rivoluzzjonarju ta' Karaj	Behdad Kaamfar huwa prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Rivoluzzjonarju ta' Karaj li jressaq kawżi fil-Qorti Rivoluzzjonarja ta' Karaj. F'dik il-kariga, huwa responsabbli għall-eżerċizzju tar-repressjoni tal-manifestanti permezz ta' pjeni severi, inkluż il-piena tal-mewt. L-awtoritajiet ġudizzjarji Iranjani b'mod partikolari jużaw l-akkużi kriminali ta' "Muharebeh", jew "mibegħda kontra Alla" li tippermetti l-piena tal-mewt għall-oppożizzjoni kontra l-organi tal-istat u li spiss tintuża għar-repressjoni kontra l-manifestanti. B'mod partikolari, Kaamfar irrappreżenta l-prosekuzzjoni f'kawża f'Novembru/Diċembru 2022, li fiha għadd ta' manifestanti milli jidher ġew ikkundannati minħabba attacki kontra l-Basij. F'dak il-proċess, Kaamfar mexxa l-prosekuzzjoni għal għadd ta' pjeni tal-mewt għal "Muharebeh", b'mod partikolari kontra Mohammad Mehdi Karimi, Amid Mehdi Shokrollahi, Reza Aria Farzaneh Gharehassanlou, Hamid Gharehassanlou, Ali Moazzami Goudarzi u Hossein Mehdi Mohammadi. Billi mexxa dawn il-prosekuzzjonijiet u għamel użu minn tali reati kriminali li huma kontra l-prinċipji tal-ġustizzja, u b'hekk ikkawża l-mewt ta' individwi li jopponu l-istat Iranjan, Behdad Kaamfar jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
205.	FATHI Murad مراد فتحی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Kariga: Direttur tal-ħabsijiet għall-provinċja tal-Ażerbajġan tal-Punent	Murad Fathi ilu Direttur tal-ħabsijiet għall-provinċja tal-Ażerbajġan tal-Punent sa mit-22 ta' Novembru 2022. Preċedentement kellu l-istess pożizzjoni fil-provinċja ta' Kordestan. Fil-ħabsijiet taħt il-kontroll tiegħu, twettqu każijiet ta' tortura tal-priġunieri matul il-protesti tal-2022/2023, li f'xi każijiet wasslu għall-mewt tad-detenu mi-tortura u/jew nuqqas ta' kura tas-saħħa. Dawk detenu mi u torturati jinkludu manifestanti arrestati f'dawk iż-żewġ provinċji. Bil-parteċipazzjoni fir-repressjoni tal-manifestanti u s-sorveljanza tat-tortura fil-faċilitajiet tal-ħabsijiet taħt il-kmand tiegħu, li f'xi każijiet wasslu għall-mewt tal-priġunieri, Murad Fathi jgħorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

▼ B

▼ M24

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
206.	KHOSROU PANAH Abdul Hossein عبدالحسين خسرو پناه magħruf ukoll bħala KHOSROW PANAH Abdul Hossein; KHOS-ROPANAH Abdolhossein	Data tat-twelid: 21.3.1966 Post tat-twelid: Dezful, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: president u segretarju tas-Supreme Council of Cultural Revolution Entità assoċjata: Supreme Council of Cultural Revolution	Abdol Hossein Khosrou Panah huwa membru konservattiv tal-kleru u ilu l-president u s-segretarju tas-Supreme Council of Cultural Revolution (il-Kunsill Suprem tar-Revoluzzjoni Kulturali) minn Jannar 2023. Is-Supreme Council of Cultural Revolution ippromwova diversi proġetti li jdgħajfu l-libertà tal-bniet u n-nisa, filwaqt li stabbilixxa limiti fuq il-ħwejjeġ li jilbsu u l-edukazzjoni taġġhom. Il-liġijiet tiegħu ddiskriminaw ukoll kontra minoranzi, bħall-Baha'i. Huwa mezz ta' promozzjoni tal-politiki tar-reġim attwali u ta' opinjonijiet Iżlamisti. Bħala president u segretarju tas-Supreme Council of Cultural Revolution, Khosrou Panah għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023
207.	ALAM-AL HODA Ahmad احمد علم الهدى	Data tat-twelid: 31.8.1944 Post tat-twelid: Mashhad, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: L-imam ta' nhar ta' Ġimgħa ta' Mashhad u r-rappreżentant tal-provinċja Khorasan Razavi fl-Assembly of Experts	Ahmad Alam-Al Hoda huwa l-imam ta' nhar ta' Ġimgħa ta' Mashhad u r-rappreżentant tal-provinċja Khorasan Razavi fl-Assembly of Experts (l-Assemblea tal-Esperti). Fid-diskorsi tiegħu u fil-media, huwa jipparteċipa fit-tixrid tal-mibegħda kontra n-nisa, id-dimostranti u l-minoranzi reliġjużi. Alam-Al Hoda għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023
208.	RASTINEH Ahmad احمد راستينه	Data tat-twelid: 1980 Post tat-twelid: province of Bakhtiari, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-Parlament u kelliem għall-kummissjoni kulturali tal-Parlament.	Ahmad Rastineh huwa Membru tal-Parlament Iranjan (Madjles) u l-kelliem tiegħu għall-kummissjoni kulturali. Il-kummissjoni kulturali għandha pożizzjoni superviżorja li tikkontrolla u tissorvelja l-istituzzjonijiet responsabbli mit-"tixrid tal-kultura tal-kastità u l-ħiġab". Rastineh jippromwovi verżjoni stretta tal-prinċipji kulturali tar-revoluzzjoni Iżlamika, partikolarment b'rabta man-nisa, u l-ilbies tal-velu/il-ħiġab. Matul il-protesti tal-2022 u l-2023 fl-Iran, appella għal affermazzjoni tal-liġi li timponi l-velu fuq in-nisa Iranjani. Appoġġa wkoll il-kontroll tal-gvern fuq l-Internet u l-qtugħ tal-Internet. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023

▼ M24

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
209.	KHAN MOHAMMADI Hodjatoleslam Ali حجت الاسلام على خان محمدی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: kelliem tal-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil	Hodjatoleslam Ali Khan Mohammadi huwa l-kelliem tal-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil (il-Kwartieri Ġenerali għall-Impożizzjoni tas-Sewwa u l-Projbizzjoni tal-Ħażen), elenkata mill-UE. Fl-2022 u l-2023, fil-pożizzjoni tiegħu bħala kelliem tal-Kwartieri Ġenerali għall-Impożizzjoni tas-Sewwa u l-Projbizzjoni tal-Ħażen, ikkwalifika n-nuqqas tal-ilbies tal-ħiġab bħala att kriminali u ppromwova verżjoni stretta tal-prinċipji kulturali tar-revoluzzjoni Iżlamika, partikolarment b'rabta man-nisa, u l-ilbies tal-velu/il-ħiġab. Fil-kariga tiegħu, huwa esprima l-appoġġ tiegħu għal-leġittimazzjoni tar-repressjoni tal-attivisti kontra l-ħiġab u kkontribwixxa għaliha, filwaqt li dgħajjed id-drittijiet u l-libertajiet tan-nisa u l-bniet. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023
210.	AKBARI Mohammad Sadegh محمد صادق اکبری	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: imħallef provinċja Mazandaran prim tal-ta'	Mohammad Sadegh Akbari huwa l-prim imħallef tal-provinċja ta' Mazandaran. F'din il-kariga, huwa responsabbli għall-għoti ta' sentenzi ta' mewt fi proċessi inġusti (bin-nuqqas ta' avukati, konfessjonijiet furzati) u għat-tortura ta' persuni misjuba haġja. Matul il-protesti tal-2022 u l-2023, kien responsabbli għall-għeluq ta' ħwienet li ma rrispettawx il-liġijiet dwar il-ħiġab u għall-għoti ta' sentenza ta' mewt lil dimostrant ta' 35 sena li kien marid mentalment li allegatament ħaraq il-Koran. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023
211.	BARATI Morteza مرتضى براتی magħruf ukoll bħala BARATI Qazi	Data tat-twelid: 30.11.1962 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: imħallef li jippresiedi l-ewwel fergħa tal-Qrati Rivoluzzjonarji ta' Isfahan	Morteza Barati huwa l-imħallef li jippresiedi l-ewwel fergħa tal-Qrati Rivoluzzjonarji ta' Isfahan. F'Jannar 2023, ta sentenzi ta' mewt b'tgħalliq lil mill-inqas tliet dimostranti, filwaqt li ċaħħadhom mid-dritt għal proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023
212.	AL HOSSEINI Musa Asif موسی آصف الحسینی magħruf ukoll bħala AL-HOSSEINI Asef	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: kap imħallef tal-ewwel fergħa tal-Qrati Rivoluzzjonarji ta' Karaj, provinċja ta' Alborz	Musa Asif Al Hosseini huwa l-kap imħallef tal-ewwel fergħa tal-Qrati Rivoluzzjonarji ta' Karaj, provinċja ta' Alborz. Il-proċessi taħt is-superviżjoni tiegħu saru bil-għaġla, mingħajr konformità mad-drittijiet bażiċi tal-akkużati u kienu bbażati fuq konfessjonijiet li nkisbu bl-użu ta' pressjoni u tortura. Matul il-protesti tal-2022 u l-2023, huwa ppresieda l-proċessi ta' dimostranti u ta għadd ta' sentenzi ta' mewt, li tnejn minnhom ġew eżegwiti kontra Mohammed Karami u Mohammed Hosseini. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023

▼ M24

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elekar
213.	JALILI Vahid وحید جلیلی	Data tat-twelid: 1973 Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: kap għall-affarijiet kulturali u l-evoluzzjoni tal-politika fl-Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB)	Vahid Jalili huwa l-kap għall-affarijiet kulturali u l-evoluzzjoni tal-politika fl-Islamic Republic of Iran Broadcasting (Xandir tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, IRIB), elenkata mill-UE. Matul il-protesti tal-2022 u l-2023, l-IRIB xandret konfessjonijiet furzati minn ostaġġi barranin. Minħabba l-pożizzjoni għolja tiegħu fl-IRIB, Jalili huwa direttament involut fid-dgħajfien tad-drittijiet tal-bniedem ta' ostaġġi barranin u t-trattament inuman tagħhom. Huwa responsabbli wkoll għat-tixrid ta' konfessjonijiet ta' propaganda li jappoġġaw lir-reġim. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.3.2023

▼ **M4****Entitajiet**▼ **M15**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1.	Pulizija Ċibernetika	Post: Tehran (Iran) Sit web: http://www.cyberpolice.ir	<p>Il-Pulizija Ċibernetika Iranjana, imwaqqfa f'Jannar 2011, hija taqsima tal-Pulizija tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, immexxija minn Vahid Majid. Mill-mument tal-bidu tagħha sal-bidu tal-2015 kienet immexxija minn Esmail Ahmadi-Moqaddam (elenkat). Ahmadi-Moqaddam enfasizza li l-Pulizija Ċibernetika ser tfittex lill-gruppi anti-rivoluzzjonarji u ta' protesta li użaw in-networks soċjali bbażati fuq l-Internet fl-2009 biex jinħolqu protesti kontra l-elezzjoni mill-ġdid tal-President Mahmoud Ahmadinejad. F'Jannar 2012, il-Pulizija Ċibernetika ħarġet linji gwida ġodda għall-Internet kafés, li jeżiġu li l-utenti jipprovdu informazzjoni personali li tinżamm mis-sidien tal-kafé għal sitt xhur, kif ukoll rekord tas-siti elettroniċi li żaru. Ir-regoli jeħtieġu wkoll lis-sidien tal-kafé biex jinstallaw kameras tat-televixin b'ċirkwit magħluq u jżommu r-reġistrazzjonijiet għal sitt xhur. Dawn ir-regoli ġodda jistgħu joħlqu logbook li l-awtoritajiet jistgħu jużaw biex jintraċċaw attivisti jew kwalunkwe persuna li titqies bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali.</p> <p>F'Ġunju 2012, il-mezzi ta' komunikazzjoni Iranjani rrapportaw li l-Pulizija Ċibernetika kienet ser tniedi repressjoni fuq in-netwerks privati virtwali (VPNs). Fit-30 ta' Ottubru 2012, il-Pulizija Ċibernetika arrestat lill-blogger Sattar Beheshti mingħajr mandat għal "azzjonijiet kontra s-sigurtà nazzjonali fuq netwerks soċjali u Facebook". Beheshti kien ikkritika l-gvern Iranjan fil-blog tiegħu. Beheshti nstab mejjet fiċ-ċella tal-ħabs tiegħu fit-3 ta' Novembru 2012, u huwa mifhum li dan ġie ttorturat għall-mewt mill-awtoritajiet tal-Pulizija Ċibernetika. Il-Pulizija Ċibernetika hija responsabbli għal ħafna arresti ta' Telegram Group Administrators b'rabta mal-protesti nazzjonali ta' Novembru 2019.</p>	12.3.2013

▼ **M14**

2.	Il-Ħabs ta' Evin	Indirizz: Tehran Province, Tehran, District 2, Dasht-e Behesht (Iran)	<p>Il-Ħabs ta' Evin huwa ċentru ta' detenzjoni fejn inżammu prigionieri politiċi u fejn fl-aħħar snin u deċennji saru ripetutament abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-tortura. Id-dimostranti ta' Novembru 2019 kienu, u għall-inqas sa ċertu punt għadhom, detenuti fil-Ħabs ta' Evin bħala prigionieri politiċi. Il-prigionieri fil-Ħabs ta' Evin qed jiġu mċaħħda mid-drittijiet proċedurali bażiċi, xi drabi miżmuma f'iżolament jew f'ċelloli ffullati żżejjed b'kundizzjonijiet iġjeniċi ħżiena. Hemm rapporti dettaljati dwar tortura fiżika u psikoloġika. Id-detenuti huma mċaħħda mill-kuntatt mal-familja u l-avukati kif ukoll minn trattament tas-saħħa adegwat.</p>	12.4.2021
----	------------------	---	---	-----------

▼ **M14**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
3.	Il-Ħabs ta' Fashafouyeh (magħruf ukoll bħala: Penitenz-jarju Ċentrali ta' Greater Tehran, Ħabs ta' Hasanabad-e Qom, Ħabs ta' Greater Tehran)	Indirizz: Tehran Province, Hasa-nabad, Bijin Industrial Zone, Tehran, Qom Old Road (Iran) Telefon: +98 21 5625 8050	Il-Ħabs ta' Fashafouyeh huwa ċentru ta' detenzjoni magħżul oriġinarjament biex iżomm trasgressuri ta' reati relatati mad-droga u dan l-aħħar żamm ukoll prigionieri politiċi u, f'xi każijiet, ġiegħluhom jaqsmu ċ-ċella ma' persuni dipendenti fuq id-droga. Il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tal-iġjene huma ħżiena ħafna, neqsin minn ħtiġijiet bażiċi bħall-ilma tax-xorb nadif. Matul il-protesti ta' Novembru 2019, diversi dimostranti inżammu fil-Ħabs ta' Fashafouyeh, inkluż minorenni. Ir-rapporti jindikaw li d-dimostranti ta' Novembru 2019 kienu soġġetti għal tortura u trattament inuman fil-Ħabs ta' Fashafouyeh, eż. billi korrewhom deliberatament bl-ilma jagħli u billi ċaħduhom minn trattament mediku. Skont rapport ta' Amnesty International dwar it-trażżin tal-protesti ta' Novembru 2019, tfal sa 15-il sena ġew detenuti flimkien ma' adulti fil-Ħabs ta' Fashafouyeh. Tliet dimostranti ta' Novembru 2019, li bħalissa qed jinżammu fil-Ħabs ta' Fashafouyeh, ġew ikkundannati għall-mewt minn qorti f' Tehran.	12.4.2021
4.	Il-Ħabs ta' Rajae Shahr (magħruf ukoll bħala: Ħabs ta' Rajai Shahr, Rajaishahr, Raja'i Shahr, Reja'i Shahr, Rajayi Shahr, Ħabs ta' Gorhardasht, Ħabs ta' Gohar Dasht)	Indirizz: Alborz Province, Karaj, Gohardasht, Moazzen Blvd (Iran) Telefon: +98 26 3448 9826	Il-ħabs ta' Rajae Shahr ilu, sa mir-Rivoluzzjoni Iżlamika tal-1979, magħruf għaċ-ċaħda tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-tortura fiżika u psikoloġika severa ta' prigionieri politiċi u prigionieri minħabba twemmin kif ukoll eżekuzzjonijiet tal-massa mingħajr proċess ġust. Mijiet ta' detenuti, inkluż tfal, ġew maltrattati severament fil-Ħabs ta' Rajae Shahr wara l-protesti ta' Novembru 2019. Hemm rapporti kredibbli dwar bosta każijiet ta' tortura u forum oħra ta' kastig krudili, inkluż każijiet li jinvolvu minorenni.	12.4.2021

▼ **M18**

5.	Pulizija tal-Moralità tal-Iran (magħrufa wkoll bħala Gasht-e-Ershad; Islamic Guidance Patrol; Guidance Patrols) عشتی ارشاد	Indirizz: Vozara Street, corner of 25th Street, District 6, Tehran (Iran)	Il-Pulizija tal-Moralità hija parti mill-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi (LEF) tal-Iran u hija unità tal-pulizija speċjali li tinforza regoli stretti dwar l-ilbies għan-nisa, inkluż l-ilbies obbligatorju ta' velu. Il-Pulizija tal-Moralità użat forza illegali kontra n-nisa talli ma kkonformawx mal-liġijiet Iranjani dwar il-ħiġab, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, wettqet arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u użat vjolenza eċċessiva u tortura. Fit-13 ta' Settembru 2022, il-Pulizija tal-Moralità arrestat arbitrarjament lil Mahsa Amini ta' 22 sena f' Tehran, allegatament talli libset ħiġab b'mod mhux xieraq. Sussegwentement ittiedet fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija tal-Moralità għal "lezzjoni edukattiva u ta' orjentazzjoni". Skont rapporti u xhieda affidabbli, hija ġiet imsawta brutalment u ġiet ittrattata ħażin waqt li kienet detenuta, li wassal għad-dħul tagħha fl-isptar	17.10.2022
----	---	---	---	------------

▼ M18

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>u għall-mewt tagħha fis-16 ta' Settembru 2022. L-imġiba abbużiva tal-Pulizija tal-Moralità mhijiex limitata għal dak l-inċident u ġiet iddokumentata b'mod wiesa'.</p> <p>Il-Pulizija tal-Moralità għalhekk iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	
6.	<p>Forza ta' Reżistenza ta' Basij</p> <p>(magħrufa wkoll bħala Basij-e Mostazafan)</p> <p>بسیج مستضعفین</p>		<p>Il-Forza ta' Reżistenza ta' Basij hija organizzazzjoni paramilitari volontarja li topera taħt il-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC) b'fergħat madwar l-Iran.</p> <p>Ir-rispons tal-forzi tas-sigurtà għall-protesti ta' Settembru 2022 fl-Iran kien partikolarment iebes, u rriżulta fl-imwiet ta' diversi persuni. Il-Forza ta' Reżistenza ta' Basij hija waħda mill-forzi ordnati mill-gvern biex twaqqaf dawk il-protesti. Hija darbet u qatlet diversi dimostranti.</p> <p>Il-Forza ta' Reżistenza ta' Basij għalhekk iġġorr ir-responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	17.10.2022
7.	<p>Kmand taċ-Ċiberdifiża tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (CDC)</p> <p>قراگاه دفاع سایبری</p>	<p>Indirizz: Tehran (Iran)</p> <p>Telefon: +98 26 3448 9826</p>	<p>Il-Kmand taċ-Ċiberdifiża tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (CDC) jissorvelja s-siti web, il-posta elettronika u l-attivitajiet online ta' individwi meqjusa bħala avversarji politiċi.</p> <p>Matul il-protesti ta' Settembru 2022 fl-Iran, is-CDC ħa rwol attiv fil-politiki repressivi tal-gvern Iranjan, inkluż bl-identifikazzjoni u l-arrest tad-dimostranti.</p> <p>Is-CDC hija għaldaqstant direttament responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	17.10.2022
8.	<p>Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) (magħrufa wkoll bħala NAJA; FARAJA)</p> <p>فرماندهی انتظامی جمهوری اسلامی ایران</p>	<p>Indirizz: Tehran (Iran)</p>	<p>Il-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) huma forza tal-pulizija bl-uniformi.</p> <p>Il-ksur sfaċċat u gravi tad-drittijiet tal-bniedem mil-LEF, bħall-isparar indiskriminat b'munizzjon attiv fuq dimostranti paċifiċi, fosthom tfal, ġie ddokumentat b'mod wiesa' minn mindu bdew il-protesti f'nofs Settembru 2022 wara l-mewt ta' Mahsa Amini. Aktar minn 70 dimostrant mienu u mijiet indarbu serjament, fosthom tfal. Sa mill-bidu tad-dimostrazzjonijiet, il-forzi tal-pulizija ddetenew ukoll b'mod arbitrarju bosta difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti.</p> <p>Il-LEF għalhekk huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	17.10.2022

▼ M4

▼ M20

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
9.	Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Basij (magħrufa wkoll bħala Bonyad-eh Ta'avon-eh Basij) بنیاد تعاون بسیج	Indirizz: Tehran, Iran Tip ta' entità: Fondazzjoni/Network ta' Korporazzjonijiet Entitajiet assoċjati oħra: IRGC, Forza ta' Reżistenza tal-Basij	Il-Fondazzjoni Kooperattiva tal-Basij (BCF) hija waħda mill-affiljati tal-Forza ta' Reżistenza tal-Basij (elenkata mill-UE). Il-BCF twaqqfet fl-1996 u l-missjoni tagħha tinkludi l-promozzjoni u l-appoġġ tal-Basij. L-attivitajiet tal-BCF jinkludu l-finanzjament tal-Forza ta' Reżistenza tal-Basij (elenkata mill-UE). Għalhekk, il-BCF hija assoċjata mal-Forza ta' Reżistenza tal-Basij, entità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
10.	Press TV پرس تو	Indirizz: 4 East 2nd St., Farhang Blvd., Saadat Abad, 19977-66411 Tehran, Iran Numru tat-telefown: Tel. +98 21 230 66 660 Indirizz elettroniku: Presstv@presstv.ir Tip ta' entità: Xandar tat-Televiżjoni tal-Istat	Press TV hu responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir tal-konfessjonijiet furzati tad-detenuti, inkluż ġurnalisti, attivisti politiċi, persuni minn minoranzi Kurdi u Għarab, u jikser drittijiet internazzjonali rikonoxxuti għal proċess ġust u proċess korrett tal-liġi. Għalhekk, Press TV huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
11.	Arvan Cloud (magħruf ukoll bħala Abr Arvan; Noyan Abr Arvan Co.; Arwan Company; Arvancloud) آرون کلود	Indirizz: Zafar St. Africa Blvd., Tehran, Iran Tip ta' entità: Kumpanija Privata Entitajiet assoċjati oħra: l-IRGC, il-Ministru għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-Iran	Arvan Cloud hija kumpanija Iranjana tal-IT li tappoġġa l-isforzi tal-gvern Iranjan biex jikkontrolla l-aċċess għall-intranet Iranjan. Sa mill-2020, hija sieħeb prinċipali fil-proġett tal-Gvern Iranjan, b'mod ġenerali, u tal-Ministru Iranjan għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, b'mod partikolari, biex tinħoloq verżjoni separata u Iranjana tal-Internet. Intranet nazżjonali bħal dan b'punti ta' konnessjoni mal-Internet globali jgħin biex jikkontrolla l-fluss ta' informazzjoni bejn l-intranet Iranjan u l-Internet globali. Bħala tali, Arvan Cloud hija involuta fiċ-ċensura u l-isforzi tal-gvern Iranjan biex jagħlaq l-Internet b'reazzjoni għall-protesti reċenti fl-Iran. Arvan Cloud hija assoċjata wkoll ma' persuni responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran, notevolment il-Ministru Iranjan għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni elenkat mill-UE.	14.11.2022

▼ M4

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
▼ <u>M21</u>				
12.	Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) سازمان صدا و سیماى جمهوری اسلامی ایران	Indirizz: Jamejam Street, Valiasr Avenue, 19395-3333 Tehran, Iran Tip ta' entità: kumpannija tax-xandir ta' proprjetà tal-istat Entitajiet assoċjati oħra: Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)	Islamic Republic of Iran Broadcasting (IRIB) hija kumpannija tax-xandir ta' proprjetà tal-istat li għandha l-fama ta' leħen ir-reġim. L-IRIB hija responsabbli għall-produzzjoni u x-xandir tal-ammissjonijiet ta' ħtija furzati tad-detenuti, inkluż il-ġurnalisti, l-attivisti politiċi u persuni li jagħmlu parti mill-minoranzi Kurdi u Għarab, b'hekk tikser id-drittijiet internazzjonali rikonoxxuti għal smigħ ġust u proċess korrett. L-IRIB għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
▼ <u>M22</u>				
13.	Ravin Academy آکادمی راوین	Post ta' reġistrazzjoni: Tehran, Iran Data ta' reġistrazzjoni: 2019 Numru ta' reġistrazzjoni: 49135 Post prinċipali ta' negozju: Second Floor, No. 36, Naqdi Street, North Sohrevardi Street, Shahid Għandi-Niloufar Neighborhood, Tehran, Iran	Ravin Academy hija kumpannija taċ-ċibersigurtà bbażata fl-Iran, li tipprovdi edukazzjoni u taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà fil-qasam tad-difiża u f'dak tal-offiża, kif ukoll taħriġ dwar il-hacking. Barra minn hekk, ir-Ravin Academy topera f'isem il-Ministeru Iranjan tal-Intelligence (MOIS) u l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u tappoġġahom fir-reklutaġġ tal-hackers. Il-hackers imħarrġa fir-Ravin Academy kienu involuti fit-tfikkil dirett tal-komunikazzjoni ta' dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim Iranjan, u b'hekk il-hackers kienu qed irażżnu l-protesti. Għalhekk, ir-Ravin Academy hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
14.	Samane Gostar Sahab Pardaz Private Limited Company شرکت سامان گستر صاحب پرداز با مسئولیت محدود magħruf bħala Sahab Pardaz صاحب پرداز	Post ta' reġistrazzjoni: Tehran, Iran Post prinċipali ta' negozju: Tehran, No. 22, Khorramshahr Street Tehran, North Shohvardi Street, Korramshahr Street, Number 24, Floor 1	Samane Gostar Sahab Pardaz Private Limited Company hija kumpannija bbażata fl-Iran li tipprovdi servizzi għall-iffiltrar tal-media soċjali. Hija involuta fl-attivitajiet ta' ċensura u sorveljanza għall-Gvern tal-Iran, inkluż matul il-protesti tal-2022, li jipprojbixxu, jillimitaw jew jippenalizzaw l-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni jew tat-tlaqqiġ taċ-ċittadini tal-Iran, jew li jillimitaw l-aċċess għall-istampar jew il-media tax-xandir. Għalhekk, Samane Gostar Sahab Pardaz Private Limited Company hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
15.	<p>Communications Regulatory Authority (CRA)</p> <p>ارتباطات و مقررات تنظيم سازمان رادیویی</p> <p>magħrufa wkoll bħala Communication Regulation Authority (CRA)</p>	<p>Post ta' reġistrazzjoni: Tehran, Iran</p> <p>Entità assoċjata: Iranian Ministry for Information and Communications Technology (ICT)</p>	<p>Il-Communications Regulatory Authority (CRA) taqa' taħt l-awtorità tal-Ministeru Iranjan għat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). Is-CRA tinforza r-rekwiżiti tal-gvern Iranjan għall-iffiltrar tal-kontenut tal-internet permezz ta' spjunaġġ imsejjaħ SIAM.</p> <p>Matul il-protesti tal-2022, is-CRA użat il-kontroll tagħha tal-aċċess tal-internet u tal-mowbajls biex issegwi lid-dimostranti u toħloq stampa ddettaljata tal-attivitajiet tad-dissidenti u tad-dimostranti għall-awtoritajiet biex jużawha kif jixtiequ. Għalhekk, is-CRA hija responsabbli għall-appoġġ tar-repressjoni ta' dimostranti paċifiki, ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, studenti jew persuni oħrajn li jtkellmu favur id-difiża tad-drittijiet leġittimi tagħhom.</p> <p>Għalhekk, is-CRA hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023
16.	<p>Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil</p> <p>سناد امر به معروف و نهی از منکر</p> <p>magħrufa wkoll bħala Office for Enjoining Right And Forbidding Evil; Headquarters for the Promotion of Virtue and Prevention of Vice; Setad-PV</p> <p>سناد پو</p>	<p>Tip ta' entità: istituzzjoni tal-gvern</p> <p>Post ta' reġistrazzjoni: Iran</p> <p>Post prinċipali ta' negozju: Iran</p> <p>Individwi assoċjati: GOLPAYEGANI Seyyed Mohammed Saleh Hashemi, kap tal-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil</p> <p>Entitajiet assoċjati oħra: Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF)</p>	<p>Il-Headquarters for Enjoining Right And Forbidding Evil huma istituzzjoni tal-gvern, responsabbli għad-determinazzjoni u l-infurzar ta' mudelli ta' mgħiba eċċessivament stretti fis-soċjetà.</p> <p>Fl-2022, il-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil kienu strumentali fl-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' moralità ġodda u aktar stretti għan-nisa li jiksru b'mod ċar id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Barra minn hekk, il-Headquarters for Enjoining Right and Forbidding Evil għandhom rwol ċentrali fl-istabbiliment ta' sorveljanza ta' nisa u rġiel li ma jirrispettawx dawn il-kodiċijiet u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet spiss brutali fil-konfront tagħhom. Sussegwentement, dawn il-kodiċijiet stretti huma infurzati b'mod brutali mil-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) (u speċifikament il-Pulizija tal-Moralità tagħhom).</p> <p>Għalhekk, il-Headquarters for Enjoining Right And Forbidding Evil huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
17.	Imen Sanat Zaman Fara Company شركة ايمن صنعت زمان فرا	<p>Indirizz: Shahrak-e-Jafar Abad-e-Jangal Rd, Nase-riyeh, Tehran, Iran;</p> <p>Number 16, Kolezar alley, Farsian Street, Shahid Rezaiee Street, Azadegan Autobahn, Tehran, Iran;</p> <p>Number 16, Gholshan 14, Golestan Boulevard, Negarestan Boulevard, Sham Abad, Tehran, Iran</p> <p>Tip ta' entità: kumpannija privata</p> <p>Post ta' reġistrazzjoni: Iran</p> <p>Data ta' reġistrazzjoni: 2010</p> <p>Nru tal-identità nazzjonali: 103201991293 (Iran)</p> <p>Nru ta' reġistrazzjoni tan-negozju: 369541 (Iran)</p> <p>Post prinċipali ta' negozju: Iran</p> <p>Individwi assoċjati: Mohammad Zandi Aliabadi, president tal-bord tad-diretturi;</p> <p>Mohammad Zandi Aliabadi, Viċi president tal-bord tad-diretturi;</p> <p>Fatemeh Haghshenas, CEO</p> <p>Entitajiet assoċjati oħra: Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF)</p>	<p>Imen Sanat Zaman Fara Company hija kumpannija Iranjana li timmanifattura u timporta t-tagħmir tas-sigurtà għall-forzi tas-sigurtà Iranjani.</p> <p>It-tagħmir tagħha jintuża mill-forzi tas-sigurtà Iranjani biex irażżnu protesti paċifiċi, inkluż il-protesti li seħħew fl-2022 wara l-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena fl-2022, u dan wassal għat-tortura u l-mewt ta' mill-inqas 516-il dimostrant, inkluż mill-inqas ta' 70 tifel jew tifla.</p> <p>Għalhekk, Imen Sanat Zaman Fara Company hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
18.	Iranian Special Police Forces نیروی ویژه پاد وحشت Magħrufin ukoll bħala NOPO; Iran's Counter-Terror Special Forces; Niroo-ye Vizhe Pasdar-e Velayat; Supreme Leader's Guardian Special Forces; Provincial Special Forces; Special Counter-Terrorism Force	Indirizz: Iran Tip ta' entità: police force Post ta' reġistrazzjoni: Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Individwi assoċjati: Mohsen Ebrahimi (Kmandant) Entitajiet assoċjati oħra: L-iSpecial Unit Forces tal-Iran, Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF)	L-Iranian Special Police Forces (NOPO) huma subdiviżjoni tal-iSpecial Unit Forces tal-Iran u tal-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF). In-NOPO huma unità mħarrġa ħafna u speċjalizzata li ħafna drabi tiġi msejħa biex itemm il-protesti. Matul il-protesti tal-2022, wara l-mewt ta' Mahsa Amini ta' 22 sena, in-NOPO użaw vjolenza eċċessiva u forza letali kontra d-dimostranti li ma kinux armati, inkluż in-nisa u t-tfal, eż billi sparaw b'armi awtomatiċi lejn id-dimostranti. Għalhekk, l-Iranian Special Police Forces (NOPO) huma responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
19.	Radis Vira Tejarat Co شرکت رادیس ویرا تجارت	Indirizz: Tehran, Pasdaran St., West Gilan St., No. 5, Unit 1, Corner of Mohed Dou Alley Tip ta' entità: fornitur tas-sigurtà fiżika, intrapriża privata Post prinċipali ta' negozju: Iran Individwi assoċjati: Abbas Azarpendar, CEO ta' Radis Vira Tejarat Co u manijer reġjonali fl-Iran għal Tiandy Technologies Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u Law	Radis Vira Tejarat Co hija r-rappreżentant Iranjan tal-kumpannija Tiandy Technologies. Ir-rabtiet mill-qrib bejn il-kumpanniji huma sottolinjati mill-fatt li s-CEO ta' Radis Vira Tejarat Co, Abbas Azarpendar, huwa wkoll il-manijer reġjonali fl-Iran għal Tiandy Technologies. Radis Vira Tejarat Co hija intermedjarja ewlenija fl-Iran li tipprovdi xi wħud mill-aktar tagħmir avanzat ta' sorveljanza lill-gvern Iranjan. Matul il-protesti li sehew wara l-mewt ta' Mahsa Amini fil-kustodja tal-pulizija f'nofs Settembru 2022, it-tagħmir tagħha ntuża mill-forzi ta' sigurtà Iranjani, inkluż l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), il-Basij tiegħu u l-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) biex irażżnu b'mod brutali l-protesti madwar in-nazzjon, li wassal għat-tortura jew għall-mewt ta' mill-inqas 516-il dimostrand, inkluż mill-inqas 70 tifel jew tifla. Għalhekk, Radis Vira Tejarat Co hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) (kljenti), Pars Ertebat Afzar Co (distributtur)		
20.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Shohada (Korp Reġjonali Shohada tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'West-Azerbaijan شهداء سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: West-Azerbaijan, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: West Azerbaijan, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Shohada jopera fil-provinċja tal-Punent tal-Azerbaijan. Il-Brigadier Ġeneral Habib Shahsavari, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, l-IRGC Regional Corps Shohada wettaq operazzjonijiet kontra d-dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, sa mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostranti fl-ibliet ta' Piranshahr, Mahabad u Bukan fil-Punent tal-Azerbaijan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Mill-15 ta' Novembru 2022, l-operazzjonijiet tal-IRGC fl-ibliet ta' Mahabad u Bukan ħallew mill-inqas erba' persuni u 12-il persuna mejta rispettivament. L-IRGC Regional Corps Shohada għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
21.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Hazrat Nabi Akram (Korp Reġjonali Hazrat Nabi Akram tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Kermanshah حضرت نبي اکرم سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Kermanshah, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Kermanshah, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Hazrat Nabi Akram jopera fil-provinċja ta' Kermanshah. Il-Brigadier Ġeneral Bahman Rahan, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, il-provinċja ta' Kermanshah rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC. L-IRGC Regional Corps Hazrat Nabi Akram għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Guard Corps (IRGC)		
22.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Quds (Korp Reġjonali Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Gilan قدس سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Gilan, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Gilan, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Quds jopera fil-provinċja ta' Gilan. Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Abdollahpour, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, il-provinċja ta' Gilan rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC. L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Quds għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
23.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Karbala (Korp Reġjonali Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Mazandaran کربلا سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Mazandaran, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Mazandaran, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Karbala jopera fil-provinċja ta' Mazandaran. Il-Brigadier Ġeneral Siavash Moslemi, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, l-entità wettqet operazzjonijiet kontra dimostranti fil-provinċja ta' Mazandaran. F'dawk l-operazzjonijiet, użat forza u vjolenza sproporzjonati kontra d-dimostranti. L-IRGC Regional Corps Karbala għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
24.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Seyyed al-Shohada (Korp Reġjonali Seyyed al-Shohada tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) fil-provinċja ta' Tehran الشهداء سيد سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Tehran, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Tehran, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Seyyed al-Shohada jopera fil-provinċja ta' Tehran. Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Zulqadr, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, ir-repressjoni vjolenti tal-protesti fil-provinċja ta' Tehran mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, kienet partikolarment qawwija u eċċessiva. L-IRGC Regional Corps Seyyed al-Shohada għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
25.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Operational Base Karbala (Bażi Operattiva Karbala tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) كربلا سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: South-west-Iran (provinces of Khuzestan, Lorestan and Kohgiluyeh u Boyer-Ahmad) Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Operational Base (regional headquarters) Karbala jopera fil-Lbiċ tal-Iran u jkopri il-provinċji ta' Khuzestan, Lorestan u Kohgiluyeh u Boyer-Ahmad. Il-Brigadier Ġeneral Ahmad Kadem, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, l-entità wettqet operazzjonijiet kontra dimostranti, b'mod partikolari fil-provinċji ta' Khuzestan u Lorestan, inkluż fil-belt ta' Khorramabad f'Lorestan. Matul dawk l-operazzjonijiet, it-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata, bl-użu ta' munizzjon attiv kontra dimostranti. L-IRGC Operational Base Karbala għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
26.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Operational Base Quds (Bażi Operattiva Quds tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) قدس سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Operational Base Quds huwa l-kwartieri ġenerali reġjonali tal-IRGC fix-Xlokk tal-Iran li jikkontrollaw il-provinċja ta' Kerman u l-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Karami, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Il-provinċja ta' Sistan u Baluchestan rat xi wħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali provinċjali Zahedan għexet "il-Ġimgħa mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li ffurmat mat-talb tal-Ġimgħa, bl-użu ta' munizzjon attiv. Mill-inqas 70 dimostrant intlaqtu minn tiri u sfaw maqtula. Minn dak inhar 'l hawn, kompliet il-vjolenza kontra l-parteeipanti fi protesti li seħħew aktar tard. L-IRGC Operational Base Quds għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
27.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Operational Base Najaf-e-Ashraf (Bażi Operattiva Najaf-e-Ashraf tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) الاشرف نجف سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Operational Base (regional headquarters) Najaf-e-Ashraf jikkontrolla l-provinċji ta' Kermanshah, Hamedan u Ilam. Il-Brigadier Ġeneral Mohammad Nazar Azimi, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, il-provinċja ta' Kermanshah rat repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC. L-IRGC Operational Base Najaf-e-Ashraf għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
28.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Valiasr (Korp Reġjonali Valiasr tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Khuzestan عصر ولی سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Khuzestan, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Khuzestan, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Valiasr jopera fil-provinċja ta' Khuzestan. Il-Brigadier Ġeneral Hassan Shahvarpour, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. L-IRGC Regional Corps Valiasr huwa responsabbli għal massakri ta' dimostranti f'Khuzestan f'Novembru 2020. Barra minn hekk, matul il-protesti tal-2022 fl-Iran, wettaq operazzjonijiet kontra dimostranti b'mod partikolari fil-belt ta' Izeh. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawk l-operazzjonijiet, li wasslu għall-qtil ta' dimostranti. L-IRGC Regional Corps Valiasr għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
29.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Hazrat Abufazl (Korp Reġjonali Hazrat Abufazl tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Lorestan حضرت ابوالفضل سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Lorestan, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Lorestan, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Hazrat Abufazl jopera fil-provinċja ta' Lorestan. Matul il-protesti tal-2022, wettaq operazzjonijiet kontra dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, twettqu operazzjonijiet fil-belt ta' Khorramabad ta' Lorestan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet u użaw munizzjon attiv fuq id-dimostranti. L-IRGC Regional Corps Hazrat Abufazl għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M22

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
30.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Beit-al-Moqadas (Korp Reġjonali Beit-al-Moqadas tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Kurdistan المقدس بيت سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Kurdistan, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Kurdistan, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Beit-al-Moqadas jopera fil-provinċja ta' Kurdistan. Il-Brigadier Ġeneral Sadegh Hosseini, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Matul il-protesti tal-2022, din l-entità wettqet operazzjonijiet kontra dimostranti fir-reġjuni Kurdi tal-Iran. B'mod partikolari, sa mill-15 ta' Novembru 2022, tali operazzjonijiet twettqu kontra dimostranti fl-ibliet ta' Sanandaj, Kamyaran u Saqqez fil-Kurdistanu fil-Punent tal-Azerbajġan. It-truppi tal-IRGC użaw forza sproporzjonata f'dawn l-operazzjonijiet. Mill-15 ta' Novembru 2022, l-operazzjonijiet tal-IRGC ħallew mill-inqas seba' persuni mejta fil-belt ta' Sanandaj u mill-inqas żewġ persuni oħra mejta kemm f'Kamyaran, kif ukoll f'Saqqez, rispettivament. L-Islamic Revolutionary Guards Corps (IRGC) Regional Corps Beit-al-Moqadas għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023
31.	Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Salaman (Korp Reġjonali Salaman tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGC)) f'Sistan u Baluchestan سلمان سپاه پاسداران انقلاب اسلامی	Indirizz: Sistan u Baluchestan, Iran Tip ta' entità: Unità militari tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Post ta' reġistrazzjoni: Sistan u Baluchestan, Iran Post prinċipali ta' attività: Iran Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	L-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Regional Corps Salaman jikkontrolla l-provinċja ta' Sistan u Baluchestan. Il-Brigadier Ġeneral Amanollah Garshasbi, elenkat mill-UE, huwa il-kmandant ta' din l-entità. Sistan u Baluchestan rat xi wħud mill-aktar repressjonijiet vjolenti mill-forzi tas-sigurtà Iranjani, inkluż mill-IRGC, matul il-protesti tal-2022. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-kapitali provinċjali Zahedan għexet "il-Ġimgħa mdejmija", meta l-forzi tas-sigurtà fetħu n-nar fuq protesta li fformat mat-talb tal-Ġimgħa, bl-użu ta' munizzjon attiv. Mill-inqas 70 dimostrant inlaqtu minn tiri u sfaw maqtula. Minn dakinhar 'l hawn, komplet il-vjolenza kontra d-dimostranti. L-IRGC Regional Corps Salaman għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	23.1.2023

▼ M4

▼ M23

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
32.	<p>Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) Cooperation Foundation</p> <p>بنیاد تعاون فراجا بنیاد تعاون ناجا (magħruf ukoll bħala NAJA Cooperation Foundation)</p>	<p>Indirizz: Marz-daran Blvd, Teheran, Tehran, Iran</p> <p>Tip ta' entità: Fondazzjoni ta' Kooperazzjoni assoċjata mal-Forza tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika</p> <p>Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) (magħrufa wkoll bħala NAJA; FARAJA)</p> <p>فرماندهی انتظامی جمهوری اسلامی ایران</p>	<p>Il-Fondazzjoni Kooperattiva assoċjata mal-Forza tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) hija kooperattiva ekonomika kkontrollata mil-LEF (magħrufa ukoll bħala NAJA) elenkata mill-UE u hija attiva fl-enerġija, il-kostruzzjoni, is-servizzi, it-teknoloġija, u l-industriji bankarji tal-Iran.</p> <p>Il-Fondazzjoni ta' Kooperazzjoni LEF hija fergħa importanti ta' finanzjament tal-LEF, tikkonsisti de facto minn holding finanzjarja li tipprovdì u twassal fondi u hija użata għaċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet. Barra minn hekk, il-Fondazzjoni Kooperazzjoni bis-sussidjarji tagħha hija waħda mill-ftit fornituri esklużivament involuti fil-manifattura u l-importazzjoni ta' tagħmir li jintuża għas-soppressjoni tal-protesti fl-Iran.</p> <p>Għalhekk il-Fondazzjoni Kooperattiva LEF tipprovdì riżorsi finanzjarji u tagħmir għar-repressjoni lil-LEF li tuża l-appoġġ biex twettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.</p> <p>Għalhekk il-Fondazzjoni Kooperattiva LEF iġġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	20.2.2023
33.	<p>Police Science and Social Studies Institute</p> <p>پژوهشگاه علوم انتظامی و مطالعات اجتماعی فراجا</p>	<p>Post ta' reġistrazzjoni: Tehran, Iran</p> <p>Indirizz: QCC3+HPP District 3, Tehran, Tehran Province, Iran</p> <p>Tip ta' entità: Istitut assoċjat mal-Forza tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika (LEF)</p>	<p>L-Istitut tax-Xjenza u l-Istudji Soċjali tal-Pulizija, affiljat mal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) (magħrufa wkoll bħala NAJA) elenkata mill-UE jipproduċi "droni kontra l-irvellijiet" li huma użati mill-forzi tal-infurzar tal-liġi fis-soppressjoni ta' manifestanti paċifiċi. Barra minn hekk, l-istitut jippromwovi u jwettaq riċerka dwar l-użu ta' droni għall-forzi tal-pulizija.</p> <p>L-Istitut tax-Xjenza u l-Istudji Soċjali tal-Pulizija huwa assoċjat mal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tal-Iran u jipprovdì tagħmir li jintuża biex jitwettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.</p> <p>Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	20.2.2023

▼ **M23**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		Entitajiet assoċjati: Fondazzjoni Kooperattiva tal-Forzi tal-Infurzar tal-Liġi tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran (LEF) (magħrufa wkoll bħala NAJA; FARAJA)		

▼ **M24**

34.	Supreme Council of Cultural Revolution	Individwu assoċjat: KHOSROU PANAH Abdol Hossein (president u segretarju)	<p>Is-Supreme Council of Cultural Revolution (il-Kunsill Suprem tar-Revoluzzjoni Kulturali) huwa korp ta' politika tar-reġim responsabbli għat-tħejji u l-formulazzjoni ta' politiki u pjanijiet strateġiċi fl-oqsma tax-xjenza, l-edukazzjoni, ir-reliġjon u r-riċerka.</p> <p>Ippromwova diversi proġetti li jdgħajfu l-libertà tal-bniet u n-nisa, filwaqt li stabbilixxa limiti fuq il-ħwejjeġ li jilbsu u l-edukazzjoni tagħhom. Id-deċiżjonijiet tiegħu ddiskriminaw ukoll kontra minoranzi, bħall-Baha'i. Huwa mezz ta' promozzjoni tal-politiki tar-reġim attwali.</p> <p>Is-Supreme Council of Cultural Revolution għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.</p>	20.3.2023
-----	--	--	--	-----------

▼ **M2***ANNEX II***Siti tal-internet għal informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-
indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**▼ **M17**

IL-BELĠJU

https://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

IL-BULGARIJA

<https://www.mfa.bg/en/EU-sanctions>

IĊĊEKJA

www.financnianalytickyrad.cz/mezinarodni-sankce.html

ID-DANIMARKA

<http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<https://www.bmwi.de/Redaktion/DE/Artikel/Aussenwirtschaft/embargos-aussenwirtschaftsrecht.html>

L-ESTONJA

<https://vm.ee/et/rahvusvahelised-sanktsioonid>

L-IRLANDA

<https://www.dfa.ie/our-role/policies/ireland-in-the-eu/eu-restrictive-measures/>

IL-GREĊJA

<http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>

SPANJA

<https://www.exteriores.gob.es/es/PoliticaExterior/Paginas/SancionesInternacionales.aspx>

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/>

IL-KROAZJA

<https://mvep.gov.hr/vanjska-politika/medjunarodne-mjere-ogranicavanja/22955>

L-ITALJA

https://www.esteri.it/it/politica-estera-e-cooperazione-allo-sviluppo/politica_europea/misure_deroghe/

ĊIPRU

<https://mfa.gov.cy/themes/>

IL-LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

IL-LUSSEMBURGU

<https://maec.gouvernement.lu/fr/directions-du-ministere/affaires-europeennes/organisations-economiques-int/mesures-restrictives.html>

▼ M17

L-UNGHERIJA

<https://kormany.hu/kulgazdasagi-es-kulugyminiszterium/ensz-eu-szankcios-tajekoztato>

MALTA

<https://foreignandeu.gov.mt/en/Government/SMB/Pages/SMB-Home.aspx>

IN-NETHERLANDS

<https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties>

L-AWSTRJA

<https://www.bmeia.gv.at/themen/aussenpolitik/europa/eu-sanktionen-nationale-behoerden/>

IL-POLONJA

<https://www.gov.pl/web/dyplomacja/sankcje-miedzynarodowe>

<https://www.gov.pl/web/diplomacy/international-sanctions>

IL-PORTUGALL

<https://www.portaldiplomatico.mne.gov.pt/politica-externa/medidas-restritivas>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/node/1548>

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/omejevalni_ukrepi

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

<https://um.fi/pakotteet>

L-IŻVEZJA

<https://www.regeringen.se/sanktioner>

Indirizz għal notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (DĠ FISMA)

Rue de Spa 2

B-1049 Brussell, il-Belġju

Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu

▼ **M2**

ANNEX III

Lista ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif imsemmi fl-Artikolu 1a

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:
 - 1.1 Armi tan-nar mhux ikkontrollati mill-LM 1 u l-LM 2 tal-Lista Militari Komuni;
 - 1.2 Munizzjon iddisinjat speċifikament għall-armi tan-nar elenkati fil-punt 1.1 u komponenti ddisinjati apposta għalihom;
 - 1.3 Miri tal-armi mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.
2. Bombi u granati mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.
3. Vetturi kif ġej:
 - 3.1 Vejkoli mgħammra b'kanun tal-ilma, speċifikament iddisinjati jew immodifikati għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet;
 - 3.2 Vejkoli ddisinjati jew immodifikati speċifikament biex ikunu elettrifikati biex jimbuttaw lill-attakkanti;
 - 3.3 Vejkoli ddisinjati jew immodifikati speċifikament biex ineħħu barrikati, inkluż tagħmir ta' kostruzzjoni bi protezzjoni ballistika;
 - 3.4 Vejkoli ddisinjati speċifikament għat-trasport jew it-trasferiment ta' prigionieri u/jew detenuti;
 - 3.5 Vetturi mfassla speċifikament għall-iskjerament tal-barrikati mobbli;
 - 3.6 Komponenti għall-vetturi speċifikati fil-punti 3.1 sa 3.5 mfassla speċifikament għall-finijiet ta' kontroll tal-irvellijiet.

Nota 1 Dan l-oġġett ma jikkontrollax il-vetturi speċifikament mfassla għall-finijiet ta' tifi tan-nar.

Nota 2 Għall-finijiet tal-punt 3.5 t-terminu "vetturi" jinkludi l-karrijiet.
4. Sustanzi splussivi u tagħmir relatat kif ġej:
 - 4.1 Tagħmir u apparat mfassla speċifikament biex iqabbd splużjonijiet b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, inklużi settijiet tat-tqabbid, detonaturi, apparati li jqabbd, busters u fil detonatur, u komponenti mfassla speċifikament għalihom; minbarra dawk mfassla speċifikament għal użu kummerċjali speċifiku li jikkonsistu fl-attwazzjoni jew l-operat b'mezzi splussivi ta' tagħmir jew apparat ieħor li l-funzjoni tagħhom mhijiex il-ħolqien ta' splużjonijiet (pereżempju, neffieħa tal-airbags tal-karozzi, apparat li jipprevjeni ż-żieda f'daqqa tal-elettriku ta' attwaturi ta' bexxiexa għat-tifi tan-nar);
 - 4.2 Kargi splussivi ta' qtugħ lineari mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni;

▼ M2

- 4.3 Splussivi oħra mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni u sustanzi relatati kif ġej:
- a. amatol;
 - b. nitroċelluloża (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu);
 - c. nitroglukol;
 - d. tetranitrat tal-penteritritol (PETN);
 - e. klorur tal-pikril;
 - f. 2,4,6-trinitrutoluwen (TNT).
5. Tagħmir protettiv mhux ikkontrollat mill-LM 13 tal-Lista Militari Komuni kif ġej:
- 5.1 Korazza kontra l-balal li tipprovdi protezzjoni ballistika u/jew kontra ferimenti b'arma bil-ponta jew sikkina;
 - 5.2 Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew mill-frammenti, elmi għal kontra l-irvellijiet, tarki għal kontra l-irvellijiet u tarki ballistiċi.
- Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax:*
- tagħmir imfassal speċifikament għal attivitajiet sportivi;
 - tagħmir imfassal speċifikament sabiex jissodisfa rekwiżiti ta' sikurezza okkupazzjonali.
6. Simulaturi, minbarra dawk ikkontrollati mil-LM 14 tal-Lista Militari Komuni, għal taħriġ fl-użu ta' armi tan-nar, u softwer imfassal speċifikament għalihom.
7. Tagħmir ta' viżjoni fid-dlam, termografiku u tubi tal-intensifikazzjoni tal-immagħni, minbarra dawk ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni.
8. Fildiferru mxewwek (barbed wire) li jaqta'.
9. Skieken militari, skieken tal-ġlied u bajunetti b'xafra itwal minn 10 cm.
10. Tagħmir ta' produzzjoni ddisinjat speċifikament għall-oġġetti speċifikati f'din il-lista.
11. Teknoloġija speċifika għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

▼ **M2***ANNESS IV***It-tagħmir, it-teknoloġija u s-softwer imsemmija fl-Artikoli 1b u 1c****Nota Ġenerali**

Minkejja l-kontenut ta' dan l-Anness, huwa mhux ser japplika għal:

- (a) tagħmir, teknoloġija jew softwer li huma speċifikati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) 428/2009 ⁽¹⁾ jew il-Lista Militari Komuni; jew
- (b) softwer li huwa mfassal għall-installazzjoni mill-utent mingħajr aktar appoġġ sostanzjali mill-fornitur u li huwa ġeneralment disponibbli għall-pubbliku billi jinbiegħu mill-ħażniet f'postijiet ta' bejgħ bl-immnut, mingħajr restrizzjoni, permezz ta':
 - (i) tranżazzjonijiet mhux regolati (over the counter);
 - (ii) tranżazzjonijiet permezz ta' ordnijiet bil-posta;
 - (iii) tranżazzjonijiet elettroniċi; jew
 - (iv) tranżazzjonijiet permezz ta' ordnijiet bit-telefon; jew
- (c) softwer li huwa fid-dominju pubbliku.

Il-kategoriji A, B, C, D u E jirreferu għall-kategoriji li jirrifere għalihom ir-Regolament (KE) Nru 428/2009.

It-“tagħmir, teknoloġija u softwer” imsemmija fl-Artikolu 1b huwa:

A. Lista ta' tagħmir

- tagħmir għall-ispezzjoni tal-pakketti fil-fond
- tagħmir ta' Interċettar ta' Netwerk li jinkludu Tagħmir ta' Ġestjoni tal-Interċettar (IMS) u tagħmir ta' Data Retention Link Intelligence
- tagħmir ta' sorveljanza tal-Frekwenzi tar-Radju
- tagħmir ta' ġġammjar ta' Netwerks u Satelliti
- tagħmir ta' Infettar Telekomandat
- tagħmir ta' għarfien/ipproċessar tal-kelliem
- tagħmir ta' interċettar u sorveljanza IMSI ⁽²⁾, MSIDN ⁽³⁾, IMEI ⁽⁴⁾, TMSI ⁽⁵⁾

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1).

⁽²⁾ IMSI tirreferi għal International Mobile Subscriber Identity (identità internazzjonali tal-abbonat mobbli). Huwa kodiċi uniku ta' identifikazzjoni għal kull tagħmir ta' telefonija mobbli, integrat fis-SIM card u li jippermetti l-identifikar ta' tali SIM permezz ta' netwerks ta' GSM u UMTS.

⁽³⁾ MSISDN tirreferi għal Mobile Subscriber Integrated Services Digital Network Number (numru tas-servizzi integrati tan-netwerk diġitali għall-abbonat ta' telefonija mobbli). Huwa numru li jidentifika b'mod uniku abbonament f'netwerk ta' telefonija mobbli GSM jew UMTS. Fi kliem sempliċi, huwa n-numru tat-telefon għas-SIM card fit-telefon mobbli u għalhekk jidentifika lill-abbonat tat-telefon mobbli kif ukoll l-IMSI, iżda sabiex is-sejħiet jiġu trażmessi mingħandu.

⁽⁴⁾ IMEI tirreferi għal International Mobile Subscriber Identity (identità internazzjonali tal-abbonat mobbli). Huwa numru, normalment uniku li jidentifika t-telefon mobbli GSM, WCDMA u IDEN kif ukoll ċerti telefons satellitari. Normalment ikun ipprintjat għol-kompartiment tal-batterija tat-telefon. L-interċettar (interċettar tal-linji telefoniċi) jista' jiġi speċifikat min-numru IMEI tiegħu kif ukoll l-IMSI u l-MSISDN.

⁽⁵⁾ TMSI tirreferi għal Temporary Mobile Subscriber Identity (identità temporanja tal-abbonat mobbli). Hija l-identità li tintbagħat l-aktar komunement bejn l-apparat mobbli u n-netwerk.

▼ **M2**

- tagħmir tattiku ta' interċettar u sorveljanza SMS ⁽¹⁾/GSM ⁽²⁾/GPS ⁽³⁾/GPRS ⁽⁴⁾/UMTS ⁽⁵⁾/CDMA ⁽⁶⁾/PSTN ⁽⁷⁾
- tagħmir ta' interċettar u sorveljanza tal-informazzjoni DHCP ⁽⁸⁾, SMTP ⁽⁹⁾, GTP ⁽¹⁰⁾
- tagħmir ta' għarfien ta' xejriet u klassifikazzjoni ta' xejriet
- tagħmir forensiku minn distanza
- tagħmir ta' inġenji għall-ipproċessar semantiku
- tagħmir ta' tiftix u ta' dekodifikazzjoni WEP u WPA
- tagħmir ta' interċettar għall-protokolli proprjetarji u standard tal-VoIP

B. Mhux użati

C. Mhux użati

D. “Softwer” għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” tat-tagħmir speċifikat f'A hawn fuq.

E. “Teknoloġija” għall-“iżvilupp”, “il-produzzjoni” jew l-“użu” tat-tagħmir speċifikat f'A hawn fuq.

Tagħmir, teknoloġija u softwer li jaqgħu f'dawn il-kategoriji huma fl-ambitu ta' dan l-Anness biss sal-punt li jaqgħu taħt id-deskrizzjoni ġenerali “sistemi ta' interċettar u sorveljanza tal-komunikazzjonijiet bl-internet, bit-telefon u bis-satel-lita”.

Għall-fini ta' dan l-Anness, is-“sorveljanza” tfisser l-akkwist, l-estrazzjoni, id-dekodifikar, ir-reġstrar, l-ipproċessar, l-analiżi u l-arkivjar tal-kontenut tat-telefonati jew id-dejta tan-netwerk.

⁽¹⁾ SMS tirreferi għal Short Message System (sistema ta' messaġġi qosra).

⁽²⁾ GSM tirreferi għal Global System for Mobile Communications (sistema globali għall-komunikazzjoni mobbli).

⁽³⁾ GPS tirreferi għal Global Positioning System (sistema ta' pozzizzjonament globali).

⁽⁴⁾ GPRS tirreferi għal General Package Radio Service (servizz ġenerali tar-radju fpakketti).

⁽⁵⁾ UMTS tirreferi għal Universal Mobile Telecommunication System (sistema universali ta' komunikazzjoni mobbli).

⁽⁶⁾ CDMA tirreferi għal Code Division Multiple Access (aċċess multiplu b'diviżjoni tal-kodiċi).

⁽⁷⁾ PSTN tirreferi għal Public Switch Telephone Network (netwerk telefoniku pubbliku bl-iswiċċ).

⁽⁸⁾ DHCP tirreferi għal Dynamic Host Configuration Protocol (protokoll ta' konfigurazzjoni dinamika tal-host).

⁽⁹⁾ SMTP tirreferi għal Simple Mail Transfer Protocol (protokoll ta' trasferiment sempliċi tal-posta).

⁽¹⁰⁾ GTP tirreferi għal GPRS Tunneling Protocol.